# Atti tat-Tifkira

tal-Ħamsin Sena mill-Mewt
tal-Poeta Nazzjonali

# Dun Karm Psaila

(1871 - 1961)
President Onorarju
tal-Għaqda Każin Banda San Filep
AD 1851

*Editur:*
Philip Balzan

– 19 ta' Frar, 2011 –

Pubblikkazzjoni Każin Banda San Filep A.D. 1851
12, Misraħ San Filep, Ħaż-Żebbuġ

L-ewwel edizzjoni 2011

Ippubblikat fid-19 ta' Frar, 2011.

Drittijiet miżmuma.
Ebda parti minn dan il-pubblikazzjoni ma tista' tiġi riprodotta, trasmessa jew maħżuna f'sistemi komputerizzati jew b'xi mod ieħor jekk mhux bil-permess tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851

Copyright© Għaqda Każin Banda San Filep AD1851

ISBN: 978-99957-0-005-8

Mitbugħ minn Bestprint Co. Ltd., Qrendi.

*Dedika*

*Lil dawk il-membri u benefatturi*
*li matul l-aħħar mija u sittin sena*
*ħadmu biex issedqet u kibret*
*il-Għaqda Każin Banda San Filep*
*A.D. 1851 - 2011*

## Ħajr lil

Prof Oliver Friggieri
Frans Sammut, kittieb
Rev Prof Peter Serracino Inglott
Dr Philip Sciberras, Imħallef Emeritu
Kevin J. Ellul, Biblijotekarju, Università ta' Malta
Carmel Azzopardi, President tal-Akkademja tal-Malti
kif ukoll lil
Dr. Godfrey Farrugia, president
Tarcisio Mifsud, segretarju
Philip Balzan, Uffiċjal tar-Relazzjonijiet Pubbliċi
John Gafà, arkivista
tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851

# Werrej

Dedika ........................................................................................
Ħajr ..........................................................................................
Daħla .........................................................................................
Programm.......................................................................................
Dun Karm u l-Ġrajja tal-Innu Malti – Prof O. Friggieri ...........................
Dun Karm Poeta Ċajtier - Rev Prof P. Serracino Inglott ..........................
Sehem Dun Karm fil-Qawmien Nazzjonali Malti – F. Sammut ...............
Dun Karm u l-Għ. Każ. Banda S Filep A.D. 1851
– Dr G. Farrugia ..............................................................................
Kelmtejn tal-Aħħar - Onor Imħallef Emeritu Dr Ph. Sciberras ................
Għażla ta' Poeżiji Moqrija ...................................................................

**Appendiċi:**
Il-Ġbir tal-Poeżiji Kollha bit-Taljan u bil-Malti ta' Dun Karm
– O.Friggieri ...................................................................................
Dun Karm: L-Ambjent Żebbuġi u Lil Hinn Minnu - F. Sammut .............
Kronoloġija ta' Ħajjet Dun Karm – G. Farrugia .......................................
Ritratti ........................................................................................

# Programm

tal-Lejla Mużiko-Letterarja
b'ġieħ lil

## Dun Karm Psaila

l-Poeta Nazzjonali Malti
u President Onorarju
tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851
ippreseduta
mill-Imħallef Emeritu Dr Philip Sciberras

| | | |
|---|---|---|
| Mużika | **Innu ta' Filgħaxija** | kantant Ivan Vella |
| | **L-innu tal-Kungress Marjan** | kantanta Joan Mangion |
| Diskors | **Dun Karm u l-Innu Malti** | Prof. Oliver Friggieri |
| Mużika | **Noti nebbieħa tal-Innu Malti** | arr. Mro Richard Bugeja |
| Diskors | **Dun Karm Poeta Ċajtier** | Rev. Prof. Peter Serracino Inglott |
| Mużika | **L-Innu Ewkaristiku** | kantanta Albertine Abela |
| | **Innu lil Qalb ta' Ġesù** | kantanta Joan Mangion |
| Qari ta' Poeżiji | **Omm** | qarrejja Alessandra Farrugia |
| | **Univers Ieħor** | u Olivia Borg |
| | **L-10 ta' Frar 1945** | |
| | **Lil Malta** (Wara elfejn attakk mill-ajru) | |
| | **Lil Malta** (Wara l-Ġieħ tal-George Cross) | |
| | **Liema?** | |

| | | |
|---|---|---|
| Mużika | **Innu lill-Madonna** | kantanta Albertine Abela |
| Diskors | **Sehem Dun Karm fil-Qawmien Nazzjonali Malti** | Frans Sammut, kittieb |
| Qari ta' | **Wied Qirda** | qarrej Joe Cortis |
| Poeżiji | **Lil Mikiel Anton Vassalli**<br>**Għal Dun Mikiel Xerri**<br>**Lil Ħaż-Żebbuġ, Raħal Twelidi** | |
| Mużika | **Innu ta' Filgħodu** | kantant Ivan Vella |
| | **Nirien ta' Mħabba** | kantanta Joan Mangion |
| Diskors | **Dun Karm u l-Għaqda tal-Banda San Filep** | Dr Godfrey Farrugia |
| | **Kelma tal-Għeluq** | Dr Philip Sciberras |
| Mużika | **Innu lil San Filippu t'Aġġira** | kantanti Albertine Abela u Ivan Vella |
| | **L-Innu Malti** | kantanta Joan Mangion |

**Direzzjoni mużikali:** Mro Richard Bugeja FLCM
**Preżentaturi:** Graziella Attard u Tanya Borg
**Produzzjoni:** Kummissjoni Kultura u Kummissjoni Banda tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851

# Daħla

Għeluq il-50 sena mill-mewt ta' Dun Karm hu bla dubju avveniment ta' importanza nazzjonali u hu bix-xieraq li jitfakkar kif mistħoqq mill-Maltin kollha. Xieraq ħafna wkoll li l-ewwel attività li tfakkar dan l-avveniment tiġi organizzata f'Ħaż-Żebbuġ, raħal twelid il-poeta, u forsi hu aktar xieraq ukoll li din l-ewwel attività tiġi organizzata proprju mill-Każin tal-Banda San Filep li tiegħu Dun Karm kien ukoll president.

Dun Karm jispikka bħala l-poeta li seddaq il-valuri nsara u ċċelebra l-patrijottiżmu, patrijottiżmu li ma jixrifx biss minn għadd sabiħ ta' poeżiji, fosthom *Il-Għanja tar-Rebħa, Lill-Bandiera Maltija, Lil Malta* u *l-Innu Malti*, imma wkoll mill-fatt li Dun Karm, poeta ta' 41 sena diġà magħruf għall-poeżija tiegħu bit-Taljan, għażel li jibda jikteb bil-Malti, lingwa pjuttost limitata li kienet għadha qed tistenna li takkwista alfabett stabbilit u r-regoli tal-ortografija, it-tnejn stabbiliti ftit wara mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja, li tagħha l-istess Dun Karm kien ukoll president. Dun Karm laqa' l-isfida – l-isfida li jagħti prova li l-ilsien Malti, dak iż-żmien l-ilsien tal-kċina, kien ilsien tajjeb biżżejjed biex bih tinkiteb poeżija tal-ogħla livell. U l-mira ambizzjuża tiegħu Dun Karm laħaqha. Għax il-ħila fit-tħaddim tal-ilsien hi ħila li tispikka b'mod kostanti fix-xogħlijiet tiegħu. Il-kelma Maltija f'idejn il-ġenju tingħaġen hekk li tiżfen bla tqanżiħ mar-ritmu waqt li ddoqq bil-mużikalità.

Prosit lill-Każin tal-Banda San Filep li ħa l-inizjattiva li jtella' din l-akkademja. Jagħmel ħafna sens, anzi huwa dmir tagħna lkoll bħala Maltin u anke bħala Żebbuġin, li nagħtu l-ġieħ mistħoqq lil dan il-persunaġġ uniku li tant ħadem għall-ġid tal-ilsien Malti, tal-letteratura Maltija u ta' Malta.

**Carmel Azzopardi**
President tal-Akkademja tal-Malti



Solennizzandosi

Al Taumaturgo San Filippo d'Agira

Da la Festività di Lui

# Sonetto:

Perchè, Signore, a la tua voce, trema,
da l'ime fondamenta, Stige irato?
qual, di potenza, in te, nuovo problema,
a noi, così, t'invia santificato?

tale, a Filippo, in suono d'ansia tema
il popolo d'Agira, ch'è infestato
dal rubello Satan, che vede scema
la dira potestà ch'avea acquistato.

E quel da le pupille sponte al sole,
lo qual, novellamente, luce vede:
— Qual forza di virtude in tue parole? —

E l'Universo intero da polo a polo,
si prostra a lui, che, in mezzo ai mali incede
salute dando a questo, a quel, consolo

C.

[illegible]lla — Città — Rohan — 1904

Sunett petrarkan ta' Dun Karm lil San Filep t'Aġġira, 1904.

# Dun Karm u l-Innu Malti

*Professur Oliver Friggieri*

## Daħla Ġenerali

Is-sena 1921, is-sena tal-Kostituzzjoni, qanqlet lil Dun Karm (1871-1961) biex jikteb il-poeżija '1921 – Lil Ħuti l-Maltin nhar l-Għoti tal-Kostituzzjoni', li hi speċi ta' innu patrijottiku mnebbaħ mill-bżonn tal-għaqda nazzjonali fi żmien ta' firda partiġġjana. Huwa kien jibża' ħafna li, bħala qassis u poeta, jintrabat ma' xi kulur politiku, u għalhekk lil dan l-innu, bla mużika, huwa baqa' ma xandrux qabel Diċembru 1939, u ppubblikah sewwasew f'rivista (*Il-Malti*, IV, XV, Diċ, 1939, p.20). Taħt il-poeżija huwa niżżel din in-nota: 'Dan l-innu kellu jiġi mqiegħed fil-mużika għal dik il-ħabta. Il-mużika ma saretx u l-innu baqa' ma deherx. Min jaf jekk ikun jiswa f'li ġej?' Dan ifisser li fil-bidu tas-snin għoxrin tas-seklu għoxrin, ftit snin biss wara l-1912 meta beda jikteb anki bil-Malti, wara li kien ilu jikteb bit-Taljan sa mill-1889, Dun Karm kellu diġà l-ħsieb li jikteb versi li setgħu jiġu mogħtijin il-mużika biex jitkantaw bħala espressjoni nazzjonali.

F'Malta kolonja Ingliża, ftit snin biss wara l-ġrajja mdemmija tas-Sette Giugno, 1919, ma kinitx ħaġa ħafifa li jinħareġ innu minn mużiċista Malti u minn poeta Malti li jinterpreta s-sens tal-awtonomija u tas-sovranità ta' poplu, u wisq aktar tan-nazzjonalità. L-Imperu Ingliż kien għadu jaħkem parti kbira ħafna tad-dinja, u mill-kobor bla qies tal-Indja saċ-ċokon uniku ta' Malta, l-Ingilterra kienet interessata li żżomm it-territorji tagħha kollha fit-tip ta' stabbiltà li kellhom. Imma, anki jekk ma kienx jaf, fil-modestja tiegħu Dun Karm kien fil-fatt qiegħed jgħum f'baħar ta' dan it-tip. Il-kitba tiegħu bil-Malti, fl-isfond ta' ħajja letterarja twila (poeżija u saġġistika) mfissra biss bit-Taljan (mill-pubblikazzjoni tal-versi bikrija 'La dignità episcopale', fl-1889, u l-ħruġ tal-ktieb *Foglie d'alloro* fl-1896, sa meta beda jikteb bil-Malti fl-1912 u wara), kienet minnha nnifisha dikjarazzjoni politika, pożizzjoni fi ħdan il-konfront bejn il-kurrenti politiċi u kulturali, Taljan vs Ingliż, tal-epoka. Lil din il-pożizzjoni tiegħu huwa pprova jiddeskriviha fis-sunett 'Lil Malta' (1939), fejn mill-apprezzament tal-Italja tal-kultura u mill-istima lejn l-Ingilterra

tal-politika huwa jgħaddi biex jippreferi lil Malta, 'għax int biss ommi, inti tajtni l-isem' (v. 10), ripetizzjoni, bħal drabi oħra, tal-kliem tal-'Innu Malti'.

Wara li huwa ta l-aħħar lezzjoni tas-sena skolastika, u wasal fid-dar, fil-31 ta' Mejju 1921 huwa sab informazzjoni li kien għadu kemm ingħażel bħala Assistent Bibljotkarju fil-Bibljoteka, minn fost erbgħa u tletin applikant. Flimkien mad-Direttur ta' dak iż-żmien, il-Professur E. Magro, huwa beda x-xogħol fil-Bibljoteka, Valletta, dak in-nhar stess, għall-ħabta tas-2.00pm, wara li kien għadu kemm kiel. Ġużè Bonnici (1907-1940), li kellu rispett kbir lejn il-poeta, jistqarr dan fid-daħla 'Il-poeta u kitbitu' għall-ktieb *Il-Għana ta' Dun Karm*, I, 1939, paġni 16-17.

Dan kien għalih żmien sabiħ, kif fakkar hu stess f'ittra lill-Professur Ġużè Aquilina tal-25 ta Settembru 1933, imxandra f'*Ward ta' Qari Malti*, I, volum ikkurat minn Pietru Pawl Saydon u Ġużè Aquilina, fl-1936: 'Ftakart fl-aħħar meta... bdiet għalija medda ta' snin, ma ngħidx ta' hena u ta' ferħ, iżda għallinqas ta' faraġ u ta' sliema, fil-ġabra u fix-xogħol tal-Bibljoteka, qalb il-kotba li jien ħabbejt u li għadni nħobb bħalma jinħabbu l-ħbieb li jgħidulek il-kelma kif toħroġ minn qalbhom, u li ma jitfantsux, jekk inti ma taqbilx magħhom.'

Issa li kien inħatar Bibljotekarju kien se jkun liberat mill-vjaġġi bejn il-Belt Valletta u l-Imdina, waqt li kien se jkollu aktar ħin għall-istudju u għall-kitba. Dan il-fatt jidher sewwa mil-lista tal-poeżiji li kiteb fis-snin għoxrin u tletin, bit-Taljan u bil-Malti. Fil-Bibljoteka huwa kellu uffiċċju fir-rokna, jekk wieħed jidħol min-naħa tax-xellug tal-Bibljoteka, u kellu tieqa li tagħti għal fuq Triq it-Teżorerija. Kellu mejda ftit kbira, u ħafna kotba fuq l-ixkafef mal-ħitan. Kien raġel dejjem medhi bil-qari u bix-xogħol, mimli sabar biex jgħallem lil min jistaqsih xi ħaġa. Kulħadd kien jiftakru milwi fuq xi ktieb jew reġistru. Tifkiriet personali bħal dawn jinsabu f'kitbiet bħal 'Min hu Dun Karm Għalija' ta' Ġorġ Zammit (*Leħen il-Malti*, XXXI, 4, 1962, pp.36-37), u 'Kelmtejn ma' Dun Karm' ta' Giovanni Curmi (*Leħen il-Malti*, XXXI, 4, 1962, p.39).

Fil-bidu ta' din il-ħidma bibljotekarja kellu jsib ruħu bħala l-bniedem magħżul biex jikteb l-innu nazzjonali ta' pajjiżu. Xi darba fil-bidu tas-snin għoxrin tas-seklu għoxrin id-direttur tal-iskejjel elementari tal-Gvern, Dr. A. V. Laferla (1887-1943) kellu l-okkażjoni li jikseb biċċa kompożizzjoni mużikali mingħand il-Professur Robert Samut (1869-1934), li kien studja

u speċjalizza fil-mediċina anki biex jogħġob lil missieru, għalkemm sa minn ċkunitu u tul ħajtu kollha wera ġibda kbira lejn il-mużika u l-aktar lejn il-pjanu, li hu kien idoqq ukoll. Tagħrif ġdid dwar Robert Samut kien maħruġ fin-*National Ceremony to Commemorate Prof. Lt. Col. Robert Samut*, pubblikazzjoni tal-Kumitat Ċiviku tal-Furjana (1968). Ġara li Samut kien spiċċa biex tħajjar jikteb innu għal Malta wara li fl-Università ta' Edinburgh, minn fejn huwa kiseb il-gradi ta' M.B. u Ch.M., sħabu barranin kienu talbuh ikantalhom l-innu ta' pajjiżu. Huwa f'din l-okkażjoni nduna li Malta ma kellhiex innu nazzjonali, u għalhekk tħajjar jikteb melodija huwa stess meta wasal lura fil-pajjiż. Samut semma' din il-melodija tiegħu lil Laferla, li wiegħdu li jsib lil xi ħadd li seta' jikteb xi kliem bil-Malti għaliha, biex imbagħad  il-melodija u l-versi, bħala innu ġdid, jibdew jitkantaw mit-tfal tal-iskejjel tal-Gvern.

Dun Karm kien igawdi stima kbira minn A.V. Laferla. Għalhekk l-għażla ta' Laferla waqgħet minnufih fuqu. Dun Karm, li kien dilettant tal-pjanu u kellu l-pjanu tiegħu, wiegħdu li kien se jaqdih mill-aħjar li seta', kif tindika t-tifkira miktuba li ħalla hu nnifsu: 'Kif dħalt fl-appartament tiegħi fi Triq l-Ifran, il-Belt, mort fuq il-pjanu, daqqejt mill-aħjar li stajt dak il-motiv, li kien għad ma kellux l-akkumpanjament, u fittixt li nlaqqa' mar-ritmu tal-mużika r-ritmu tal-vers Malti. Rajt li ebda vers ma kien qed jaqbel jew għallinqas jersaq ma' dak il-motiv, ħlief il-vers tal-ħdax (endekasillabu), u billi l-motiv kien qasir, ma kinux jidħlu fil-medda tiegħu kollha ħlief tlieta minn dawn il-versi. U jien għidt: bi tliet versi x'nista' nagħmel? Imma ħsibt ftit u għaddiet bħal berqa minn moħħi l-lehma tal-Innu Nazzjonali fis-sura ta' talba 'l Alla għal Malta.' ('Kif Sar l-Innu Malti', *Il-Berqa*, 16/3/1944, p.2).  Tagħrif ieħor hu mogħti wkoll minn Ninu Cremona fl-artiklu 'Dun Karm u l-Innu Malti', imxandar f'*Il-Malti*, IV, XXXVII, Diċembru 1961, pp.106-108. Fil-fehma ta' Toni Cortis l-innu ndaqq għall-ewwel darba fis-27 ta' Diċembru 1922 ('Encore għall-Innu Malti', *In-Nazzjon Tagħna*, 1/6/1993, p.4).

Dun Karm stess kiteb biex jispjega x'kien l-iskop tiegħu meta kiteb dawk il-versi, dejjem fl-isfond politiku u soċjali tas-snin għoxrin u tal-ambjent Malti, bejn belti u bejn raħli, li hu trabba fih: 'Għarrixt fiż-żmien li fih konna ninsabu, u billi dik il-ħabta kien hawn ftit ta' antagoniżmu politiku, jiena  fittixt li nressaq u ngħaqqad lil kulħadd f'rabta ta' mħabba reliġjuża u patrijottika.' Dan il-ftit tagħrif, mogħti mill-awtur innifsu,

huwa biżżejjed biex jipprovdi qafas li fi ħdanu jsir stħarriġ storiċistiku tal-versi fihom infushom.

## L-Għażla tal-Forma Metrika

Dun Karm innifsu stqarr li ebda vers ma kien qiegħed jersaq lejn il-motiv ta' Robert Samut ħlief l-endekasillabu, il-vers ta' ħdax-il sillaba, li daqskemm hu strett, klassiku u preċiż fl-eleganza tiegħu, huwa wkoll ħieles u ħarkieni għaliex jistrieħ l-aktar fuq l-aċċent fiss mixħut fuq is-sillaba ta' qabel tal-aħħar, il-penultima, l-għaxar waħda. Din hi s-sillaba li tagħlaq lill-vers bħala vers tronk jekk il-poeta jiddeċiedi hekk, kif fil-fatt se jagħmel sikwit. Hi wkoll is-sillaba li tintroduċi lill-aħħar sillaba mhux-aċċentata, il-ħdax-il waħda, jekk il-vers hu sħiħ, pjan. Huwa stqarr ukoll li l-motiv mużikali kien qasir, tant li fil-medda tiegħu ma setgħux jidħlu aktar minn tliet versi tal-vers imsemmi, l-endekasillabu.

Għalhekk malli jiskopri l-motiv mużikali, Dun Karm jistaqsi l-mistoqsija fundamentali kollha li minn issa 'l quddiem se tispjega u tiddetermina l-forma metrika, poetika, li kellu jagħżel, kważi bil-fors. Huwa staqsa, kważi bi ftit diżappunt, nimmaġina, waqt li beda jdoqq il-melodija ta' Samut fuq il-pjanu tiegħu stess: ''Bi tliet veri x'nista' nagħmel?'' Dan hu l-kliem preċiż tiegħu stess, kif ftakar hu stess fl-1947. Imma għal din il-problema teknika huwa minnufih sab soluzzjoni tematika, u fis-sentenza ta' wara huwa kiteb xi ħaġa li ma ssegwix, u li hi ta' natura politika, u mhux letterarja: 'Imma ħsibt ftit u għaddiet bħal berqa minn moħħi l-lehma tal-Innu Nazzjonali fis-sura ta' talba 'l Alla għal Malta.'

Problema ta' metrika hi bħallikieku maħlula minnufih bl-għarfien ta' soluzzjoni tematika. Dun Karm induna *kif* kellu jikteb billi skopra *x'kellu* jikteb. Il-kontenut solva l-problema tal-forma: waqt li ma kienx jaf kif se jikteb, kien jaf x'kellu jikteb. Minn hawn 'il quddiem huwa jidher li kien iddeċieda li, biex ikun fidil lejn il-motiv mużikali ta' Samut, kellu jikteb il-versi tal-ħdax u kellu jdaħħalhom f'terzina.

## Ix-Xejriet tal-Forma Metrika

L-għażla kellha tkun it-terzina ta' endekasillabi. Ma hix l-istrofa l-iżjed popolari fit-tradizzjoni Oċċidentali kollha, jew tas-Sud Ewropew, jew ta' Malta stess, kemm fil-qasam tal-kitba Maltija bit-Taljan u kemm fil-

qasam tal-kitba bil-Malti, minn Ġan Anton Vassallo fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax 'l hawn. Lanqas ma hi strofa favorita ta' Dun Karm innifsu, la fil-versi bit-Taljan li beda jikteb mill-1889, u li kompla jiktibhom għallinqas sa l-1946, u aktarx wara (skont id-dati li rnexxieli nsib jien u niġbor il-poeżiji tiegħu bit-Taljan), u lanqas fil-versi bil-Malti li beda jikteb fl-1912. It-terzina hi l-istrofa li biha huwa kiteb poeżiji bħal 'Alla Croce', 'Pianto e Speranza' u 'Amor non torna!' u bil-Malti 'Poeta', 'Bħall-Ilma l-Imħabba', 'Pater', 'Fil-Mewt ta' Ġużè Muscat Azzopardi'. It-terzina hi l-aktar frekwenti f'Dun Karm biss bħala parti mis-sunett, fejn hi miktuba darbtejn biex tifforma s-sestett, bi skemi tar-rima varji.

Kif jgħidu xi studjużi t-terzina tnisslet mis-serventiż inkatinat (għamla ta' poeżija lirika antika magħmula minn strofi ta' tliet versi) jew mill-istornell jew mill-madrigal. Is-serventiż kien għamla ta' poeżija aktarx satirika mfittxa ħafna mit-trubaduri. Kienet poeżija lirika mqassma fi strofi biex titkanta. L-importanza tagħha hi marbuta l-iżjed mal-poeti Provenzali u Franċiżi. Is-serventiż kien isir minn ministrell biex jaqdi lis-sid tiegħu, u minbarra s-satira kien ikollu xeħta ta' mħabba, tifħir u politika. Is-serventiż inkiteb f'għadd ta' forom, iżda l-aktar waħda magħrufa hi magħmula minn strofi ta' tliet endekasillabi u kwinarju. It-tliet endekasillabi kien ikollhom l-istess rima, waqt li mill-kwinarju kienet tieħu r-rima tagħha l-istofa ta' wara. Din hi forma poetika li tersaq ħafna lejn il-forma li adotta Dun Karm għall-'Innu Malti', imma hi differenti.

L-istornell kien strofa żgħira ta' tliet versi li l-ewwel vers tagħha hu aktarx kwinarju, u t-tnejn l-oħra huma endekasillabi. L-ewwel vers u t-tielet wieħed kienu jirrimaw, waqt li t-tieni kien ikun fih assonanza. Xi drabi l-istornell huwa miktub ukoll b'żewġ versi jew bi tlieta, aktarx endekasillabi bir-rima bejniethom, jekk huma tnejn, u bl-iskema msemmija jekk huma tlieta. L-istornell huwa forma mnissla mill-istrambott. L-istrambott kien forma popolari Taljana mxerrda ħafna fis-sekli Erbatax u Ħmistax. Fost forom oħrajn, kien xi drabi magħmul minn sitt endekasillabi bir-rima a-b-a-b-a-b. L-istrambott hu l-forma magħrufa bħala 'rispett' fit-Toskana. Dun Karm joffri eżempju rari ħafna fil-poeżija tiegħu 'In classe', strambott mibni fuq il-forma Toskana ewlenija a-b-a-b-ċ-ċ-d-d.

Waqt li t-terzina ntużat bħala metru narrattiv, daħlet ukoll fil-lirika u fil-poeżija didaskalika. L-aqwa xogħol bit-terzina, magħrufa wkoll

bħala t-terza rima, hi d-*Divina Commedia*. Teżisti wkoll l-istrofa ta' tliet versi magħrufa fit-tradizzjoni Franċiża bħala *ternaire*, magħmula minn tliet versi bl-istess rima: a-a-a. Dun Karm se jersaq lejha mingħajr ma jadottaha għall-iskopijiet tiegħu li b'xi mod huma kondizzjonati dejjem mill-melodija ta' Samut.

## Ir-Relazzjoni Bejn l-Ewwel u t-Tieni Terzina

L-ewwel terzina hi mmexxija min-nom u mill-pronom fil-femminil, u fis-singular. Kollox jitkellem dwar l-omm ('din', 'art', 'ħelwa', 'tatna'', 'isimha', 'lilha'). Għalhekk kollox jevoka ġentilezza, ġenerożità, min-naħa ta' 'l-omm' li 'tatna' daqskemm min-naħa tal-'Mulej', li Miegħu huma marbutin l-attributi ta' 'ħarist' (providenza) u 'libbist' (fidi). Fit-tieni kwartina, għall-kuntrarju, is-sens ewlieni huwa maskili (fl-ewwel u fit-tieni vers: 'kbir', 'jaħkimha', 'sid', 'ħaddiem') u kollettiv, fil-plural ('fil-Maltin'), anki jekk id-doni, minbarra li huma maskili ('deh'n', 'sliem') huma wkoll femminili ('ħniena, 'saħħa', 'għaqda'). F'dan is-sens jista' jikseb ġustifikazzjoni l-użu ta' żewġ kelmiet sinonimi għal Alla, jiġifieri 'Mulej' fl-ewwel strofa, terminu ta' qima, u 'kbir Alla' fit-tieni strofa, terminu ta' poter. Dun Karm juża l-frażi 'kbir Alla' anki f'poeżiji oħrajn, bħal 'Alla', v.1, 'Innu lil San Filippu ta' Aġġira', v. 5, 'Il-Milied', vv. 5, 21, 'Innu tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla', v. 7.

Id-differenza f'dan l-aspett bejn iż-żewġ terzini tinħass ukoll fil-verbi, li lkoll wara xulxin jifformaw mixja ta' gradazzjoni, intensifikazzjoni: (I) 'ħares', 'ftakar'; (II) 'agħti', 'rodd', 'seddaq'. Għalhekk il-grammatika kollha tal-innu (u mhux biss fil-versi 2 u 4 fejn jissemma Alla) turi li s-suġġett, f'relazzjoni mal-kelma-muftieħ 'omm', huwa dejjem Alla.

Il-mixja gradata msemmija hi l-qofol tal-innu. Fl-isfond tal-qagħda politika u soċjali Maltija madwar il-bidu tas-snin għoxrin tas-seklu għoxrin, u anki fid-dawl tat-tema ewlenija tal-kitba tiegħu kollha (il-maternità u l-implikazzjonijiet tagħha fuqu, bħala iben, qassis, ċelibi), huwa fassal innu li huwa t-talba ta' iben (u mbagħad ta' ħafna aħwa, ta' poplu: 'tatna') lill-missier biex huwa jieħu ħsieb ta' ommu. L-Innu Malti hu mqassam f'żewġ mumenti li jespandu l-istess tema, ta' soċjetà politika, mifhuma f'termini ta' familja (I), u mbagħad ta' sistema demokratika (II). Dan kollu, apparti t-test stess, jiftiehem aħjar anki fl-isfond bijografiku tal-poeta, iben baħħâr (imbiegħed minnu, u li miet fl-1892) u iben mara

raħlija u tad-dar (qrib tiegħu sa l-aħħar, u li mietet fl-1909).

Il-kelma-muftieħ tal-'Innu Malti' hi 'omm', u hi l-kelma ċentrali tal-vokabularju poetiku tiegħu kollu. B'din il-metafora antropomorfika huwa jesprimi anki s-sens tar-rabta tiegħu ma' Alla. Dun Karm jorbot lis-sens ta' Alla mas-sens tal-maternità, u l-maternità twassal dejjem is-sens tal-ħlewwa. Huwa sens Bibbliku, ta' Alla mqabbel ma' omm: ''Bħal wieħed li ommu tfarrġu, hekk infarraġkom Jien.'' (Isaija, 66, 13). L-omm u l-ħlewwa huma żewġ kelmiet li f'Dun Karm jevokaw lil xulxin, kważi bħala sinonimi, bħall-versi 261-262 ta' 'Il-Jien u lilhinn Minnu', il-versi li jindikaw it-tidwira spiritwali kollha tal-poema:

Bħal id ta' omm għaddiet ratba fuq rasi
u smajt kliem sieber ta' twissija ħelwa.

L-ewwel terzina hi t-talba ta' xi ħadd singulari li malajr jassumi l-karattru ta' rappreżentant ta' poplu sħiħ ('tatna'). Għal din il-mara ġentili ('art ħelwa', 'omm li tatna isimha'), huwa jitlob il-ħarsien issa, fil-mument storiku, fi tradizzjoni twila sħiħa ('dejjem'), li saħansitra tmur sal-bidu tal-Kristjanità ('lilha bl-oħla dawl libbist'). Bl-evokazzjoni tal-metafora Bibblika tad-dawl, Dun Karm, bħal f'bosta każijiet oħra, jirreferi - b'mod perifrastiku, bi speċi ta' antonomasja - għall-ġrajja tal-Atti tal-Appostli (28, 1-10). Il-Mulej, il-Missier, darba 'libbes' lill-'art ħelwa' bil-libsa tal-fidi, u issa hu mitlub li, waqt li 'jiftakar', ikompli 'jħarisha'. Il-lingwaġġ essenzjali ta' Dun Karm kollu – kemm il-lingwaġġ letterali u kemm il-lingwaġġ figurattiv – huwa densament Bibbliku, imnebbaħ minn kull silta, imma l-aktar mill-Ktieb ta' Ġobb, mis-Salmi u mill-Vanġeli.

Fil-qosor l-'Innu Malti' għandu din il-binja ta' ħsieb fl-ewwel terzina:

(i) missier,
(ii) ħu ħsieb ommi (ommna),
(iii) bħalma ħadt ħsiebha dejjem.

It-tieni terzina twessa' t-tema familjari, dejqa, tal-ewwel terzina u tiżvolġi diskors ta' xeħta kollha kemm hi politika. Il-grupp familjari hu mkabbar fi grupp numeruż, fejn id-dinja tal-imħabba (I) hi issa dinja ta' relazzjonijiet formali, ikkodifikati skont kuntratt soċjali (II). Il-mixja mid-diskors dwar familja (omm-missier-ulied) għad-diskors dwar soċjetà

(ħakkiem-imprenditur-ħaddiem) hija riflessa anki fl-istil tal-poeżija. Dun Karm jgħaddi għat-tieni strofa billi jenfasizza dmirijiet partikolari ('deh'n', 'ħniena', 'saħħa', 'għaqda', 'sliem'). L-ewwel żewġ kwalitajiet huma l-kawża, u l-aħħar tnejn huma r-riżultat. Bħalma fl-ewwel terzina r-riżultat kien il-paċi fil-familja, hekk ukoll fit-tieni terzina r-riżultat hu l-paċi fis-soċjetà:

(i) missier
(ii) ħu ħsieb l-istituzzjonijiet,
(iii) ħu ħsieb il-poplu.

Il-paċi pubblika tinbena fid-dawl ta' kuntratt soċjali, bir-rispett lejn ġerarkija. L-ewwel vers tat-tieni terzina jirreferi għall-gvern ('min jaħkimha'). It-tieni vers jitlob li jkun hemm relazzjonijiet sindakali, industrijali tajbin; is-'sid' u l-'ħaddiem' huma termini preċiżi li jfissru '*employer*' u '*employee*'. L-aħħar vers hu espressjoni tax-xewqa li ż-żewġ livelli msemmijin fil-versi ta' qabel jiffurmaw soċjetà li tkun mibnija fuq l-ordni. L-istat, il-qasam tax-xogħol, il-partiti politiċi u l-poplu li jsegwi l-liġi : huma tliet komponenti ta' nazzjon moderna.

Ħarsa lejn iż-żewġ terzini tista' ssir ukoll minn aspett partikolari, bħalma hu l-aspett tal-verb. Il-verbi fl-ewwel terzina jinsistu fuq l-imgħoddi, bħala ġustifikazzjoni għall-preżent ('tatna', 'ħarist', 'libbist') waqt li l-verbi fit-tieni waħda huma kollha fil-preżent ('agħti', 'jaħkimha', 'rodd', 'seddaq'). F'kull vers, minbarra fl-ewwel wieħed, hemm żewġ verbi. Wieħed jinsab fl-ewwel parti u l-ieħor fit-tieni parti tal-vers: vers 2, 'ħares' – 'ħarist'; vers 3, 'ftakar' – 'libbist'; vers 4, 'agħti' – 'jaħkimha'; vers 5, 'rodd' – '(rodd)', implikat; vers 6 'seddaq' – '(seddaq)'. Ir-relazzjoni bejn il-ftit aġġettivi – 'ħelwa', 'oħla' fl-ewwel strofa, u 'kbir' fit-tieni strofa – tindika l-mogħdija mill-kwadru familjari tal-ewwel strofa għall-kwadru politiku tat-tieni waħda. Minħabba li l-versi 2-6 huma kollha sentenzi sħaħ, huma, skont ir-rabta li għandhom mal-ewwel vers, jistgħu jitbiddlu fl-ordni tagħhom. Anki jekk b'dan it-tibdil tintilef il-gradazzjoni ta' ħsieb, il-mixja loġika tal-versi tibqa' hemm. It-tneħħija kompleta tal-enjambment (b'virgola, b'punt, fit-tmiem ta' kull vers) u l-awtonomija sintattika tal-versi 2-6 minn xulxin huma eżempji ta' kemm Dun Karm kien konxju li qiegħed jikteb versi biex jitkantaw minn ħafna nies, u li l-mużika kienet lesta diġà. Il-mixja ta' kull vers tieqaf b'pawsa, b'nifs ta' mistrieħ qabel il-vers ta' wara.

## Il-Kelmiet Ewlenin

Il-kelmiet ewlenin 'omm' u ''Mulej' u 'Alla' huma rikorrenti fil-kitba ta' Dun Karm. L-antonomasja 'Mulej' għal Alla hi magħżula f'diversi poeżiji, bħalma huma 'Alla', vv. 7, 46; 'Żjara lil Ġesù', v. 120; 'Innu ta' Filgħodu', vv.11, 9, 23, 25-33; 'Innu ta' Filgħaxija', vv. 1, 13, 25; 'Pater', vv. 1, 7; 'Ħajr', vv. 1, 5, 9; 'Imħabba Siekta', v. 1; 'Innu ta' Ferħ', v. 22; 'Innu tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla', vv. 1, 25; 'Lill-Pjaċir', v. 5; 'Żjara lil Ġesù Sagramentat', v. 1; 'Talba għax-Xita', vv. 1, 4, 9, 12. Hekk ukoll jinstab l-użu tal-aġġettiv 'kbir' għal Alla, anki bl-Italjaniżmu tal-aġġettiv imqiegħed quddiem in-nom: 'Alla', v. 1; 'Innu lil San Filippu ta' Aġġira', v. 5; 'Il-Milied', vv. 5, 21; 'Innu tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla', v. 7.

Huwa juża sikwit il-kelma 'omm' biex jiddeskrivi lil Malta, fit-tradizzjoni Taljana antika li mbagħad tasal anki sal-perijodu romantiku-risorġimentali li hu trawwem fl-isfond tiegħu. F'dawn il-versi, fost oħrajn, Dun Karm jagħti eżempji tal-gost tiegħu li joħloq apposta l-intertestwalità. Huwa jidwi u jirrepeti lilu nnifsu, f'poeżiji differenti ta' żminijiet diversi, u dejjem fil-kuntest tal-metafora tal-omm:

Kull żmien illi għadda, j'omm ħelwa, minn fuqek...
Bħal omm li taf tagħder.
'Għanja ta' Malti fl-Amerka', vv.11, 23
Għax int biss ommi, inti tajtni l-isem.

'Lil Malta', v.10

U rajt lill-art, din l-omm li tatna l-ħajja.

'Il-Għanja tal-Imħabba' , v. 15

Din l-omm ħanina, l-art li tatna isimha.

'Wara Ħamsa u Għoxrin Sena',
v. 105

Eżempju ieħor jinsab f''L-Ewwel Xita', v. 38. Fil-vers ta' wara tidher dwar Malta l-frażi 'liebsa l-ġhies tal-oħla tama', qrib tant tal-'Innu Malti'.

## Nisel Bibbliku ta' 'Art ħelwa' u 'oħla dawl'

L-aġġettivi 'ħelwa' u 'oħla' (l-aktar ħelu/ħelwa) huma favoriti minn Dun Karm (eż., 'Malta Ġawhra tal-Mediterran', v. 8; 'Il-Għanja tar-Rebħa', v. 45). Fit-tieni poeżija tiegħu 'Nell'annua commemorazione del naufragio di San Paolo a Malta', miktuba fl-1890 u ppubblikata fis-sena ta' wara fi ktejjeb, huwa kiteb diġà l-kelmiet 'dolce Melita' (v. 3). Hekk ukoll fl-1899 uża l-istess aġġettiv għal Malta, 'dolce mia patria' ('Patria', v. 5). Il-poeta li kien għad kellu biss madwar għoxrin sena, u mbagħad ukoll disa' snin wara, kien diġà qiegħed juża għal Malta l-aġġettiv li madwar tletin sena wara, fil-bidu tal-għoxrinijiet tas-seklu ta' wara, huwa kellu jerġa' jagħżlu u jiktbu bil-Malti fl-ewwel vers ta' innu nazzjonali. Il-kelma 'ħelwa' u l-varjanti tagħha huma elementi tal-lingwaġġ ta' innamorament patrijottiku tipiku ta' Dun Karm, bħal f''Malta Ġawhra tal-Mediterran', v. 8.

Il-frażi tiegħu 'oħla dawl', li tgħaqqad flimkien il-ħlewwa u d-dawl jew id-dija, hi Bibblika, kif jidher fi Ktieb Qoħelet, 11, 7: 'dulce lumen' ('ħelu d-dawl', fi kliem Saydon). Hi Bibblika wkoll l-assoċjazzjoni bejn id-dawl, jew il-bjuda, u l-ilbies, bħal f'Luqa, 24, 4: 'in veste fulgenti' ('bi lbies jiddi', fi kliem Saydon). Ir-relazzjoni dawl-bjuda-lbies tinstab ukoll f'diversi poeżiji bħal 'Innu lil Marija Tielgħa s-Sema', v. 11; 'Il-Għid il-Kbir', v. 42; 'L'Annunziata', v. 3.

L-aġġettiv 'ħanina' (eż., 'Lil Mikiel Anton Vassalli', v. 12; 'Ward', v. 4; 'Il-X ta' Frar - 1917', v. 79; 'E-Boats', v. 14) huwa magħżul ukoll bħala varjanti ta' 'ħelwa'. Il-kuntest ta' libsa, dawl u ħlewwa, it-tlieta flimkien, huwa preżenti 'l barra mill-'Innu Malti' wkoll:

Ħalli nara 'l-gżira tiegħi,
Dina l-omm ta' bosta wlied,
Liebsa l-għies tal-oħla tama,
Tħaddar, twarrad sa ġol-wied.

'L-Ewwel Xita', vv. 37-40

O Malta, xi ħlewwa ta' dija libbsitek.

'Il-X ta' Frar – 1917', v. 37

U Malta kienet tilbes l-oħla dija.

Fil-Mewt ta' Ġużè Muscat Azzopardi', v. 26

Hekk ukoll hi tipika r-rabta bejn il-ħlewwa u l-għasel:

Daqs il-għasel sibtek ħelwa.

'Lil Malta – Għanja', v.5

L-assoċjazzjoni bejn l-għasel u l-ħlewwa hija wkoll Bibblika: 'Quid dulcius melle?' (Mħallfin, 14, 18): 'X'inhu oħla mill-għasel?' (Saydon), u 'Et dulciora super mel et favum' (Salmi, 19, 10): 'oħla mill-għasel u minn qtar ix-xehda' (Saydon). Il-poeżija 'Għasel Malti' hi saħansitra espressjoni diretta tar-relazzjoni li Dun Karm jara bejn Malta u l-għasel. Huwa jindirizza lil Malta hekk fi strofa sħiħa (vv. 5-8):

Stħajjilt lilek bħal ġarra tan-naħal,
U l-bniet tiegħek ferħ naħal sabiħ
U bla heda fik jaħżen il-għasel,
L-għasel ħelu tat-tjieba u tal-ġieħ.

Dawn l-espressjonijiet ta' rabta bejn Malta u l-ħlewwa, u sewwasew il-ħlewwa tal-għasel, bir-riferiment ukoll għan-naħal, iwasslu għall-konklużjoni li Dun Karm, kif tgħid tradizzjoni qadima li kienet ilha li daħlet anki fil-Poeżija Maltija (eż., Ġan Anton Vassallo, 1817-1868, 'Tifħira lil Malta', vv. 39-40), kien jemmen li l-isem ta' Malta, - 'Melita' (Atti, 28,1) - hu mnissel mil-Latin 'mel', għasel. Huwa juża l-kelma 'Melita' (u anki l-kelma Griega 'Melite') f'diversi poeżiji tiegħu bit-Taljan, mill-1890 'l quddiem ('Nell'annua commemorazione del naufragio di San Paolo a Malta', vv. 3, 47, 64; 'A San Publio', v. 15; 'Il naufragio di San Paolo a Malta', v. 9). Fit-tielet kwartina tas-saffika 'Il-X ta' Frar - 1926' (vv. 9-12) huwa jafferma b'mod dirett dan it-twemmin tiegħu fir-rabta bejn l-idea tal-għasel u l-isem ta' Malta:

X'għadda ġo qalbek dak in-nhar min jgħidu,
Gżira ħanina, gżira kollok benna,
Ja Malta ħelwa, li mill-għasel ismek
Tawk il-baħħara?

It-terminu 'ħlewwa' għandu konnotazzjoni storika, reliġjuża għal Malta minħabba li hu marbut mal-mod kif San Luqa jiddeskrivi l-merħba li l-Maltin taw lil San Pawl u sħabu (Atti, 28, 2): 'Barbari vero praestabant non modicam humanitatem nobis' ('In-nies ta' hemm urewna tjubija li ma bħalha'). It-traduzzjoni Bibblika Maltija toffri l-kelma 'ħniena' (Vassalli), 'tjubija' (Saydon) u 'ħlewwa' (Għaqda Bibblika Maltija). Ir-rabta bejn art u ħlewwa li għandha x'taqsam mal-għasel hi prominenti fil-Bibbja:

In terram quae manat lac et mel (Ekkleż., 24, 27),
In terra, quae fluit lacte et melle (Esodu, 3, 8),
Ad terram fluentem lacte et melle (Esodu, 3, 17).

Hekk ukoll l-istess relazzjoni Bibblika bejn art u għasel (ħlewwa) tinsab imfissra bi frażijiet simili ħafna f'dawn is-siltiet: Baruk, 1, 20; Esodu, 13, 5; Esodu, 33, 3; Levitiku, 20, 24; Numri, 13, 28; Dewt., 6, 3; 26, 9; 26, 15; 27, 3; 31, 20; Ġożwe, 5, 6; Ġeremija, 11, 5; 32, 22; Eżekjel, 20, 6; 20, 15.

Fil-poeżija ta' Dun Karm l-art, il-gżira ta' Malta hi mifhuma wkoll bħala 'mbierka' ('Il-Għanja tal-Lsien Malti', v. 32; 'Il-X ta' Frar - 1931', v. 9) u l-istorja tal-pajjiż hi sikwit ippreżentata bħala storja reliġjuża, kważi fis-sens ta' art imqaddsa ('Il-Għanja tar-Rebħa', vv. 65-66). Dawn il-konnotazzjonijiet kollha, imseħbin flimkien, jindikaw kemm l-isfond Bibbliku tal-poeta jispjega t-tlaqqigħ ta' art, ħlewwa, għasel u barka. Dawn l-elementi jidhru sikwit imxerrdin 'l hawn u 'l hinn fil-poeżiji ta' Dun Karm biż-żewġ ilsna, u fil-qosor tal-'Innu Malti' huma mlaqqgħin bħala aspetti tal-viżjoni storika u ideali tiegħu tal-pajjiż.

## Il-Qofol tal-Innu Malti

L-Innu bħala talba jfakkar fil-fatt li t-tradizzjoni reliġjuża hi fondamentali fl-istorja u fil-kultura kollha ta' Malta. In-nisel Bibbliku ta' xi frażijiet jindika r-rabta Maltija mat-tradizzjoni Nisranija, waqt li l-frażi 'kbir Alla' hi kemm Bibblika u kemm Islamika. Il-kliem tal-innu, li hu kollu ta' nisel Semitiku, hu mħaddem f'għamla letterarja u b'xejriet stilistiċi ta' nisel Latin u Taljan. B'hekk Dun Karm kiteb sitt versi li jirriflettu l-qofol tal-karattru ta' Malta: Reliġjon Nisranija, Lsien Semitiku, Kultura Ewropea.

# Dun Karm Poeta Ċajtier

***Rev. Professur Peter Serracino Inglott***

Ħa nibda bl-aħħar terzina mis-Sunett "L-X ta' Frar", is-sbatax-il wieħed, tas-sena 1934:

"Għalhekk kif qbadt il-għodda tal-poeti
biex naħdimlek il-warda werqa werqa,
Flok il-għanja tal-ferħ, ħarġet tnehida."

Dun Karm hawnhekk qed jagħmel mossa wisq maħbuba mill-kittieba post-moderni – opra tal-arti li titkellem fuqha nnifisha. Il-filosfi jsejħulha metapoeżija. Dun Karm qed jgħid li f'dan is-sunett ġralu bħal Kristofru Kolombu. Dan kien salpa biex jasal l-Indja u minflok skopra l-Amerika. Hekk Dun Karm beda biex jifraħ għax San Pawl ġie Malta u minflok kiteb ilment dwar il-qagħda li fiha kienu ġabu lilhom infushom il-Maltin.

Għalhekk hawnhekk Dun Karm qed jagħmel żewġ ħwejjeġ. L-ewwelnett qed jiddieħak bih innifsu, qiegħed jiċċajta fuqu nnifsu bħala poeta, imma fl-istess ħin din tiegħu hija ċajta serja. It-tieni ħaġa li qed jagħmel f'dawn il-versi m'hi xejn inqas milli jipproponi teorija estetika, filosofija tal-arti. Qed jgħid illi fil-ħolqien ta' xogħol sabiħ jiġri illi l-opra tiegħu s-soparavvent fuq l-artista, kif f'rumanz il-persunaġġi li jkun ħoloq l-awtur minn żniedu donnhom isiru awtonomi, jieħdu rajhom f'idejhom u jġibu ruħhom fir-rumanz skont il-personalità li jkunu kisbu. Dun Karm jistqarr li donnha l-poeżija għamlet ta' rasha u ħarġet kif riedet hi u mhux kif kellu f'moħħu l-poeta meta beda jnissilha.

Għażilt li nibda b'din it-terzina għaliex naħseb li minnha toħroġ karatteristika ewlenija ta' Dun Karm bħala poeta u forsi wkoll bħala bniedem li ma tantx ġiet apprezzata imma li naħseb li hija waħda mill-fatturi li jagħmluh tassew kbir, għal żewġ raġunijiet, l-ewwel għaliex li jkollok il-ħila tiċċajta bis-serjetà tgħin biex toħloq dimensjoni essenzjali tal-bniedem u t-tieni għaliex fit-tiswir ta' din l-għamla ta' poeżija, Dun Karm juża t-teknika li jużaw l-għannejja jew dawk li jqabblu b'mod popolari. Għal ċerti għanijiet dan huwa l-mod effettiv, anzi l-analiżi ta' meta l-poeta nazzjonali jikteb b'dan il-mod nistgħu ngħidu fi kjavi minuri, jitfa' dawl ta' kif taħdem l-arti meta jintuża reġistru aktar solenni.

Meta darba stednuni biex nagħmel taħdita fuq Dun Karm, billi jien professur tal-filosofija kważi bilfors għażilt li nitkellem fuq *Il-Jien u lil hinn minnu,* l-aqwa poeżija filosofika imma meta kont qed inħejji t-taħdita l-iktar strofa li laqtitni kienet dik li fiha Dun Karm joħorġ ir-ridikolaġni tal-jien imkabbar bih innifsu. Iqabblu mar-riħ mill-majjistral illi jheżheż lis-siġar, imma li malajr jispiċċa fix-xejn qisu wara dik l-arja kollha waqa' għaċ-ċajt. L-attenzjoni għal dawn il-versi ġagħlitni niftakar f'ħafna poeżiji oħrajn fejn Dun Karm juża l-istess teknika taż-żufjett imħaddem dejjem bi skop serju. Infatti normalment, aħna għandna l-impressjoni illi l-poeżija u l-kliem li jdaħħak huma bħal kelb u qattus. Ma tarahomx wisq imorru ta' ħbieb flimkien.

Fil-poeżija, il-kliem jitqiegħed b'kejl meqjus u jitwassal fil-widna b'ritmu jiġifieri bil-ħoss jidwi, jivvibra u jivverbera, u dan jevoka sewwasew lil dak li jinsab lil hinn miż-żmien u mill-ispazju, l-infinit, l-assolut. B'hekk tinkixef dehra tad-dinja aktar profonda, aktar veritiera minn kif narawha ta' kuljum. Tippermettilna nidħlu fil-qalba tal-ħwejjeġ. Min-naħa l-oħra d-daħk jitnissel fina, għall-inqas jekk nemmnu dak li qalilna Aristotli, għaliex nintebħu li jkun sar żball, għandu mnejn ukoll żball oħxon, imma mingħajr ma ħarġu konsegwenzi koroh ħafna minnu. Jekk raġel oħxon bħali jiżloq f'qoxra ta' banana quddiemkom, intom ikollkom raġun tidħku sakemm ma nkunx qsamt rasi. Għalhekk bħala regola l-poeżija u l-buffunerija ma jmorrux wisq id f'id, imma ġieli jiġri illi r-rakkont ta' żball mingħajr konsegwenzi koroh jista' jsir ukoll b'mod poetiku kif iddeskrivejtu jien, jiġifieri bil-kliem imlissen b'ritmu li jikxef it-tifsira ewlenija tat-tiġrib tal-bnhiedem. Dana l-aktar li jirnexxilhom jagħmluh huma t-tfal imma xi minn daqqiet jirnexxilu jagħmlu wkoll Dun Karm – sinjal ċar illi minkejja l-għerf u l-ħiliet li kellu f'qalbu dejjem baqa' jżomm l-ispirtu ta' tifel. B'eżempju sa naqralkom din il-poeżija, 'Tidħak':

Tidħak bla bżonn, għax għandek snienek bojod  
Li donnhom alabastru taħt il-qroll;  
U ngħidlek li tassew ma fihomx nikta;  
La mferrqa, la marsusa, sbieħ ilkoll.  
Iżda għidli: fadallek xi tifkira  
Li darba f'nofs inhar (kien il-ħarifa)  
Iltqajna t-tnejn bla snien għand E, Lapira?

Għal min ma jafx, Egidio Lapira kien dentist magħruf. Hawnhekk Dun Karm qiegħed jilħaq l-istess skop li semmejtilkom illi laħaq fil-*Jien u lil hinn minnu,* jiġifieri jwaqqa' l-jien imkabbar iż-żejjed bih innifsu għaċċajt, imma forsi l-fatt li qiegħed jilħaq dan l-iskop hu mod aktar effettiv għaliex tassew qed jirnexxilu jdaħħak billi jiġbed l-attenzjoni għal żball mingħajr konsegwenzi traġiċi. Hemm ukoll effett poetiku għaliex is-snien huma użati bħala xbieha. Iġibulna quddiem għajnejna r-reklami tat-*toothpaste* u Dun Karm qed idaħħakna billi jgħinna nintebħu bil-falsità tar-reklam, imma aħna bil-Malti ngħidu wkoll, "qed juri snienu" biex infissru li xi ħadd qed iwissina li se jigdimna, u għalhekk is-snien jiġbdu l-attenzjoni għall-aspett annimalesk jew brutali tal-bniedem li qiegħed jurihom mingħalih b'turija ta' sbuħija. Imma fuq kollox il-ħsieb ta' Dun Karm f'din il-poeżija huwa l-istess wieħed li kellu fis-silta ta' *Il-Jien u lil hinn* minnu jiġifieri l-mogħdija taż-żmien li hi bħala sagrament tal-mewt li hi d-disfatta u l-waqgħa tal-Jien.

Il-ħsieb taż-żmien huwa s-suġġett ta' kważi l-poeżiji ċajtiera kollha ta' Dun Karm kif inhu l-ħsieb tal-aktar poeżiji profondi tiegħu. Tabilħaqq x'inhu ż-żmien, it-tifkira tiegħu u r-rabta tiegħu mal-eternità huma l-aktar problemi diffiċli li niltaqgħu magħhom fil-filosofija, kif fisser tajjeb Santu Wistin illi ma naħsibx li b'kumbinazzjoni Dun Karm iddedika mill-inqas erba' poeżiji mill-isbaħ lilu. Waħda mill-poeżiji li fihom jittratta dan l-argument bl-istil ċajtier imma bi skop serju hija msejħa "Għanja lil Pawlinu". Hija dwar abbati li kien

"jiġi filgħodu
biex jgħin quddiesa,
għat-tokk tas-sebgħa
widnejh għassiesa.
Minuta qabel
ma jiġix ħdejk:
biex tarah jilbes
trid tkedd għajnejk.
Iżda ftit wara
jiġi kultant ...

u l-ħtija taqa'
fuq il-kwadrant
ta' l-arloġġ mgħaġġel
li juri ħinu
qabel ma f'waqtu
jasal Pawlinu.
Biss darba waħda
iddawwar sewwa
u jien nistenna
liebes hawn ġewwa.

Għaddew xi erba', ħames minuti ...
jien ħriġt inqaddes,
biex naqdi 'l ħuti.
F'nofs il-Vanġelu,
wasal Pawlinu,
u stagħġeb, stagħġeb
kif ma ġiex f'ħinu."

Dun Karm hawnhekk qiegħed joħroġ żewġ punti li jiddiskutu l-filosfi fit-trattati tal-kosmoloġija meta jistħarrġu n-natura taż-żmien. L-ewwel punt huwa dak li jgħid Brutus lil Cassius fid-dramm storiku ta' Shakespeare, *Ġulju Ċesri*: *"There is a tide in the affairs of men, which taken at the flood, leads on to fortune; omitted, all the voyage of their life is bound in shallows and in miseries."* M'hijiex tant il-puntwalità li hija in kwestjoni imma illi jkun hemm waqt propizju biex twettaq azzjoni li qatt ma jerġa' jiġik f'ħajtek. Din l-idea taqbel ħafna mal-fehma li kollox jitmexxa mill-Providenza fl-istorja tal-bniedem u ta' kull bniedem li nsibuh lil Dun Karm jistqarr l-aktar fis-sensiela ta' poeżiji dwar in-nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. It-tieni punt huwa illi Pawlinu kien jimmira li jasal preċiż preċiż fil-ħin u hekk ġralu illi żbalja l-mira. It-tagħlima hi li l-ħajja ma tistax tgħixha bi preċiżjoni matematika, u tkun xortik tajba jekk meta tiżbalja, il-konsegwenzi jibqgħu tad-daħk.

Din l-istess tema Dun Karm jiżvolġiha b'aktar impenn kemm filosofiku kemm komiku f'żewġ poeżiji li kiteb dwaru nnifsu – waħda msemmija "L-Għanja tas-Sebgħin" u l-oħra "Ċajta tat-Tmenin". Din it-tieni poeżija tibda billi tagħti ġabra fil-qosor tal-ewwel waħda u għalhekk ikun biżżejjed jekk naqralkom tat-tieni biss:

Xi tminn snin u sentejn ilu
Għannejt l-għanja tas-Sebgħin,
Fejn semmejt il-ftietaq kollha
Ma' ħajjitna miżrugħin.

Ftit jew wisq kienu jfixkluni
Ftietaq sofor, ħomor, blu;
U kull darba b'leħen kiebi
Jien kont ngħajjat: "Dan x'inhu?"

Fl-aħħar sabni raġel għaqli,
B'daħka ħelwa fuq xofftejh,
Ħares ħarsa ġewwa wiċċi,
Bin-nuċċali fuq għajnejh.

U dlonk qalli: Dawn il-ftietaq
Huma frott minn tax-xjuħija;
Int għalaqt is-sebgħin sena,
Frott minn dan tiekol il-bqija.

Iżda jien, b'daħka ċajtiera,
Qomt fuq tiegħi biex nurih
Illi qabel tiġi Ċensa
Jien ma kontx irrid nixjieħ.

Dak il-ħin min qatt kien jobsor
Illi sseħħ ċajta bħal din ?
Illi xiħ ta' sebgħin sena
Kellu jasal għat-tmenin?

Iżda ż-żmien gerbeb u ħarab
Ħiemed ħiemed mingħajr kliem,
U jien għadni hawn ma' ħbiebi
Nisma' l-ħoss ta' ferħ, ta' sliem.

Issa, tgħid, baqa' xi tarġa ?
Nirfsu s-setaħ tad-disgħin ?
Tkun din ħolma li titwettaq
Bħalma twettqet tas-sebgħin ?

Le, le, nrażżnu din il-ħolma,
Seħħet waħda, iżda le tnejn ;
Ħajr lil Alla mill-imgħoddi,
Minn li ġej ma ngħidu xejn.

Għax għalkemm għadni fid-dinja,
U xi ftit naħdem kuljum,
Min jaf jgħid hix ġejja Ċensa?
Kemm sa tgħaġġel, kemm sa ddum?

Hawnhekk Dun Karm qed jittratta suġġett li l-aktar li jbeżżа' lill-bnedmin, jiġifieri l-mewt li jsejħilha bi tbissima fuq fommu "Ċensa" u forsi ma nsibux, lanqas fl-iktar poeżija reliġjuża tiegħu xhieda li tqanqlek aktar, tal-fidi Nisranija ta' Dun Karm, daqs din l-espressjoni ċajtiera ta' xi ħadd li qed jgħidlek li l-mewt aktarx tinsab fuq l-għatba, sewwasew wara l-bieb bid-daħka fuq wiċċu, lest biex jilqagħha bħal San Franġisk qisha kienet oħtu.

Hemm bosta poeżiji ċajtiera oħrajn ta' Dun Karm. Milli jidher sikwit kien jikteb poeżiji ċkejknin biex iwassal ix-xewqat sbieħ għall-Milied u għall-festi, flok ma jixtri kartolini stampati bil-lest. Dawn il-poeżiji kważi kollha marbutin mal-ħsieb taż-żmien. Mill-ħafna naqralkom biss silta minn waħda. Dawn il-poeżiji kollha miktubin b'versi qosra u mqabbla b'mod fih innifsu divertenti fejn tilma r-ruħ ta' tifel li qiegħed jilgħab logħba. Huwa dan is-sens ta' logħob li huwa l-ħolqa li tgħaqqad u kważi tagħmel tewmin il-poeta u l-buffu. Il-poeżija jisimha "Is-sena t-tajba" u fiha l-poeta jistħajjel li hu l-bejjiegħ tal-gazzetti :

Jien ngħid ġo qalbi
Waslet l-Istrina,
Naraw jaħasra
Kif tkun għalina !

Kull nhar ta' Ġimgħa,
Silġ, xita, riħ,
Għomma bla ħniena,
Jew temp sabiħ,

| | |
|---|---|
| Wiċċi daħkani, | Madanakollu, |
| Kelmti ta' ħlewwa, | Tiġi kif trid, |
| Niġi u nqassam | Jien nixtiqilkom |
| Leħen is-Sewwa. | Ferħ, hena u ġid. |

L-umoriżmu ta' Dun Karm kważi dejjem espressjoni ta' qalb tajba. Rari jużah bħala xafra li taqta', ngħidu aħna, meta qed jindirizza tfajla li m'għandniex xi ngħidu tibqa' anonima:

> "Int qalb u ras m'għandekx x'tagħti lill-bniedem
> li jrid imħabbtek biex jithenna fiha
> ma baqagħlekx ħlief par saqajn u … gdiedem."

Ma semmejtx ħafna poeżiji oħrajn ċajtiera forsi dik l-aktar magħrufa jisimha "L-għanja ta' Ċikkulata u Ċikkulatu" illi l-Professur Oliver Friggieri għażilha biex jagħlaq biha l-ewwel taqsima tal-edizzjoni tiegħu tal-poeżiji miġbura ta' Dun Karm "Il-problema eżistenzjali u l-valuri tad-dinja oġġettiva" jiġifieri poeżiji filosofiċi u serji marbutin mal-ħajja tal-poeta u tal-bnedmin fid-dinja ta' madwarna u mhux f'dik tal-ħolma mistħajjel mill-poeta.

Dan ifisser illi l-"L-għanja ta' Ċikkulata u Ċikkulatu" m'hijiex biss ċajta imma għandha wkoll tifsira serja biżżejjed biex il-Professur Friggieri taha dik il-pożizzjoni li tispikka fost il-produzzjoni kollha tal-Poeta Nazzjonali.

Naħseb li għidt biżżejjed biex nikkonvinċikom li l-poeżiji ċajtiera ta' Dun Karm tistgħu taqrawhom mhux biss biex tidħku għalkemm żgur li huma divertenti, iżda wkoll biex ikollkom togħma ta' dik l-għamla ta' filosofija li Dun Karm xtaq iwasslilna f'kitbiet bħal *Il-Jien u lil hinn minnu* li fihom jurina li l-ħsieb waħdu m'hux biżżejjed biex imexxina fit-triq tal-ħajja lejn id-dwejra tal-kenn imma jenħtieġ ukoll li l-qalb tirfidna "bil-qawwa tal-imħabba u nirbħu."

10.2.2011

# Sehem Dun Karm fil-Qawmien Nazzjonali Malti

***Frans Sammut***

“Iżda daqsek lil ħadd” japostrofa Dun Karm lil Malta li lilha biss iqis bħala ommu. Lill-Italja jħobbha għaliex omm il-poeżija, lill-Ingilterra għax kienet tieħu ħsiebna, iżda daqs Malta lil ħadd. F’dawk l-erba’ kelmiet “iżda daqsek lil ħadd” il-poeta li qegħdin infakkru l-lejla jiġbor il-programm poetiku tiegħu bl-aħjar mod li, ngħid jien, seta’ jagħmel. Użajt il-verb Taljan “apostrofa” b’għan. Dal-verb barra milli kif ninqdew bih huwa terminu letterarju li jfisser “kellem lil xi ħadd, jew lil xi ħaġa” jfisser ukoll “widdeb” jew “ċanfar”. Fil-poeżija “Lil Malta”, il-poeta tagħna ried iwiddeb u jċanfar kemm lil dawk li kienu, fi żmienu, jitilfu għaqilhom jew wara l-Italja jew wara l-Ingilterra billi jfakkarhom li hu jħobb lil Malta mhux għax ma jagħrafx is-siwi taż-żewġt iġnus-setgħat l-oħrajn jew ma jafx bih u ma jgħożżux iżda għaliex minkejja dan l-għarfien li kulħadd suppost li kien jaf bih, hu kien jagħmel il-pass li jmiss, idur dawra madwaru, jara min hu, minn fejn ġej u minn fejn tnissel u jrodd il-qima meħtieġa fid-dawl ta’ dan l-għarfien.

Illum għandna mnejn ma nistagħġbu xejn b’fehma bħal din, għax illum aħna ġens u nazzjon indipendenti u qajla għadek issib min, għall-inqas fil-beraħ, ikun imħejji jwaqqa’ lil art twelidu biex irodd foħrija lil ġnus oħrajn. Imma din il-qagħda, bil-wisq aħjar minn dik taż-żmien l-imgħoddi, hija wirt il-ħidma mwettqa minn dawk li saru magħrufin bħala l-bennejja tan-nazzjon, li fil-fatt wieħed mill-ewlenin fosthom kien il-poeta Żebbuġi bħalna, Dun Karm. Fi żmienu l-qagħda kellha bixra oħra. Kellna fost tajfiet oħrajn, żewġ taqsimiet kbar, waħda mikluba wara l-ħakkiema barranin u l-oħra msaħħra wara ġens ieħor li riedet tagħmilna biċċa minnu.

Dun Karm kien fin-nofs. Kien jagħraf il-qofol tal-wirt kulturali li ħadna minn għand ġens minnhom u s-siwi ċivili tal-ġens l-ieħor li għall-inqas kien jagħrafna bħala ġens għalih. Mal-wieħed konna msieħba wkoll fit-twemmin li għal Dun Karm kien siewi bħala pilastru ieħor tal-ġens Malti waqt li mill-ieħor konna nistennew il-ħarsien f’dinja mqallba li

reġgħet qiegħda ssib lilha nnifisha wara seklu ta' ġlied imperjalistiku u eġemoniku.

Bħal kull min ikun imxennaq biex iżomm sħiħ mar-raġuni u ma jitlifx rasu fis-saħna mbaqbqa ta' ġlieda bla tmiem, Dun Karm ried il-ħin kollu jgħasses li jrażżan il-ġibda ta' naħa u jliġġem l-għafsa ġejja min-naħa l-oħra, imxennaq kif kien biex irodd il-ġieħ lill-patrijotti tagħna kif naraw fil-versi maħturin liż-Żebbuġi l-ieħor, Dun Mikiel Xerri.[1]

Minn xi paġni tal-lezzjonijiet tiegħu nsiru nafu li Dun Karm kien midħla sew tal-letteratura li kienet qed tinkiteb fi żmienu, l-aktar fl-Italja, imma seta' tabilħaqq jikteb bi qbil magħha?

Biex inwieġbu dik il-mistoqsija jeħtiġilna kieku nagħtu ħarsa mill-qrib lejn il-qagħda soċjo-kulturali ta' żmienu u nifluha kemm nistgħu. Imma biex wieħed jiftaqad kif xieraq il-qagħda ta' mitt sena ilu, ikollu l-ħtieġa ta' wisq aktar ħin milli għandna l-lejla. Li nistgħu nagħmlu hu li fil-qosor niġbru l-punti ewlenin u nittamaw li jixħtu ftit dawl ġmielu fuq il-fehmiet li mbagħad inressqu u bihom nagħmlu ħilitna nsawru xbieha li magħha ġġib tifsiriet li fil-fehma ta' bosta jdawlu kemm l-għanijiet li ried jilħaq il-poeta b'kitbietu kemm l-għodod li ħaddem biex jilħaqhom. Fuq din it-taqsima ta' ħajjet Dun Karm u kitbietu nistedinkom taqraw il-bosta kotba li kiteb il-Professur Oliver Friggieri li fihom għandkom issibu minjiera bla tarf ta' tagħrif ta' qofol dwar il-poeta tagħna.[2]

Mela, nafu li Dun Karm sa ma kellu 40 sena – jiġifieri meta ġa kien raġel magħmul – kien jikteb bl-ilsien tal-klassi kolta u akkademika Maltija jiġifieri t-Taljan. It-Taljan dak iż-żmien, għad li magħruf u mitkellem biss minn għadd żgħir ta' Maltin kien kemm l-akrolett kemm l-ilsien uffiċjali ta' Malta. Fl-1896 kien ħareġ il-ktieb *Foglie d'Alloro* b'ġabra ta' 37 poeżija u fl-1903, il-ktejjeb *Versi* li kien mitbugħ Palermu. B'dawn il-

---

[1] Fl-1937 Dun Karm mexxa kumitat li ħa ħsieb ifakkar lil Dun Mikiel Xerri ( 29 ta' Settembru 1737 – 17 ta' Jannar 1799). Dak inhar twaħħlet l-irħama ta' tifkira mad-dar fejn kien joqgħod dal-professur Żebbuġi tal-Filosofija li kien kontra l-Illuminiżmu u temm ħajtu ta' qalbieni meta nqabad jieħu sehem f'konfoffa kontra l-Franċiżi Repubblikani li kienu jaħkmu hawn Malta. Għad li Dun Karm kien jagħraf il-kobor ta' Vassalli misjub fil-fehmiet fuqana tiegħu li minħabba fihom kien jaqbel mar-Rivoluzzjoni Franċiża u ma' Bonaparti li ħa lil Malta qabel ma waqgħet f'idejn ir-Russja, xorta kien jagħraf il-qlubija li wera b'għemilu l-professur Xerri.

[2] Ara p. 51

kotba li ntlaqgħu tajjeb ħafna fost il-letterati kien ġa sar magħruf bħal l-*poeta nazionale* fis-sens li kien il-poeta "tagħna" b'kuntrast ma' dawk li l-istudenti kienu jsiru midħla tagħhom fl-istituzzjonijiet tat-tagħlim.

Kienu poeżiji biex insejħulhom hekk 'akkademiċi', kif wieħed jista' jistenna minn barrani li qed jikteb b'ilsien li mhux tiegħu u qed jimxi fuq il-linji murija mill-poeti l-kbar tal-ġens li tiegħu hu tabilħaqq l-ilsien li nqeda bih hu wkoll. Kien hemm min qabblu mal-Monti u wkoll min laqqmu *"lo Zanella maltese"* billi Giacomo Zanella, kittieb illum tista' tgħid minsi għal kollox, kien qassis-poeta li jitkellem dwar ir-raħal tiegħu qrib Vicenza u fil-fehma ta' Fogazzaro ma kellux il-ħelsien li jifrex fuq meded usa' l-lehma tiegħu, li b'danakollu fi żmien Dun Karm kien għadu magħruf u msemmi sewwa. U bħal Zanella, il-poeta tagħna ħass li kellu jrodd tifħir lill-imkejjen ewlenin ta' Raħalna, kif għamel fis-sunett *"Wied Qirda"*.

Dun Karm ma kienx imdejjaq bit-tixbih maz-Zanella. Mhux biss, imma minn ittra li bagħat lil Laurent Ropa fis-snin tletin insibuh igerger biss li sa ma kien jikteb bit-Taljan kienu jfaħħruh u jgħolluh u mbagħad meta beda jikteb bil-Malti bdew imaqdruh u jċekknuh. U jkun xieraq hawnhekk ngħidu li maqdruh mhux għax ma kienx juri tqarrib lejn il-letteratura ta' żmienu imma għaliex ma baqax jikteb bit-Taljan. Iżda nissoktaw bil-qagħda ta' Malta li għadna kif tajna ħjiel tagħha. Jixraq ukoll hawnhekk, la darba semmejna lil Ropa, ngħidu li kien hu li għall-ewwel darba sejjaħlu *"poeta nazzjonali"* fis-sens li mbagħad baqa' jingħatalu sal-lum f'artiklu li kiteb fil-*Grand Revue* ta' Pariġi fejn qal sewwasew li Dun Karm *"fait figure de poèt national"*.[3]

Waqt li fl-Italja u fil-bqija tal-kontinent Ewropew kienu qegħdin iseħħu taqlibiet kbar fil-kitba letterarja – biżżejjed insemmu t-theżżiż li nħass malli feġġew kittieba bħal Ezra Pound, Virginia Woolf u DH Lawrence fid-dinja Anglo-Sassona, u Italo Svevo u Marinetti li qalbu d-dinja rasha 'l isfel flimkien mal-Kubisti fil-qasam artistiku figurattiv – malli warrab mill-kitba bit-Taljan u daħal f'dik tal-Malti sab għalqa bil-kemm bdiet

[3] Jiġifieri "għandu x-xbieha ta' poeta nazzjonali". Ropa ma kienx qed jinqeda bil-frażi bħala waħda komuni imma fis-sens li bl-Ingliż jintuża għal min jinħatar bħala "poet laureate" u jitqabbad mill-Gvern uffiċjalment jikteb versi għall-okkażjonijiet statali u avvenimenti governattivi oħrajn. Fis-sew il-Gvern ta' Strickland jew fejn Strickland kellu s-setgħa, qabbad lil Dun Karm jagħmel dan ix-xogħol kemm-il darba.

tinħadem fejn l-ilsien mitkub innifsu kien għadu mċaħħad mill-għarfien li hu ħass li kien jistħoqqlu bħala lsien il-poplu għajr għal ftit poeżiji bħal ta' Ġan Anton Vassallo li fis-seklu ta' qabel kien wasal għall-istess għarfien sewwasew mill-fehmiet tal-poeti romantiċi Taljani ta' żmienu.

Ma rridux ninsew ukoll li l-għedewwa l-ġodda li għamel malli tefa' l-kitba bit-Taljan wara dahru u ntefa' b'ruħu u b'ġismu għal dik bil-Malti ma ħaduhiex kontra tiegħu għax ma kitibx bħall-kittieba Taljani ta' żmienu. Biżżejjed niftakru li l-ħakkiema l-ġodda tal-pajjiż kbir ġar tagħna ħaduha kontra l-istess kittieba kontemporanji u lill-kapurjun tagħhom Marinetti għannewlu sewwasew dan il-kliem: *"Marinetti, basta così"*.

Kien fl-1912 li Ġużè Muscat Azzopardi li flimkien miegħu kien eżaminatur tal-letteratura Taljana fis-Seminarju li ħajru jibda jikteb bil-Malti. L-ewwel vrus tiegħu bil-Malti kienu dawk li kiteb fil-11 ta' Frar, 1912 bl-isem "Quddiem Xbieha tal-Madonna." Sa sentejn wara, Alfons Maria Galea seta' joħroġlu ktieb bi 15-il poeżija bil-Malti, bl-isem *L-Ewwel Ward*.[4]

Meta l-qiegħa ma kinitx għadha aktar sħuna, intellettwali bħall-Professur Dun Peter Serracino Inglott, li għadu kif tana fehmtu dwar il-persunaġġ ewlieni tal-lejla, seta' jitkellem b'mod biered u sieber dwar l-anakroniżmu li sab ruħu fih Dun Karm bħala poeta. Kien qed jikteb fl-1958 u qal sewwasew hekk biex ġabar il-qagħda li jidher fiha Dun Karm fis-snin bikrin tas-seklu XX:

"Għalina ż-żgħażagħ Dun Karm jimmarka epoka ġdida fl-istorja kulturali Maltija. Ħajtu stess hi xbieha taż-żmien ta' tranżizzjoni li għex fiha u tirrappreżenta tappa l-aktar importanti fit-tiftix tal-identità nazzjonali tagħna." U jgħidilna dal-kliem li tifsirtu ma tintemm qatt: "Dun Karm salva l-poeżija Maltija mill-prostituzzjoni, u għamilha mara onesta."[5]

Il-bixra li kiteb biha Dun Karm kienet dik neo-klassika u mhux ta' b'xejn xebbhuh ma' Vincenzo Monti għad li minn kitbietu jidher li kien miklub sew ukoll għal Ugo Foscolo – kilba li nsibu xhieda qawwija tagħha fit-traduzzjoni mill-isbaħ li għamel ta' *I Sepolcri* li magħha ħareġ ukoll dik

---

[4] Nru 140 tas-sensiela *Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien*.

[5] Taħdita li l-Professur Serracino Inglott kien għamel meta kien għadu żagħżugħ ta' tnejn u għoxrin f'waħda mix-xandiriet tal-Professur Ġużè Aquilina, "Ġabra Letterarja" fuq ir-*Rediffusion* u li baqgħet manuskritt li mbagħad deher f'*Dun Karm, tagħrif ġdid u notiċi kritiċi minn Ġużè Cassar Pullicino,* PEG, 1985, p. 75.

li sejħilha "leġenda" fejn xebbah lil Foscolo ma' Vassalli tagħna.[6] Lil dak iż-Żebbuġi kbir l-ieħor, Vassalli jaħtarlu sunett sabiħ li ma jħabbathiex ma' dak ta' Ġorġ Pisani sewwasew minħabba fir-rażan neo-klassiku li ma ħalliehx itir fuq ġwienaħ il-metafora li jitbahardu biha r-Romantiċi u, m'għandniex xi ngħidu l-poeti ta' żmienna.

Imma lil hinn mill-għażliet stilistiċi letterarji, jiena naħseb li l-akbar sehem li ta Dun Karm fil-ġrajja ta' pajjiżna kien dak fil-qasam politiku-kulturali. Bla ma daħal direttament fil-ġlieda għall-identità b'għodod politiċi, għen bil-kitba tiegħu biex kattar il-ħajra tal-Maltin għat-twaqqif ta' ġens ħieles, ġens għalih, b'għadd ta' poeżiji li għollew ix-xbieha tal-qalbiena Maltin li ħallew ħajjithom għal art twelidhom fl-imgħoddi – tema li beda biha bit-taħdita li għamel l-għada tat-8 ta' Settembru 1927 u baqa' sejjer biha matul il-karriera poetika tiegħu – u bil-kitbiet li dehru f'sensiela twila tar-rivista *Il-Malti* li tagħha kien direttur ukoll għal bosta snin.

Għal ħidmietu huwa ġarrab it-tmaqdir tal-għedewwa li għamel minkejja fir-rażan li bih kien jikteb u thenna wkoll bit-tifħir min-naħa ta' dawk li ħabbew lil art twelidna u bħalu xtaqulha l-ġid u għenuha tilħaq dak li laħqu ġnus ħafna akbar minna. Iż-żmien ta raġun lil Dun Karm li rabat ruħu mas-sebħ u l-glorja ta' art twelidna u wliedha li taw ħajjithom għaliha.

L-aktar tnejn li jfaħħar kienu, kif smajna fil-versi moqrija, Vassalli u Dun Mikiel. Tant kien mehdi bihom li jerġa' jsemmihom fil-poeżija "Lil Ħaż-Żebbuġ, raħal twelidi."[7]

Jidher ċar mill-vrus ta' dil-poeżija li jekk Dun Karm kien iwaħħad lil Malta ma' ommu li tant kien iħobb, l-imħabba lejn art twelidu jwaħħadha ma' dik li kellu lejn raħal twelidu. Għalhekk kien daqstant xieraq li dal-Każin li tiegħu kien il-President Onorarju jkun l-ewwel għaqda li f'isem iż-Żebbuġin u f'isem il-Maltin kollha jroddlu ġieħ hekk kbir bit-tifkira li qed nagħmlu l-lejla.

---

6 Dun Karm (1936): *L-Oqbra, daħla, qlib u tifsir,* Stamperija tal-Gvern, Malta.

7 Dun Karm jgħid hekk fuq dil-poeżija: "Dawn il-versi ktibthom fis-sena 1927, meta fil-btajjel tas-sajf tlajt ngħaddi xi erbat ijiem f'dan ir-raħal. Ħamsin u erbgħin sena ilu (i.e. ħabta tal-1890), Ħaż-Żebbuġ kien wieħed mill-aqwa ċentri tal-gżira minħabba fix-xogħol tal-qotnina: illlum, li dak ix-xogħol spiċċa, ir-raħal niżel, għax ma għarafx jaqbad tarf ieħor ta' sengħa fejjieda." *Melitensia* – Ms 216A (II) – *Noti dwar Poeżiji,* il-Biblijoteka Nazzjonali.



Il-faċċata tal-Każin Banda San Filep fl-aħħar nofs tas-Snin Erbgħin tas-seklu li għadda.

# Dun Karm u l-Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851

***Dr Godfrey Farrugia***

Is-sena hi 1894.

Ninsabu fi Triq il-Parroċċa f'Ħaż-Żebbuġ, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mid-dar tal-Arċipriet. Il-Ħadd 25 ta' Frar għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu. Ġemgħa ġmielha nġabret minn kmieni liebsa lbies tal-festa. L-akbar irjus u negozjanti Żebbuġin dehru jersqu jifirħu lill-President tant maħbub Karmelo Zammit. Is-Surmast Salvatore Mallia nstema' jħabbat il-bakketta. Il-Filarmonica San Filippo bdiet idoqq l-ewwel noti ħelwin ħerġin mill-istrumenti tal-injam. Dahar il-bandisti kien lejn dar Nru. 54, Triq il-Parroċċa, il-lok il-ġdid ta' din is-soċjetà[8]. L-isem tal-Każin kien Casino Indipendente-Filarmonica San Filippo. Il-ġemgħa kienet ħerqana.

F'tarf it-triq raġel sabiħ liebes ilbies skur ta' djaknu firex ħarstu 'l hawn u 'l hinn. Ir-rassa tal-folla waqqfitlu ħesrem il-pass ħafif tiegħu. Bi tbissima mistħija sellem lil dak u lill-ieħor...dejjem joqrob lejn id-dar ta' ommu. In-numru tal-bieb hu 40... Dan l-aħħar intefa' jqatta' xi jumejn għandha 'l bogħod mill-istudju, 'il bogħod mis-Seminarju. Sentejn ilu romlot, u fid-dar ma kien fadal ħadd.

Il-ġuvnott ferħan se jtir kien qed jgħodd il-ġranet fuq ponot subgħajh. Bejnu u bejn ruħu gedwed "Din is-sena l-festa ta' San Filep għandha tiġi ċċelebrata fil-21 ta' Mejju u mhux fit-12, il-ġurnata liturġika, għax dakinhar ser jinzerta jaħbat Għid il-Ħamsin[9]." Iċ-ċapċip tal-ġemgħa ħasdu...għal mument qatgħu minn ġewwa. Ferħan hu baqa' jikkontja... "Hekk hu. Nhar is-17 ta' Mejju fl-ewwel tridu tal-festa, ta' 23 sena, jien ser niġi ordnat saċerdot u xejn ħlief fil-Konkatidral ta' San Ġwann."

Dan iż-żagħżugħ kien midħla sew ta' Triq il-Parroċċa. Ftit 'l isfel, fl-iskola tal-Gvern ta' Triq Mikiel Anton Vassalli kien tgħallem iħarbex l-ewwel kelmtejn bit-Taljan u bil-Malti u issa s-Soċjetà Mużikali ta' San

---

8 Il-Ħabbar, 28-02-1894, Pġ 3; Il-Verità, 03-03-1894, Pġ 2.

9 Il-Verità, 19-05-1894, Pġ 2; Il-Ħabbar, 31-05-1894 Pġ 3.

Filep kienet għat-tieni darba ċaqalqet il-każin tagħha u ġiet għal darb'oħra bis-sede tagħha f'din it-triq. L-innijiet u l-melodiji kien jafhom sew… minn taħt l-ilsien lissen xi versi u baqa' għaddej minn ġol-kotra bħar-riħ biex jagħti l-aħbar lil ommu.

Sinjuri,

Tafu sew għal min qed nirreferi... Qed nirreferi għat-tfajjel Karmenu li min jaf kemm iżżiemel fi Triq il-Parroċċa... Issa, fis-sena 1894, kien raġel ibigħ is-saħħa lest biex iservi lil Ġesù. F'dan ir-rakkont jien ħloqt ċirkostanzi fittizji iżda l-ambjent u l-fatti huma vera. Fuq kollox, din l-esperjenza narrattiva tgħinna nifhmu d-devozzjoni li Dun Karm tul ħajtu kellu lejn San Filep u r-rabta li ġibditu lejn din l-Għaqda Bandistika.

Kien fil-fjur tiegħu meta fis-sena 1904 Dun Karm kiteb sunett ċkejken bit-Taljan iddedikat lil San Filep t'Aġġira, patrun ta' Ħaż-Żebbuġ. Fis-sena 1906 kiteb ieħor, 'Omaggio a San Filippo' u din id-darba irregalah lill-Filarmonica San Filippo. Is-surmast Angelo Melilli (1904-1911) malajr addattalu l-mużika u ndaqq għall-ewwel darba fil-festa tal-1911[10]. Iżda din ma kinitx l-unika okkażjoni. Ġara li meta nbidel is-surmast u wara Melilli laħaq Orlando Crescimanno (1919-1921), minkejja li Dun Karm kien telaq minn Ħaż-Żebbuġ u mar joqgħod il-Belt Valletta minħabba ħidmietu, kiteb innu ieħor magħruf bħala l-Innu l-Kbir, bit-titlu ta' 'Inno A San Filippo.' Dan indaqq għall-ewwel darba fis-sena 1920[11]. Nistħajjilkom tgħiduli: Għalfejn Dun Karm kiteb omaggio ieħor bit-Taljan meta hu kien diġà beda jieħu pożizzjoni favur il-kitba b'ilsien pajjiżna? Wara kollox fl-1912 kien ħareġ l-ewwel poeżija bil-Malti u fil-frattemp kien ippubblika żewġ kotba b'ġabriet ta' poeżija bil-Malti. Ta' min jiftakar li s-Surmast Crescimanno, għalkemm kien mill-Isla, missieru kien Taljan u għalhekk jista' jagħti l-każ li Dun Karm kitbu bit-Taljan proprju minħabba fih.

Is-sabiħ tafu x'inhu? Għal perjodu t'aktar minn ħamsin sena, mis-sittinijiet sal-ġurnata tal-lum, il-Banda San Filep baqgħet dejjem iddoqq dan l-innu kull sena waqt il-programm mużikali u vokali ta' lejlet il-

---

10 Indiċi Mużikali tal-Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851, John Gafà, "*Omaggio a San Filippo*", Kompożitur Angelo Melilli, librerija Filippo Galea- numru C33.

11 Indiċi Mużikali tal-Għaqda KBSF A.D. 1851, "*Inno a San Filippo*", Kompożitur Orlando Crescimanno, librerija Filippo Galea- numru C26.

festa, filwaqt li dak ta' Melilli baqa' jindaqq kull ħames snin. U hekk baqgħet tinżamm ħajja din it-tradizzjoni, li wara kollox hi wirt kulturali li l-Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851 għandha l-obbligu li tgħaddi lill-ġenerazzjonijiet ġejjiena.

F'dawn iż-żminijiet li qed nitkellmu dwarhom Ħaż-Żebbuġ beda jaħseb minn kmieni biex jipprepara għall-festa tal-għeluq il-mitejn sena mill-miġja tar-relikwa tal-qaddis patrun San Filep. Fis-sena 1921 ġiet organizzata u nħarġet il-liċenzja tal-kamra tan-nar St. Philip's Fireworks Factory. Is-sena ta' wara ġiet ikkummissjonata bandiera ġdida, filwaqt li fis-sena 1923 il-każin żanżan sit ġdid, proprju dan il-post fejn illum ninsabu miġbura għal din l-akkademja, arkivju ġdid, dak li sal-lum laqa' fih sbatax-il innu ta' talb mużikali kliem ta' Mons. Carmelo Psaila, u armar ġdid għal toroq ewlenin, inkluż il-loġġjar ta' Misraħ San Filep li sar bis-sehem ewlieni tal-membri tas-Società Filarmonica San Filippo.

Qorbot is-sena tant mistennija u s-soċjetà mużikali kkummissjonat diversi baned biex jallegraw lill-poplu. Iżda l-akbar rigal li d-delegati tas-soċjetà rċevew għal dak kollu li kienu wettqu kien innu lil San Filep li jibda bil-kliem "B'għajta sħiħa…" Dan inkiteb għal din il-festa, minn Dun Karm Psaila u l-mużika hi ta' Mro. Giuseppe Caruana. Dan is-surmast kien il-Maestro di Capella. F'dak iż-żmien kienet drawwa li mill-kampnari tal-knisja kienu jintefgħu l-karti jew imkatar tal-ħarir b'xi innijiet stampati. Ġara li hekk kif ħarġet l-istatwa ta' San Filep fil-purċissjoni u ntrema dan l-innu stampat, il-ġemgħa miġbura fuq iz-zuntier b'entużjażmu liema bħalu, intefgħet rasha mal-art tipprova taħtaf il-kopji, u tant qamet geġwiġija li għal mument kważi sfrattat il-purċissjoni.

Kienet ħasra li dan l-innu dam biex kien rikonoxxut bħala l-innu popolari mill-Knisja Arċipretali. Dam għal aktar minn 25 sena fil-qiegħ tal-kexxun. Tgħid għax kien miktub bil-Malti? Iżda ġara li minn żmien għal żmien dan baqa' xorta waħda dejjem jindaqq mill-Banda San Filep, u għalhekk inżamm ħaj mhux biss fuq il-libretti tal-mużika iżda fi qlub il-poplu Żebbuġi, sakemm ġurnata fost l-oħrajn, bis-saħħa u l-insistenza tas-Superjur Camilleri tal-Mużew, dan l-innu fl-aħħar ingħatalu l-mertu li tant kien jistħoqqlu. Il-parroċċa tagħtu l-ġieħ li hu kellu jkun l-innu popolari tal-festa. Rigal ieħor li llum il-ġurnata jiswa mitqlu deheb hu ritratt ta' Dun Karm liebes ta' Monsinjur li jġib id-data tat-3 ta' Mejju 1924 iffirmat minnu stess u bil-kliem "con auguri di cordie e di pace."

Nistqarr li dan kollu hu mertu tad-diriġenti li mexxew l-Għaqda minn żmien għal żmien. La qed nitkellmu fuq il-mexxejja ta' min insemmi epoka partikolari. Qed nirreferi għal dawk it-tlettax-il sena fejn il-presidenza tal-Għaqda kienet immexxija minn żewġ qassisin: Dun Alexander Zammit mis-sena 1931 sas-sena 1939 u minn Dun Loret Callus mis-sena 1939 sas-sena 1944. Dan kien żmien meta s-sehem politiku tal-awtorità ekkleżjastika beda jsir b'mod aktar miftuħ u meta l-Arċipriet ma kienx jitqies biss bħala r-ragħaj spiritwali min-nies tal-post iżda wkoll bħala r-rappreżentant ċivili tagħhom. Fl-1935 f'Malta twaqqaf il-Konċilju Reġjonali li impona differenzi bejn il-festi titulari u dawk sekondarji.

Ċentinarju ieħor li jibqa' jissemma hu dak ta' nhar is-26 ta' Settembru tas-sena 1937. Dan kien ifakkar il-mitejn sena mit-twelid tal-Eroj Malti Dun Mikiel Xerri[12]. Iċ-ċerimonja kienet preseduta minn Mons. Carmelo Psaila li kien magħżul bħala r-rappreżentant tal-Arċisqof. Dakinhar inkixfet lapida kommemorattiva li aktar tard twaħħlet mal-faċċata tad-dar fejn twieled dan il-patrijott Malti. Kien f'dan il-jum li għall-ewwel darba ndaqq l-innu 'Dun Mikiel Xerri' miktub minn Dun Karm. Il-mużika kienet tas-Surmast Karlu Diacono[13], u l-Banda San Filep esegwietu akkumpanjat mill-kor tat-tfal tal-iskola[14].

Fl-1 ta' Settembru 1939 il-Ġermanja invadiet iċ-Ċekoslovakkja u l-Awstrija. F'Malta ġie ddikjarat stat ta' emerġenza.

Nhar il-Ħadd 28 ta' Jannar 1940, il-President Dun Loreto Callus iffirma l-kuntratt tax-xiri tas-sede tal-Każin fl-atti tan-nutar, Dr. Giorgio Borg Olivier. Hekk kif intemmet din iċ-ċerimonja qasira, fl-intrata tal-Każin inkixfet lapida ta' tifkira li l-kliem imnaqqax fuqha ntgħażel minn Mons. Prof. Dun Karm Psaila. Din il-kitba għadha tinsab fl-istat oriġinali tagħha. Dakinhar il-Banda San Filep, quddiem ġemgħa ta' mistiedna speċjali, daqqet numru ta' għażliet mużikali inkluż l-Innu Malti. Ta' min jgħid li għalkemm l-Innu Malti ġie rikonoxxut uffiċjalment bħala l-Innu Nazzjonali Malti fi Frar tal-1941, jiġifieri tmintax-il sena wara li kien miktub, is-Surmast Adeodato Gatt kien ħadha drawwa li jdaħħlu waqt l-għeluq tal-programmi mużikali tiegħu, proprju wara l-innu tal-Banda u

---

[12] The Malta Chronical, 27-09-1937; Leħen is-Sewwa, 27-09-1937.

[13] Luret Vella, Tifkira tal-Festa li saret f'Ħaż-Żebbuġ, 26-09-1937. Għeluq it- tieni Ċentinarju mit-twelid tal-Chir Patriott D. Mikiel Xerri 1737- 1937.

[14] Il-Berqa 25-09-1937 u 27-09-1937, Dun Mikiel Xerri.

qabel l-Innu Ingliż. Kien proprju f'dawn iż-żminijiet meta Mons. Carmelo Psaila nħatar President Onorarju ta' din l-Għaqda, unur li kien jistħoqqlu u li żamm b'għożża sa mewtu. Wara kollox Dun Karm, hekk kif baqgħu jsejħulu s-soċi tampar tiegħu, kellu status akkademiku għoli u għani ħafna u għalhekk kien jixraqlu għax wara kollox kien partitarju tal-Każin.

Ġimgħa wara l-festa ta' San Filep, nhar 19 ta' Mejju, ġie ddikjarat il-blackout u għalhekk twaqqfu l-attivitajiet soċjali inkluż il-festi. Ix-xahar ta' wara, Dun Karm telaq mid-dar ta' Tas-Sliema u niżel joqgħod ma' kuġinuh Abel Psaila, ġuvni li kien il-Viċi President tal-Każin San Filep. Dan kien benestant, kellu fabbrika tan-newl u kien joqgħod f'dar Nrn 256 Triq il-Kbira, erba' bibien 'il bogħod mill-Każin.

Għal darb'oħra f'ħajtu, din id-darba fl-età ta' disgħa u sittin sena, Dun Karm reġa' ġie jgħix f'raħal twelidu, bħala refuġjat, fl-istess inħawi tal-Każin San Filep li ta' spiss kien iżur. M'hemmx dubju li Abel involvieh sew fix-xirka tal-Każin.

Waqt il-gwerra, il-bibien ta' din l-Għaqda nfetħu biex għamlu l-Każin ċentru b'uffiċċju amministrattiv u lok minn fejn il-baqquniera li jħaffru x-xelters kienu jingħataw l-ordnijiet. Laqa' wkoll numru ta' refuġjati li għexu fil-binja tiegħu.

Kien f'Lulju tas-sena 1943 meta Dun Karm Psaila reġa' mar lura fid-dar tiegħu f'Tas-Sliema. Jingħad li għalkemm kien jaqbel sew ma' Abel, Dun Karm mimli bl-għomor, kien xtaq li jkollu seftura bħalma dejjem kellu meta kien joqgħod il-Belt u Tas-Sliema, iżda Abel qatt ma qabel li f'daru tidħol seftura.

Kienet għadha ma waqfitx it-Tieni Gwerra meta d-diriġenti tal-Każin San Filep ħarġu bl-idea li tingħata xabla tal-unur lill-Gvernatur Gerard Viscount John Standish Gort. Din is-Sword of Honour ġiet preżentata fit-12 ta' Marzu 1944 fil-preżenza tal-Għaqdiet tal-Każini tal-Baned Maltin u Għawdxin[15]. Bħala turija ta' ringrazzjament, għaxart ijiem wara, Lord Gort laqa' lill-Kumitat tal-Każin San Filep, fosthom lil Dun Karm Psaila, President Onorarju tiegħu, fil-Palazz ta' Sant Anton. Din il-memorja għandna ngħożżuh f' ritratt meħud tal-okkażjoni.

Ftit xhur wara, f'Ottubru, Mons. Psaila ngħata d-Dottorat fil-letteratura

[15] Ħamsin sena mill-għotja tax-xabla tal-unur lil Lord Gort. John Galea, Ġrajja Storika ta' Ħamsin Sena ilu f'Ħaż-Żebbuġ, 1944-1994, 7-13.

Hon. Causa. Għalhekk il-Kumitat tal-Każin iddeċieda li fil-21 ta' Ottubru jagħmel riċeviment ta' ġieħ lil President Onorarju tiegħu, u dan bħala "sinjal ta' ferħ[16]."

*Wara dan iż-żmien Dun Karm inqata' minn Ħaż-Żebbuġ u l-Għaqda. Wara kollox issa kellu erbgħa u sebgħin sena. Fl-aħħar snin, minkejja l-karriera akkademika brillanti beda juri telf ta' memorja.*

Mons. Dun Karm Psaila miet fl-għaxra ta' filgħaxija nhar it-13 t'Ottubru 1961 fl-eta ta' disgħa u tmenin sena. Malta tilfet kittieb, tarka tal-Ilsien Malti, persuna li ħolqot identità kulturali u nazzjonali, u dan għax dejjem fadha f'dak kollu li jsawwarna. L-Għaqda Każin Banda San Filep A.D. 1851 żgur li fih għandha wieħed mill-akbar Presidenti Onorarji li qatt ħadd jista' jkollu.

Fil-funeral tiegħu li sar il-Ħadd filgħodu, l-istandard abjad tal-Għaqda ġie miżmum bl-akbar orgolju. Fil-gallarija tal-Każin iddendel pavaljun iswed u fuqu tqiegħed ritratt kbir ta' dan il-Patrijott Żebbuġi, il-Poeta Nazzjonali[17]. Wara kollox f'Malta hu kien President Onorarju ta' Għaqda Bandistika waħda biss, dik ta' San Filep, il-patrun li tant kien jgħożż. Ftit wara mewtu, Carmelo Ciantar missier is-Surmastrijiet Michael Ciantar u Dott. Philip Ciantar, kiteb marċ funebri 'Alla Memoria Di Mons Carmelo Psaila.'

It-tifkiriet tiegħu fil-Każin jinsabu fl-inkwatri oriġinali mdendla fil-kamra tal-arkivju l-qadim, bust tiegħu mill-iskultur Angelo Agius li żżanżan fl-1971 u jinsab propju hawn f' din fis-sala Mayfair, siltiet mużikali fl-arkivju, kotba ta' awturi rinomati fil-librerija tal-Għaqda, iżda fuq kollox għemilu fi qlubna lkoll. Kien f' Ottubru tas-sena 1971,meta il-Kunsill Ċiviku waqqaf mafkar f'Ħaż-Żebbuġ[18] u ta' dan l-Għaqda għandha ċertifikat li jirrikonoxxi s-sehem tagħha[19].

Lil hemm minn dan kollu, Dun Karm kien bniedem umli, eżemplari u dixxiplinat u fuq kollox kien jaf iħobb. Kienet din l-imħabba li ispirat

---

[16] Arkivji Għaqda Każin Banda San Filep AD 1851 Korrispondenza, żewġ ittri, tal-ewwel mingħuta mill-Professur Philip Farrugia f'isem il-kumitat tal-Każin banda San Filep lil Dun Karm Psaila u tat-tieni hija r-risposta ta' Dun Karm għall-ewwel ittra. Dawn iż-żewġ ittri huma riprodotti hawn taħt wara r-riferenzi.

[17] Times of Malta, 16th October, Pġ 9; Torċa, 22 t'Ottubru, Pġ 9.

[18] Leħen Belt De Rohan. Ħarġa Nru 2, 3, 4 1971.

[19] Arkivju Għaqda Każin Banda San Filep, Korrispondenza, 10- 1971.

l-għanja li għadha tidwi b'saħħitha sal-lum.

"O Missier Maħbub Filippu
Dejjem magħna kun ħanin
Żomm il-għaqda, żomm l-imħabba
Ġewwa qlub iż-Żebbuġin.''

Iva, Dun Karm ser jibqa' ħaj għal dejjem.

**Noti:**

- Ħajr: Philip Balzan, John Gafà u Salvu Chetcuti.
- Sorsi : - Internet
  http://www.unescomalta.org/dunkarmpsaila.as sit tal-Kummissjoni Nazzjonali Maltija għall-UNESCO.
  http://mt.wikipedia.org/wiki/Dun_Karm_Psaila
  http://schoolnet.gov.mt/dunkarmpsaila/ sit tal-Iskola Sekondarja ta' Ħaż-Żebbuġ.
  http://www.allmalta.com/folklore/p_031.html Maltese History & Folklore
  http://www.my-malta.com/interesting/Dun%20Karm%20Psaila_maltese.htm
  http://www.ghpm.netfirms.com/DunKarmPsaila.htm sit tal-Għaqda Poeti Maltin.
- **Kotba**
  - Il-Ġrajja tal-Każin Banda San Filep A.D. 1851, (2001) Godfrey Farrugia, Philip Balzan u Philip Agius.
  - Storja ta' Ħaż-Żebbuġ, (1986) Luret Vella.
  - Dun Karm Il-Poeta Nazzjonali (1999) Mons. Lawrence Cachia.
- **Korrispondenza:** Ittra minn Prof Philip Farrugia lill-Mons Psaila. 6-10-1945. *(Ara kopja tal-oriġinali fl-Appendiċi)*

"ST. PHILIP BAND CLUB", ŻEBBUĠ.
Lill-Prof. Mons. K. Psaila, D.Litt.

Għażiż Mons. Psaila,

Għandna l-pjaċir u fl-istess ħin l-unur ninfurmawk illi fis-Seduta tal-Kumitat miżmuma nhar is-Sibt, 6 ta' Ottubru, 1945, ġie deċiż unanimament illi, meta l-Università Rjali ta' Malta qiegħda tinkuruna l-merti letterarji tiegħek bil-għotja tal-grad ta' D. Litt., huwa tabilħaqq xieraq illi aħna, li tagħna inti President Onorarju, u magħna mwieled fl-istess raħal, nifirħulek b'mod speċjali.

Għalhekk il-Kumitat iddeċieda li jitolbok tilqa' l-istedina biex nhar il-Ħadd, 21 ta' Ottubru, fil-5 ta' filgħaxija, tkun il-mistieden ta' ġieħ fil-Każin tagħna u b'hekk tagħtina l-okkażjoni li nfissrulek dan il-ferħ.

Bil-qima kollha meħtieġa lejk,
Għażiż Monsinjur,
Aħna għandna l-unur niffirmaw,
Iffirmata mis-Segretarju u l-President."

**Tweġiba ta' Mons Psaila lill-Prof Philip Farrugia**

34j, Victoria Terrace,
"Dar is-Sliem," Sliema.
25 ta' Ottubru, 1945.

"Lill-President,
St. Philip Band Club, Żebbuġ

Sinjur,

Jiena tgħaxxaqt bil-ħsieb patrijottiku tiegħek u tal-Kumitat tal-Każin li biex tifirħuli għall-onorefiċenza li l-Alma Mater tagħna ddeċidiet tagħmilli billi tagħtini l-Grad ta' D. Litt., honoris causa, għoġobkom tistiednu lili u l-kleru kollu ta' Ħaż-Żebbuġ, nhar il-Ħadd li għadda, 21 ta' Ottubru, 1945, għal-laqgħa għalenija u ferrieħa fiċ-Ċirkolu tagħkom.

Għalhekk jiena nitolbok li tiżżi ħajr fl-isem tiegħi lill-membri kollha tal-Kumitat, lill-Arċipriet u lill-kleru ta' Ħaż-Żebbuġ li kompla hekk sewwa mal-ħsieb tagħkom, u, filwaqt li niżżi ħajr lilek ukoll mill-kliem sabiħ u għaqli li għidtli f'dik il-festa, nitolbok tgħoddni

Dejjem tiegħek,
Firma

# Kelmtejn tal-Għeluq

***Is-Sinjurija Tiegħu l-Imħallef Emeritu Dr Philip Sciberras***

Meta rċivejt l-ittra tal-4 ta' Jannar 2011 biex nippresjedi din is-serata ta' tifkira tal-ħamsin sena mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm, dakinhar stess ċempilt lis-Segretarju tal-Għaqda Tarcisio Mifsud biex nesprimilu l-ferħ u l-entużjażmu tiegħi għal din l-istedina. Hu qalli "Grazzi, Sur Imħallef" u jien fil-pront weġibtu "Mela nsejt x'jisimni Ċis?" u għaddejt biex fakkartu fl-imgħoddi remot meta jiena u hu konna niltaqgħu ma' flien oħra fuq iz-zuntier tal-Knisja ħalli flimkien mal-kowċ tagħna l-Iskoċċ immorru nilagħbu partita futbol. Naturalment, f'din l-istess ittra sieħbi Tarcisio ma naqasx milli jżewwaqha b'eloġji għalija hekk bħal meta ddeskrivini bħala "Żebbuġi ta' stoffa kbira" u kumplimenti oħra tal-istess speċi. Ikolli nassikurah minn hawn illi jien kont u bqajt Żebbuġi sempliċi u serv umli ta' dan ir-raħal u ta' pajjiżi fis-snin twal ta' ħidma bħala Avukat tar-raħal, Membru Parlamentari u fuq il-Bank tal-Ġudikatura. Għal min jafni sew dan ma huwa xejn ġdid u, wara kollox, l-etika tad-dover dan kienet tesiġih minni. Nista' allura nserraħlu rasu illi l-unur mhux jien qed nagħmlu lill-Għaqda u lir-raħal twelidi iżda huma qegħdin jagħmluh lili. Ta' dan inroddilhom ħajr u qima.

L-aktar u b'mod speċjali għaliex għalija, bħal ma jien fiż-żgur li swiet għall-miġemgħa distinta, din is-serata ta' tifkira serviet bħala għajn ta' tagħlim minn kelliema hekk eruditi u awtorevoli li, bil-mod tagħhom, iffokaw fuq il-persunaġġ Dun Karm. Bħala bniedem, poeta ta' kalibru u, ma kienx jonqos, bħala Żebbuġi. Figura ċertament ġganteska fil-firmament soċjo-kulturali Malti u l-iprem fost l-ulied imbierka ta' dan ir-raħal ċkejken li minn ġufu, mal-milja ta-żmenijiet, welled kotrana bosta minn uliedu li għamlulu gieħ. Mhux ta' b' xejn li l-istorja ta' pajjiżna għadha sensibilment tfakkarhom għall-qawwa ħawtiela tagħhom, l-aktar fit-tixrid u t-tkattir ta' xogħlijiet lingwistiċi, letterarji u artistiċi li ħallew it-tinqixa fejjieda tagħhom fl-opri li ħallewna u li kienu ta' ispirazzjoni għall-ġenerazzjonijiet li ġew warajhom.

S'intendi, ngħid għalija, bħala bniedem komuni, it-tifkira ta' dawn il-figuri ċentrali ma tnessinix l-imħabba u l-għożża għal bosta nies sempliċi

li mal-medda tas-snin sawru u lewnu lil dan ir-raħal tagħna u li jien kelli okkazjoni nfakkar uħud minnhom is-sena li għaddiet f'poeżija mitbugha fil-pubblikazzjoni tal-Għaqda fl-okkażjoni tal-festa tal-patrun qaddis tar-raħal.

Nagħlaq dan id-diskors qasir billi ntenni illi għandha biex tkun tassew kburija l-Ghaqda tal-Kazin Banda San Filep illi, minbarra s-soliti membri u simpatizzanti tagħha, minn żmien għal ieħor tiftaħ beraħ il-bibien tal-Kazin għal serati bħal dawn b'turija ta' apprezzament u ta' stima għall-ulied ta' sengħa kbira ta' dan raħal twelidi. Tassew grazzi mill-qalb u j'Alla din il-Għaqda tkompli fil-ġejjieni sseddaqna b'valuri kulturali ta' din il-għamla.

# Għażla ta' poeżiji li nqraw waqt il-lejla mużiko-letterarja

**Nota:** L-ewwel sitta nqraw wara xulxin f'nofs il-programm, waqt li l-aħħar erbgħa nqraw bħala parti mid-diskors ta' Frans Sammut.

## 1. Omm

Imkenna fis-sħana ta' nieqa bla tebgħa,
Imwieżna ħarira fuq ġenbha l-lemin,
B'id waħda fejn wiċċha, bl-id l-oħra fuq drieghha,
Ħaddejha bil-warda, xofftejha mbissmin.

Hemm rieqda t-tarbija fil-kamra sabiħa
Li mħabba għajjura b'idejha hejjiet;
Dak ħsiebha jittajjar f'xi ħolma ta' dija,
Dik qalbha tithenna bid-daqq tas-smewwiet.

Fit-triq hemm ir-reżħa ta' lejla xitwija,
Sikwit troxx ix-xita, jitniehed ir-riħ,
Mat-twieqi magħluqa ittektek xi silġa,
Wens ieħor ma tilmaħ għajr dawl ta' musbieħ.

Tleħħ berqa ; warajha titnikker ir-ragħda ;
Min sahar tisimgħu isakkar il-bieb ;
Tistħajjel għaddejja theddida fuq rasek,
U tħoss bħal tkexkixa titħarrek mal-ħsieb.

Tal-kamra sabiħa fejn rieqda t-tarbija
Il-bieb ħelu ħelu jitbexxaq kemm kemm.
U mara bil-hena tas-saħħa fuq wiċċha
Tissamma', b'ħarsitha ħosbiena, minn hemm.

Fuq ponot subgħajha dlonk tidħol san-nieqa
Fejn kollu ta' qalbha jinġabar il-ġid;
Tittawwal...titbissem...tixtieq tfaqqa' bewsa
'Mma s-silġ għadu jtektek, ir-riħ qed iżid.

## 2. Univers ieħor

Sema ieħor ma tafx għajr il-wiċċ t'ommha
Dejjem safi bla nikta ta' ħajbura,
Anqas xemx oħra ħlief tbissimet fommha
Li tieħu ta' kull dawl il-lewn u s-sura.

Kwiekeb tnejn biss, u hemm ħarsitha żżommha
Meta f'ħoġorha tqegħedha l-omm għajjura,
U waqt li l-għonq taqbdilha jew il-komma,
Tiġbed minn sider bnin l-ogħna matmura.

Tar-regħba tal-bnedmin m'għandha ebda ħabar,
Anqas taf kif id-dmugħ minnhom jinxtara;
'L ommha biss taf, hemm l-univers jinġabar.

U minn dak l-univers ta' tjieba w dija
Li jiddi ħelu fuq il-wiċċ ta' mara
Alla jixref u jidħak lit-tarbija.

## 3. L-10 ta' Frar 1945

Maħbub Missierna, meta Id moħbija
Tefgħetek, f'nofs ta' lejl, fuq ix-xtut tagħna,
Inti fraħt u stagħġibt bil-qalb Maltija,
U xtaqt u fhimt li dejjem tibqa' magħna.

U ma ddawretx ta' mħabbtek it-turija,
Għax meta niesna, mħabba fik beżgħana,
Rawk tfarfar ġewwa n-nar lifgħa waħxija
Bla ma ġarrabt il-mewt, raw kemm setgħana

Kienet il-qawwa li ħaddmitlek driegħek,
U int, li nżilt bi ħsiebek sa ġo qalbna,
Itgħannaqt magħhom, huma tgħannqu miegħek,

Ħares issa, Missier: jekk ġewwa l-gżira
Tidħol xi lifgħa oħra, oh ! isma' talbna :
Eqridha ġewwa n-nar ta' Mħabba Kbira.

## 4. **Lil Malta** (Wara elfejn attakk mill-ajru)

Dejjem rajtek sabiħa o Malta tiegħi,
Fil-libsa mżewqa li int ħdimt mas-snin,
Libsa li taf is-sengħa f'bosta frieghi,
Minsuġa b'ħajt l-imħabba w it-twemmin.

U jien, poeta, o kemm għannaqtek miegħi!
Kemm bews qegħidtlek fuq ħaddejk ħelwin!
Kemm ħaddimt ħsiebi w qalbi, d-dgħif ta' driegħi
Biex ma narakx f'idejn il-barranin!

Issa l-libsa, jaħasra! m'għadhiex sħiħa;
Għadu bla qalb li ma rebħekx bil-ħarta,
Infexx fil-libsa w ċarrathielek sewwa.

'Mma jien mar rajtek qatt bħal-lum sabiħa,
O Malta tiegħi, għax mil-libsa mċarrta
Stajt nara 'l sidrek u l-għeruq ta' ġewwa.

## 5. **Lil Malta** (Wara l-Ġieħ tal-George Cross)

Maħbuba Malta tiegħi, meta jiena
Nifli l-ġrajjiet li għaddejt minnhyom int,
U nara f'kull tiġrib kemm sfaw qalbiena
Uliedek u bil-ġieħ kemm iżżejjint,

Toħroġ għajta minn qalbi: Alla tal-ħniena,
Kemm ħabbejtha 'l din l-art! Għax int emmint
Dejjem li saħħtek mill-Mislub li fdiena,
Mislub li int għaraft, ħabbejt, kennint.

Malta rebbieħa thenna, iżda f'ruħ ġensek
Tħallix tibred dik l-Emmna w dik l-Imħabba
Li fil-qalil ta' ħajtek kienu wensek,

Għaliex nibża' li l-kelma tal-foħrija
Titbiddel f'oħra li kull ġmiel ittabba':
Jekk trid tibqa' rebbieħa, ibqa' Maltija.

## 6. Liema? (Bejn is-sena 1940 u l-1943)

Malta tiegħi, jien rajtek filgħaxija
Tiġġerra max-xtajtiet u t-triqat tiegħek;
Tilbes, titkellem, tidħak bla mistħija
U fi mħabbiet bla ġieħ, belha, titmiegħek.

Iżda rajtek ukoll, mara għaqlija,
Tinsatar f'libsa rżina sa fuq driegħek,
Fid-dar t'Alla titnaddaf minn kull ħtija
U titlob lil Ġesù li jibqa' miegħek.

U jiena ħsibt, u l-ħsieb wasal fi lsieni;
Liema huwa l-wiċċ tassew ta' Malta tagħna?
L-ibleh tal-ewwel, jew l-għaqlia tat-tieni?

Leħen moħbi weġibni dak il-ħin:
Tat-tieni l-wiċċ sabiħ tal-art setgħana;
L-ieħor maskra li ġabu l-barranin.

## 7. Lil Mikiel Anton Vassalli

Vassalli, meta ngħarrex ġewwa ħsiebek,
il-ħsieb li kiber ma' żgħużitek f'Ruma,
u kif fissirtu fit-taħdit ma' ħbiebek,
meta lil artek rajt bil-ħan maħkuma'

U n-nafra tas-sultan li xejn ma ġiebek
wara t-twissija b'għaqal kbir maħduma,
u l-għawġ u l-għar li nġabar wara biebek
u l-ħabs u l-ħarba f'nofs ta' lejl mitmuma,

"Malti safi tassew!" joħroġ minn fommi,
mhux għax għallimtna l-ġmiel, is-saħħa, il-għana
tal-lsien li tkellmu bih ommok u ommi,

Iżda għax ħabbejtha lil din l-art ħanina,
u kont ewlieni fost in-nisel tagħna
li ħsibt il-jedd li nkunu ġens għalina.

## 8. Għal Dun Mikiel Xerri

Kont għadni, nista' ngħid, ċkejken tarbija
meta ktieb il-ġrajjiet ħabbibni miegħek,
għax fik għaġbitni l-ħila barranija,
u l-kelma sħieħa bħall-egħruq ta' driegħek.

Iżda kif ġejt fuq l-għatba tar-rġulija
u xtaqt inbus lil dak li qatt ma tmiegħek,
u fittixt, imm' għalxejn, fuq l-art Maltija
ħaġra li turi fejn hu l-qabar tiegħek,

jien regħx't u bkejt, għax rajt kemm kienet xħiħa
miegħek din l-art li int ħabbejt fis-sewwa,
b'imħabba safja u bla nuqqas sabiħa;

għax tajfitna b'għemilek sfat mirquma,
u għall-qawwa li wrejt quddiem l-egħdewwa
kienu jitkabbru bik Atene u Ruma.

## 9. Wied Qirda

Meta ninżel hawnhekk fil-waqt li ħamra
ix-xemx tistaħba wara l-Fuqqanija,
u nara d-djar u 'l fuq mid-djar xi tamra
isewdu fuq il-ward ta' dik id-dija;

Fil-waqt li f'qalb li tħobb tixgħel bħal ġamra
ix-xewqa tal-mistrieħ ġo dar kennija,
u l-aħħar xbejba – li x-xemx għamlet samra
titla' b'xi midra jew b'xi luħ mgħobbija;

Nisma' ġol-fraxxnu u ġol-ħarrub tal-plajja
bħal karba twila ta' min q'għed ibati
u jigdem l-art fl-uġigħ tal-aħħar firda;

U ħsiebi jarġa' lura lejn il-ġrajja
ta' min għalina loen bil-bosta ħati,
u nħoss għaddejja l-Mewt minn fuq Wied Qirda.

## 10. Lil Ħaż-Żebbuġ, Raħal Twelidi

F'ħajjet Alla! Rġajt fi ħdanek
Art xemxija fejn twelidt;
Mhux minn qalbi, o dar kennija,
Minnek darba jiena nfridt.

Qalb il-ġmiel ta' belt li tgħaxxaq,
Fit-taħdit ma' bosta ħbieb,
Inti bqajt l-egħeżeż tifkira,
Int kont dejjem l-ewwel ħsieb.

Meta qatt fil-ħidma tiegħi
Kelli s-serħ u ma żurtekx?
Meta ħareġ minn ġo qalbi
Għanja u jien ma semmejtikx?

Qed inħossha l-fewġa safja
fuq ħaddejja tiġi u tmur;
Qed inħossha ġewwa sidri
kollha saħħa u benna ddur,

U mal-fewġa jqum leħenkom,
Siġar qodma tal-ħarrub,
U mill-ġonna dejjem ħodor
Tiġi ħlewwa xxoqq il-qlub.

Xi żmien ħelu meta tfajjel
Kont ingħolli xi tajriet;
Jew mixħut fuq il-ħamrija
Għad-dell naqra xi ġrajjiet!

Għalhekk int ġo belt li tgħaxxaq,
Fit-taħdit ma' bosta ħbieb,
Dejjem bqajt l-egħżeż tifkira,
Bqajtli dejjem l-oħla ħsieb ...

Imma għidli, art maħbuba,
Fejn hu d-dawl ta' ħbub għajnejk?
Minn fejn ġie? X'inhu? Xi jfisser
Dan id-dell ta' fuq ħaddejk?

Kont sabiħ, ja raħal tiegħi,
Art xemxija fejn twelidt;
Kont sabiħ fir-riżq ta' nwielek,
Meta minnek jien infridt,

X'ħeġġa, x'għira, xi bżulija
Fost uliedek kbar u żgħar!
Hawnhekk twerden ir-raddiena,
Hinn iżarżru dawk l-utar,

U mad-daqqa tal-marżebba,
Bejn l-inħajjes taż-żebbiegħ,
Tisma' l-għanja ferriħija
Tan-nissieġa u tas-seffieħ.

Mill-irħula ta' ma' madwarek
Qtajja' qtajja' ġejja n-nies,
Trodd ix-xogħ'l u tieħu l-ħajja
Bil-ftehim, bil-ħaqq, bil-qies.

Għaliex issa ġiet is-sikta
Fuq il-ħajja tal-Ħaddiem?
Għaliex meta niġi nżurek,
Ma narax indafa u sliem?

Qum mit-telqa li rebħitek,
Ġens ta' ħila, ġens ta' raj;
Għid lil ħuk, għid lill-barrani
Illi għaqlek għadu ħaj.

# Óamsin Sena mill-Mewt Tieg˙u

Ftakar, ftakar li qalbek
Qatt ma ħamel ebda xkiel;
La tinsiex illi dejjem tiegħek
Kien Vassalli u Dun Mikiel.

Ima ftakar illi l-għaqda
Biss iġġib il-qawwa, r-riżq;
Tinqasamx fil-fehmiet tiegħek,
Għall-annuna xejn m'hu wisq.

Ħaddem qalbek, ħaddem ħsiebek,
Ta' dirajk ħaddem l-għeruq,
Ħa narak, kif rajtek darba,
Tiela', tiela', tiela' 'l fuq.

# Innijiet ta’ Dun Karm, b’mużika ta’ Ġużeppi Caruana fl-ordni kif tkantaw waqt il-Lejla Mużiko-Letterarja.

## Innu ta’ Filgħaxija

Riesaq il-lejl, Mulejja,
Bil-wegħda tal-mistrieħ;
Ġa beda s-sema jħammar
Fi nżul ix-xemx sabiħ;

Dal-waqt jixirfu l-kwiekeb
Fil-għoli tas-smewwiet;
Dal-waqt il-ħajja torqod,
Kull ħoss imut fis-skiet.

Inti, li dejjem tgħammar
Fis-sebħ ta’ jum bla tmiem,
Fid-dlam tal-lejl ħarisna,
Xerred ġo qlubna s-sliem.

Temmejna l-jum, Mulejja
Imqassam ħidma u serħ,
Xi waqt miksur bin-niket,
Mogħni xi waqt bil-ferħ;

Kollox mit-tjieba tiegħek,
Għax Int missier ħanin,
Li trid il-ħlejjaq kollha
Bi mħabbtek biss henjin.

Inti, li dejjem tgħammar
Fis-sebħ ta’ jum bla tmiem,
Fid-dlam tal-lejl ħarisna,
Xerred ġo qlubna s-sliem.

Ieqaf, Mulej, mal-fqajjar,
’Tih l-għata, ’tih l-għajxien;
Sabbar lil min hu mbikki,
Serraħ lil min għajjien;

Iġbed bil-ħlewwa l-midneb,
Li riegħxek mingħajr jedd,
Tħalli lil ħadd bil-biża’
Tal-ħaqq imur jimtedd.

Inti, li dejjem tgħammar
Fis-sebħ ta’ jum bla tmiem,
Fid-dlam tal-lejl ħarisna,
Xerred ġo qlubna s-sliem.

## Innu tal-Kungress Marjan

Ismagħha l-għanja, Sidtna Marija,
Il-Għanja ħelwa tagħna l-Maltin,
L-għanja li ntisġet minn nies għaqlija
U nstemgħet tidwi f'eluf ta' snin.

Għażiża Ommna, Sidtna Marija,
Bid-dawl hennina, t'Ibnek Ġesù.

F'kull naħa mwarrba tal-Gżira tagħna
Hemm l-isem tiegħek fil-blat minqux;
Tidħaq xhihetek fil-knejjes kollha,
Fejn tqimek dejjem l-għanja tal-qlub.

Għażiża Ommna, Sidtna Marija,
Bid-dawl hennina, t'Ibnek Ġesù.

L-għanja titolbok, Sidtna Marija,
Li inti tibqa' magħna f'kull żmien,
Għalhekk Int amar Ommna Marija
Li l-għanja tiegħek ma tmut imkien.

Għażiża Omma, Sidtna Marija,
Bid-dawl hennina, t'Ibnek Ġesù.

## Innu Ewkaristiku

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin,
Għalik l-anġli dlonk titniehed,
Inti l-hena tal-bnedmin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin,
Inti l-ħlewwa tal-qawwija,
Inti s-saħħa tal-fqajrin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.
Inti l-qawma ta' min raqad,
Inti l-għaxqa tal-ħajjin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin,
Jalla d-dinja tagħraf tħobbok,
Fik il-qlub huma henjin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin,
Insellmulek, Alla moħbi,
Inti biss taħkem is-snin.

Nadurawk, ja Ħobż tas-sema,
Frott l-imħabba l-iżjed bnin.

## Innu lill-Qalb ta’ Ġesù

‘Tina l-ħlewwa tal-ilsna tas-sema,
Biex il-ġieh li jixraqlek nagħtuk;
Qalb ħanina, li tagħder, li taħfer,
Kif ħabbejtna nixtiequ nħobbuk.

Qalb imqaddsa ta’ Ġesù,
Li berikt it-tfal ċkejknin,
Kebbes fina n-nar ta’ mħabbtek,
Żommna miegħek imħaddnin.

Biex tifdina mill-jasar ewlieni,
Ta’ Missierek l-għamara ħallejt;
Int li tgħaxxaq is-sema bi ġmielek,
Ta’ suritna fil-faqar inħbejt.

Qalb imqaddsa ta’ Ġesù,
Li berikt it-tfal ċkejknin,
Kebbes fina n-nar ta’ mħabbtek,
Żommna miegħek imħaddnin.

L-aħħar qatra ta’ demmek tajthielna
Meta b’daqqa ta’ lanza nifduk;
Int għallimtna tan-niket il-hena,
Int għallimtna fil-hemm inbirkuk.

Qalb imqaddsa ta’ Ġesù,
Li berikt it-tfal ċkejknin,
Kebbes fina n-nar ta’ mħabbtek,
Żommna miegħek imħaddnin.

## Innu lill-Madonna

Fil-ħlewwa ta' Mejju,
Omm tagħna Marija,
Oh kemm idoqq ħlejju
Dak ismek sabiħ;

Kemm toħroġ qawwija
Dil-kelma minn qalbna
Fit-tama li talbna
Jagħtik l-akbar ġieħ.

Int l-għaxqa tas-sema,
Ix-xemx tal-ħolqien;
Int l-omm ta' min ħalqek,
Bik mimli kull żmien.

Jekk tiftaħ fil-ġonna
Il-warda Maltija,
Tfakkarna, o Madonna,
Fil-lewn ta' ħaddejk;

Jekk tidħak id-dija
Tal-kwiekeb irżina,
Tfakkarna, o ħanina,
Fil-ħarsa t'għajnejk.

Int l-għaxqa tas-sema,
Ix-xemx tal-ħolqien;
Int l-omm ta' min ħalqek,
Bik mimli kull żmien.

Minn dejjem bint Alla
Nadifa mill-ħtija,
Infrixt bħal qawsalla
Fuq ras il-bnedmin;

Int ftaħt, o Marija,
L-għejjun ta' kull ħniena
Fuq l-aħwa ħosbiena,
Fuq l-aħwa ħatjin.

Int l-għaxqa tas-sema,
Ix-xemx tal-ħolqien;
Int l-omm ta' min ħalqek,
Bik mimli kull żmien.

Għalhekk, ja Sultana
Tal-ħlewwa Marija,
Int biss tama tagħna,
Int qawwa tar-ruħ.

Bil-grazzja mimlija
Kull waqt insellmulek,
Bil-ħrara ngħajtulek,
Fis-siegħa tad-dmugħ.

Int l-għaxqa tas-sema,
Ix-xemx tal-ħolqien;
Int l-omm ta' min ħalqek,
Bik mimli kull żmien.

## Innu ta' Filgħodu

Reġa' sebaħ! Ja Mulejja,
Agħti tiegħek dan il-jum;
Lejk nittajjar bil-ħsieb tiegħi
Kull filgħodu malli nqum.

Fix-xemx jiddi l-ġmiel ta' wiċċek,
Inti ssebbaħ il-ħolqien;
Isellmulek l-art u s-sema
Lull filgħodu bl-oħla lsien.

Ja Mulejja, niżżiK ħajr,
Għaliex Int tal-ħajja s-sid;
Fik is-setgħa, fik il-Ħniena,
Int fawwara ta' kull ġid.

F'dan il-lejl li għadda fuqi
Int ħaristni minn kull biża',
Warrabt minni l-ħolm ħażin.

Bħal missier f'telfa ta' mħabba
lIt-taħbit ta' qalbi smajt;
Xħitt is-saħħa ġewwa sidri
Ma' kull nifs li jiena tajt.

Ja Mulejja, niżżiK ħajr,
Għaliex Int tal-ħajja s-sid;
Fik is-setgħa, fik il-Ħniena,
Int fawwara ta' kull ġid.

F'dan il-jum tħallix, Mulejja,
Li jitnissel f'qalbi d-dnub;
Inti taf li l-għadu tagħna
Għandu x-xbiek dejjem minsub.

'Tini l-omm tal-Iben tiegħek
Biex tħarisni fit-tiġrib,
U tgħallimni b'imħabbitha
Kif inħaddan is-salib.

Ja Mulejja, niżżiK ħajr,
Għaliex Int tal-ħajja s-sid;
Fik is-setgħa, fik il-Hniena,
Int fawwara ta' kull ġid.

## Nirien ta' Mħabba

Kemm hi ħelwa l-Għamara ta' Mħabbtek
O Ġesù, x'Ġenna żgħira f'din l-art!
Hawn il-bjuda wis-safa tal-ġilju;
Hawn il-fwieħa tas-sagħtar u l-ward.

Le ma rridx noħlom iżjed il-frugħa
Li tidħaqli fil-għana, fil-ġid:
Inti biss tkun il-Kewkba ta' ħsiebi:
Inti il-Ħakem ta' qalbi wis-Sid;

**Għax il-bewsa li fommok ħanina**
**Fiha togħma ta' Ħobż is-Smewwiet:**
**Fit-tgħanniqa ta' qalbi ma' qalbek**
**Ruħi togħxo fil-mewġ tal-ħlewwiet.**

Dik il-kelma li tgħidli fis-siegħa
Li ninxeħet sogħbien jaw' f'riġlejk;
Dik ix-xrara li tikber ġo sidri,
Mela naħseb fil-kisra t'għajnejk.
Ifissruli l-ħuġġieġa ta' mħabba
Li wasslitek biex tmut fuq salib.
U nħoss xewqa li nrossok fi ħdani
U mmut ngħannaq mal-egħżeż Ħabib.

**Għax il-bewsa ta' fommok eċċ.**

Priġunier f'dik id-dwejra ċkejkuna.
Qatt ma tegħja tistenna lill-ħbieb;
U fiż-żjara ta' qlub għalenija
Tiftaħ beraħ ta' Darek il-bieb.

O Ġesù, ibqa' dejjem kellimni
Hekk, bil-ħlewwa, sa kemm żmieni jtul,
Ħalli nħobbok, inħobbok, inħobbok
Fil-Misterju tal-Għeneb u ż-żbul.

**Għax il-bewsa ta' fommok eċċ.**

## Innu Popolari lil San Filippu t'Aġġira

B'għajta sħiħa ta' ferġ u ta' qima,
B'fehma waħda ta' mħabba, ta' ġieħ,
Żebbuġin, nagħtu lkoll it-tislima
Lil Filippu f'dal-jum hek sabiħ.

Lilu tana, b'qadisna, l-kbir Alla,
Hu tar-raħal il-ħares, is-sid;
Bħalma ħadmet u rebħet f'Aġġira,
Baqgħet taħdem u tirbaħ dik l-id.

**O missier maħbub Filippu,**
**Dejjem magħna kun ħanin;**
**Żomm il-għaqda, żomm l-imħabba**
**Ġewwa qlub iż-Żebbuġin.**

Lilu l-knisja ma' qalbhom ħatrulu
Dawk li l-knisja bħilithom temmew;
F'din il-knisja l-ferħ tagħhom ħabbrulu
Hawn fin-niket bis-sabar imtlew.

Meta waslet is-siegħa tal-qilla,
Hawn inġabru, taw bewsa 'l xulxin;
Minn hawn ħarġu qalbiena bħal ljuni
Għat-taqbida mat-Torok kefrin.

**O missier maħbub Filippu ....**

Wara r-rebħa, fis-sedqa,fis-sliema,
Ġewwa l-knisja, fir-raba', fid-djar,
Baqgħet tixgħel fost l-aħwa ħaddiema
Lejn Filippu l-ħuġġieġa tan-nar.

Drabi ferħ, drabi niket u biża',
Fuq dal-ġens għaddew snin bil-mijiet,
Iżda x-xrara qaddisa li kibset
Ġewwa qlubhom qatt iżjed ma ntfiet.

**O missier maħbub Filippu ....**

## L-Innu Malti

Lil din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha,
Ħares, Mulej, kif dejjem Int ħarist;
Ftakar li lilha bl-oħla dawl libbist.

Agħti kbir Alla, id-dehen lil min jaħkimha,
Rodd il-ħnienalis-sid, saħħa 'l-ħaddiem;
Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.

**Appendiċi -1**

# Il-Ġbir tal-Poeżiji Kollha bit-Taljan u bil-Malti ta' Dun Karm

*Riċerka ta' ħamsa u tletin sena*

***Oliver Friggieri***

## Il-poeta wild il-Malti u t-Taljan

Fl-ambjent tal-iskola governattiva ta' Ħaż-Żebbuġ, fejn Dun Karm Psaila (1871-1961) beda jieħu l-edukazzjoni tiegħu fl-1878, is-sistema tat-tagħlim kienet iddur madwar il-lingwa Taljana. Huwa kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju Minuri fejn iż-żewġ oqsma ewlenin tal-istudju kienu l-Latin u t-Taljan, u hekk baqgħu għal ħafna għexieren ta' snin wara. Fis-Seminarju Maġġuri, fejn huwa segwa l-kors biex isir qassis, it-tradizzjoni kulturali Taljana kienet fl-aqwa tagħha. Il-kors letterarju ewlieni ma setax ma jkunx mibni fuq l-għarfien tal-Istorja tal-Letteratura Taljana, minn Dante u Petrarca sa għallinqas ir-romantiċi ewlenin, bħal Foscolo u Manzoni.

Dawn u oħrajn Taljani huma bħallikieku l-persunaġġi li jimlew it-tradizzjoni letterarja Maltija stess, u fl-ambjent tematiku-formali tagħhom setgħet titrawwem il-kitba ġdida bil-lingwa lokali, imrawma hi wkoll, minn wara ż-żmien Għarbi 'l hawn, f'kuntest neo-Latin.

Żmien twil wara, fl-1945, meta kien ilu madwar tlieta u tletin sena li beda jikteb bil-Malti, Dun Karm stqarr li t-Taljan kien l-ewwel ilsien li ġie mgħallem lilu u kien jogħġbu ħafna. Fil-fatt, il-kitba tiegħu bit-Taljan, anki dik li tmur lura sas-snin bikrija, hi eżempju ta' lingwa mħaddma tajjeb ħafna. Aktar ma kompla jikteb il-poeżija, aktar jidher li beda jitbiegħed mill-mudelli rettoriċi tal-letteratura klassika u neo-klassika. Minn stil klassikeġġjanti, elaborat anki bi skop ta' eleganza fiha nnifisha, għadda għal espressjoni romantika, wisq eqreb lejn il-forom tat-taħdit ta' tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin.

Mill-1912, meta beda jikteb bil-Malti, huwa kompla jesprimi ruħu fid-dawl tal-lezzjonijiet il-kbar tat-tradizzjoni għanja li trabba fiha, u l-Malti tiegħu huwa eżempju ta' poeta kolt ħafna. Hemm wirt kulturali sħiħ li jispjega l-identità artistika tiegħu. Fl-introduzzjoni "L'identità culturale di Dun Karm", li pprezentajt fil-bidu tal-volum *Le poesie italiane*, għandha tidher sewwa l-firxa kulturali li torbtu b'mod storikamemt leali mad-dinja letterarja Taljana, il-ħamrija li fiha setgħet tinbet il-letteratura Maltija bil-Malti. Qabel dik il-fażi, li Dun Karm jirrappreżentaha bl-opra tiegħu, hemm il-letteratura Maltija bit-Taljan. Dan kollu tispjegah il-kritika komparata, u jinstab imlaqqa' fil-personalità kumplessa ta' dan il-poeta, f'salib-it-toroq ta' żewġ esperjenzi, Maltija u Taljana, li issa kellhom jingħaqdu f'waħda. Is-sena 1912 hi indikazzjoni ta' din is-sintesi.

Dun Karm kompla jikteb bit-Taljan anki wara li ħa d-deċiżjoni li jibda jikteb bil-Malti, kif turi l-kronoloġija tal-kitbiet tiegħu. Madankollu huwa ma tantx kien ifittex li jippubblika jew jiġbor il-poeżiji. Kemm fil-każ tal-poeżiji tiegħu bil-Malti, u kemm fil-każ tal-poeżiji bit-Taljan, jien u nfittex ix-xogħlijiet imxerrdin tiegħu sibt li kienu diversi dawk ix-xogħlijiet li issa kienu se jkunu ppubblikati għall-ewwel darba, f'dawn il-ġabriet kompleti.

Poeta jista' jiġbor hu stess il-poeżiji tiegħu matul ħajtu, jew inkella jkollhom ikunu l-kritiċi li jagħmlu dan għalih, aktarx wara mewtu. Dan hu l-każ ta'' Dun Karm, każ ta' xi ħadd li relattivament kiteb ħafna, u li sa mewtu hu stess baqa' ma ġabarx ix-xogħlijiet tiegħu (bil-Malti, bit-Taljan, u anki l-ftit versi li kiteb b'gost partikolari bl-Ingliż, u bl-Esperanto).

B'dawn il-ftit ħsibijiet nista' nirrakkonta fil-qosor il-proċess twil li segwejt biex ġbart il-poeżiji li Dun Karm kiteb bit-Taljan bejn l-1889 u l-1946, u li kiteb bil-Malti bejn l-1912 u l-1954c. (bi qbil mad-data ta' kitba, jew pubblikazzjoni). Dwar ix-xogħol li jikkonċerna l-ġbir tal-poeżiji tiegħu bil-Malti wieħed jista' jara l-artiklu tiegħi "L-esperjenza tiegħi fl-istudju ta' Dun Karm u fil-ġbir tal-poeżija tiegħu", ippubblikat fil-ktieb *Dun Karm Psaila - Ħsibijiet u Tifkiriet* (ed., Emmanuel Cutajar, Pubblikazzjoni Kunsill Lokali - Żebbuġ, 2001, pp. 21-35).

## Il-bżonn ta' ġabra sħiħa tal-poeżiji

Sa ma miet fl-1961 Dun Karm kien għad kellu l-poeżiji tiegħu, bit-Taljan

u bil-Malti, imxerrdin sa fil-postijiet l-inqas mistennija. Kien hemm il-ħtieġa li jinġabru, u dan kien proġett diffiċli ħafna li jiena dħalt għalih fil-bidu tas-snin sebgħin. Fil-bidu tas-snin sebgħin kont qiegħed naħdem fuq it-teżi għall-grad ta' M.A. bl-isem "La cultura italiana in Dun Karm" (1975), li mbaghad fl-1978 kienet ġiet ippubblikata bħala volum minn Leo S.Olschki ta' Firenze fil-Kullana 'Biblioteca dell' Archivum Romanicum', u bl-isem *La cultura italiana a Malta - Storia e influenza letteraria e stilistica attraverso l'opera di Dun Karm*.

Għall-grad ta' Ph.D. ħdimt fuq it-tema '*La cultura italiana del romanticismo e la poesia maltese*'. Din it-teżi, ippreżentata fl-1978, ħarġet bħala volum bl-isem *Storia della letteratura maltese* mill-Edizioni Spes ta' Milazzo fl-1986. Lit-test oriġinali Taljan tiegħi kont diġà qlibtu għall-Malti sadanittant, biex ħareġ il-volum *Storja tal-Letteratura Maltija* mill-Klabb Kotba Maltin fl-1979. Parti importanti minn dan ix-xogħol hi dwar l-identità romantika ta' Dun Karm.

Dan ifisser li kelli nassigura li jkolli quddiemi t-testi kollha ta' Dun Karm, bil-Malti u bit-Taljan, poeżija u proża, fosthom dawk li ma kienu xejn magħrufa u lanqas ippubblikati, u oħrajn li setgħu jinstabu. Bħala punt ta' tluq ittieħdu ż-żewġ listi ta' Ninu Cremona (1964) u Ġużè Cardona (1967). Mill-kotba li Dun Karm xandar hu nnifsu u mit-tliet kotba ta' Ġużè Bonniċi (1939-40) u l-antologija ta' Ġużè Aquilina (1946) stajt nibni l-kwadru tal-opra sa dak iż-żmien.

## Il-ġbir tal-poeżiji bil-Malti

Bi proġett separat għal kollox mir-riċerka msemmija, kienet ħaġa xierqa li tkun definita qabelxejn l-opra poetika tiegħu kollha bil-lingwa Maltija. Dan wassal ghall-ħruġ tal-volum tal-poeżiji tiegħu bil-Malti fl-1980: *Dun Karm - Il-Poeżiji Miġbura* (Klabb Kotba Maltin - Karmen Mikallef Buħaġar). Il-volum hu wieħed mill-ħafna merti kbar tal-Klabb Kotba Maltin. Fih, minbarra daħla twila dwar il-poeta, inkludejt ukoll lista kronoloġika tal-poeżiji kollha.

Ftit żmien wara, fil-ktieb *Dun Karm - Il-Bniedem fil-Poeta*, (1980), bijografija tal-poeta, ippubblikajt aktar poeżiji tiegħu misjuba aktar tard f'manuskritt li ma kienx magħruf għalija qabel ('Pro Memoria - Ħsibijiet Żgħar', manuskritt li Dun Karm stess kien ta lil Dun Ġużepp Mangion). Kien Pawlu Mizzi tal-Klabb Kotba Maltin li għarrafni b'dan

il-manuskritt. Aktar poeżiji mhux ippubblikati bil-Malti, imbagħad, sibthom f'manuskritt ieħor ('Kollezzjoni Peter Vassallo'). Dan kien biss parti mix-xogħol fil-kostruzzjoni, għar-riċerka tiegħi, tal-figura vera ta' poeta, li ma tista' tinstab imkien ħlief fl-opra kompleta tiegħu.

## Il-ġbir tal-poeżiji bit-Taljan

Kien jonqos li jsir fl-istess ħin ix-xogħol tal-ġbir tal-poeżiji bit-Taljan. Il-proċess kellu jitkompla anki billi jitfittxu fontijiet oħrajn, kemm manuskritti u kemm xogħlijiet stampati. Kelli nfittex kullimkien, f'kull tip ta' pubblikazzjoni konvenzjonali, tipika tas-sekli dsatax u għoxrin: minn folji volanti sa libretti, u fost l-oħrajn il-ġabriet ta' pubblikazzjonijiet tassew varji, illegati f'sett ta' volumi li kienu kklassifikati bħala ''Miscellanea'', miżmumin fit-Taqsima Melitensia tal-Bibljoteka tal-Università ta' Malta. Okkażjoni li nibqa' niftakar hi s-sejba ta' dik li nqis li hi l-ewwel poeżija ppubblikata tiegħu, "La dignità episcopale", imxandra bħala ktejjeb fl-1889, u li kont ippubblikajtha fl-1974 ("Il-Polz", 26, 1974, pp. 4-7). Kienet miġbura fil-volum ''Miscellanea'', vol. IX, numru 23.

Waqt li tlaqt mill-ġabriet żgħar tal-poeta, *Foglie d'alloro* (1896), *Versi* (1903) u *Liriche* (1954, ikkurata minn Giovanni Curmi), stajt nibda l-proġett tal-iskoperta twila, diffiċli ta' ħafna opri oħrajn ippubblikati f'postijiet varji, jew ikkonservati f'għamla ta' manuskritti jew kopji ttajpjati. Fost pubblikazzjonijiet diversi li l-poeżiji tiegħu bit-Taljan baqgħu mxerrdin fihom hemm "L'amico dei giovani", "L'amico della gioventù maltese", "La diocesi", "L'eco del Circolo Foedus", "La palestra del seminarista", "Santa Rita", u "Il vessillo cattolico". Konklużjoni bħal din tista' tinkiseb wara li jkunu ġew imfittxa r-rivisti kollha tal-epoka.

Hi importanti l-'Kollezzjoni Melitensia' tal-Bibljoteka tal-Università ta' Malta, fejn hemm ġabra ta' manuskritti u kopji ttajpjati ta' xogħlijiet tal-poeta. Il-'Kollezzjoni Peter Vassallo' hi wkoll importanti għal numru ta' poeżiji mhux-magħrufa bil-Malti u bit-Taljan, apparti versi minuri oħrajn.

Dan kollu għandu jkun ikkunsidrat fil-kuntest tal-ħażna mdaqqsa ta' manuskritti u ta' kopji ttajpjati ta' Dun Karm. Hu kien iħobb jagħmel dik li hi magħrufa bħala 'bella copia', pulita, bla ebda tibdil jew qtugħ, b'idu, b'kalligrafija ċara, kbira, jew bit-tajprajter. Fil-każ ta' edizzjoni fondamentali, ewlenija, il-bieb tat-tiftix jibqa' dejjem miftuħ, kif għadu

sa llum fl-Ewropa fejn hemm lista sħiħa ta' awturi li l-opra tagħhom inġabret f'edizzjoni kritika żmien twil wara mewthom. Minkejja dan it-tiftix kollu, inqis xorta waħda li dan hu qasam minnu nnifsu miftuħ. Metodoloġiji u kriterji akkademiċI differenti jesiġu dan.

## Ħafna poeżiji mxerrdin f'ħafna bnadi

Il-proġett tal-ġbir tal-poeżiji kollha bit-Taljan ta' Dun Karm ma kienx xogħol faċli. Kollox hu marbut mal-fatt li huwa, poeta veru, ma kellux ħeġġa kbira li jippubblika, imqar f'perjodiċi, u wisq inqas kellu mezzi, kemm istituzzjonali u kemm personali. Dan jgħodd għaż-żewġ ilsna ewlenin li ħaddem, u l-aktar għat-Taljan. Hu kien spiss kuntent li jikkopja pulit, f'għamla finali, numru ta' poeżiji tiegħu, u jżommhom għandu. Ippruvajt niġbor u nispjega fil-qosor dan kollu fil-prefazzjoni għall-ktieb tal-poeżiji miġbura bit-Taljan *Dun Karm - Le poesie*, *italiane*, pubblikazzjoni tal-Malta University Press (2007.

## Lista kronoloġika tal-poeżiji bit-Taljan u bil-Malti

Fil-lista kronoloġika, mibnija b'metodu magħżul u fid-dawl tad-data tal-kitba u pubblikazzzjoni kif ikun il-każ, tidher il-konsistenza li Dun Karm wera fil-kitba bit-Taljan. L-eqdem poeżija li hi magħrufa għalija tmur lura sa l-1889, u mbagħad hemm diversi oħran miktubin fl-aħħar snin tas-seklu dsatax. Fost  l-eqdem poeżiji li ma kinux ippubblikati qabel hemm "Carnevale" (1899), u "Alla mia stella" (1900). Dun Karm baqa' jikteb bit-Taljan, minbarra qabelxejn bil-Malti, għallinqas sa madwar nofs l-erbgħinijiet tas-seklu għoxrin, waqt li hemm poeżiji li d-data tagħhom għalija ma hix magħrufa. Poeżiji oħrajn, bla data, fihom indikazzjoni taż-żmien minħabba s-suġġett tagħhom (eżempju, it-tieni gwerra dinjija).

Il-ġabra tal-poeżiji ta' Dun Karm bil-Malti u bit-Taljan hi okkażjoni biex għall-ewwel darba wieħed ikollu l-firxa kollha tal-kitba tiegħu bejn tmiem is-seklu dsatax u nofs is-seklu għoxrin. Safejn hu possibbli, il-ktieb jinkludi l-post u d-data tal-kitba u l-pubblikazzjoni tal-poeżija li tkun. Iż-żewġ ġabriet kompleti, bil-Malti u bit-Taljan, huma dokument ta' poeta wieħed, konsistenti. It-tnejn huma opra waħda ta' poeta wieħed. Nittama li xi darba ż-żewġ volumi, *Il-Poeżiji Miġbura* u *Le poesie italiane*, jinħarġu f'volum wieħed. Ix-xogħol fuq il-ġbir tal-proża hu mibdi wkoll.

## Kotba ta' Oliver Friggieri fuq Dun Karm

I. Edizzjonijiet kritiċi tal-kitbiet tal-poeta

1. *Dun Karm - Il-Poeżiji Miġbura*, Malta, Klabb Kotba Maltin - Karmen Mikallef Buħaġar 1980.
2. *Dun Karm - Le poesie italiane*, Malta, Malta University Press 2007.
3. *L-Ittri ta' Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar*, Malta, PEG Ltd. 1997.

II. Bijografija tal-poeta

4. *Dun Karm - Ħajja u Karattru*, Malta, Sagħtar 1972.
5. *Dun Karm - Il-Bniedem fil-Poeta*, Malta, Klabb Kotba Maltin 1980.

III. Saġġistika kritika

6. *La cultura italiana a Malta - Storia e influenza letteraria e stilistica attraverso l'opera di Dun Karm*, Firenze, Leo S. Olschki 1978 (Biblioteca dell'Archivum Romanicum, vol. 142).
7. *Storia della letteratura maltese*, Milazzo, Edizioni Spes 1986. (Dun Karm: pp. 181-273).
8. *Il-Kultura Taljana f'Dun Karm*, Malta, Klabb Kotba Maltin 1976.
9. *Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm*, Malta, Università ta' Malta 1988.
10. *Dun Karm - Il-Jien u Lilhinn Minnu* (edizzjoni annotata, b'daħla u b'noti), Malta, Edizzjoni Toni Cortis 1988.
11. *Dun Karm*, Malta, Edizzjoni Toni Cortis 1989.
12. *Analizi tal-Versi tal-Innu Malti*, Kunsill Lokali Ħaż-Żebbuġ, 2009

## Appendiċi -2

# Dun Karm:
# L-Ambjent Żebbuġi u Lil Hinn Minnu

***Frans Sammut***

Li Dun Karm twieled Ħaż-Żebbuġ u mhux f'xi raħal ieħor jew belt oħra ta' Malta, kien fil-fehma tiegħi, fattur determinanti fil-ħidma letterarja u poetika tiegħu. F'din il-kitba se nagħmel ħilti nuri għaliex naħseb hekk.

Mela, Dun Karm twieled Ħaż-Żebbuġ fit-18 ta' Ottubru 1871 minn Filippu Psaila (ta' Lewtu) u Lunzjata Pisani. Miet Tas-Sliema fit-13 ta' Ottubru 1961 iżda jinsab midfun Ħaż-Żebbuġ f'dak li kien isejjaħlu s-"sepulkru tiegħi"[1] fiċ-ċimiterju ta' raħal twelidu. Missieru kien sikwit ibaħħar biex iġib ix-xogħol minn barra u ma kinux jgħoddu mal-fqar. Minħabba f'hekk, f'żgħoritu għex aktar ma' ommu u l-ambjent Żebbuġi xorbu aktar mingħandha. Dan l-ambjent mhux biss sawwarlu l-karattru tiegħu, iżda baqa' miegħu għal dejjem, minkejja li bosta għexieren ta' snin minn ħajtu t-twila qattagħhom il-Furjana, il-Belt u Tas-Sliema. Fost bosta bixriet, għal kollox Żebbuġin, li kiseb Dun Karm kien it-twemmin li għad li mhux fqar ma kellhomx jgħixu fil-ħala u l-poeta baqa' sal-aħħar iġewweż imqar fl-ikel li jiekol u jieħu ħsieb li ma jaħlix, kif jgħidilna f'kitbiet ta' xjuħitu.

It-tradizzjoni ta' Ħaż-Żebbuġ kienet waħda ta' għaqal u bżulija, nuqqas ta' fsied u ħejm, ġabra, sens ta' familja. Fi ftit kliem, kien ambjent mogħni b'valuri li Dun Karm dara jgħożżhom mhux biss għax tajbin fihom infushom iżda wkoll għaliex Insara fil-qofol morali tagħhom. Aġġettiv li

[1] Kappella li bena bil-għan li ma jkollux għalfejn jindifen fir-roqgħa mħollija apposta għall-qassisin tar-Raħal billi kien kisirha magħhom bl-ikreh minħabba f'mottivi politiċi u wkoll għaliex ma kienx qassis li jaħdem fil-parroċċa. Ma nistagħġibx li "sepulkru" ħadha mill-Foscolo li kif jistqarr hu nnifsu użaha flok iċ-ċimiterju ta' Pindemonte li għażilha għax ġejja mill-kelma Griega Nisranija li tfisser "serħan" u "mistrieħ". Jekk hu hekk, Dun Karm iktar ried jaħseb f'qabru bħala l-mafkar tiegħu bħala poeta milli bħalma kienu l-oqbra oħrajn, imqar ta' sħabu l-qassisin li hu kien iqisihom inqas minnu.

Dun Karm iħobb jinqeda bih ta' sikwit f'kitbietu, l-aktar fil-poeżija, huwa "rżin". Dan huwa għelm ċar ta' kemm Dun Karm trabba jqim is-sens ta' "rażan" fejn kulħadd iqis kemm kliemu u kemm għemilu. Das-sens ta' rażan kien jaqbel wisq mal-bixra klassika jew klassikeġġjanti li Dun Karm ħaddan bħala poeta u għen ġmielu biex joħloq armonija bejn il-bniedem u l-poeta fih. Dal-fehmiet ifiġġu ċari daqs il-kristall fil-poeżija li jisimha sewwasew *Ir-Rażna*:

*Meta fuq triqtek jasal*
*xi jfixklek u xi jżommok*
*agħfas il-lġiem lil qalbek,*
*qiegħed idek fuq fommok;*

*għax id-dagħdigħa tkattar*
*il-hemm li nkunu fih;*
*is-sliem jiġi mis-sabar,*
*u l-hemm itir mar-riħ.*

Ta'seba' snin, lit-tfajjel Carmelo Psaila nsibuh l-iskola tal-Gvern ta' Ħaż-Żebbuġ li dak iż-żmien kienet fid-dar li kif jgħid il-ġurnalista Żebbuġi Ġużè Gatt, ħabib kbir ta' Ninu Cremona, kienet id-dar li fiha twieled Vassalli, ħaġa li Dun Karm ma kienx jidher li jaf biha għaliex qatt ma jsemmiha. Fost il-kotba li tgħallem fuqhom meta kellu mal-ħdax jew tnax-il sena kien hemm il-ktieb ta' Dun Salv Ciappara *La Storia del Zebbug*[2] li kif jistqarr Dun Karm fl-ewwel ħarġa tas-sunett *Wied Qirda fil-Pronostku* tħabbeb mal-ġrajja ta' dak il-wied minn dak li qara minnu[3].

[2] *La Storia del Zebbug* ta' Ciappara ħareġ fl-1882 u kien jintuża fl-iskola għat-tagħlim tat-Taljan u tal-istorja. Inqaleb għall-Malti minn Frans Sammut u ħareġ fl-2001.

[3] Fil-*Pronostcu* Malti tal-1993, mas-sunett *Wied Qirda* li deher hemm għall-ewwel darba, Dun Karm kiteb hekk bħala nota: "Sas-seklu XVII – jiġifieri sa mitejn sena ilu – dan il-wied li jgħaddi taħt ir-riħ ta' Ħaż-Żebbuġ, idur fil-wisa' ma' Ħal Qormu u jiftaħ fil-Marsa, kienu jgħidulu "Ħandaq". Il-lum jissejjaħ "Wied Qirda". Tradizzjoni li ma ġiet nieqsa qatt iżżomm illi dan il-wied ħa dan l-isem wara taqtigħa u qirda kbira ta' Torok li għamlu ż-Żebbuġin f'dan il-wied, qrib il-kbnisja tal-Viżitazzjoni. (Ara: Ciappara, Sac.Salvatore – *Storia del Zebbug* – , u Ferris, Achille – *Storia delle chiese di Malta e Gozo*). M'għandniex xi ngħidu, Dun Karm kien qed jara l-wied min-naħa ta' Ħaż-Żebbuġ, għax l-isem "Ħandaq" baqa' jitħaddem fin-naħa ta' Ħal Qormi fejn ma jibqax wied iżda jsir tabilħaqq ħandaq.

F'dawk is-snin tas-seklu dsatax, Dun Karm sar midħla taż-Żebbuġin ta' żmienu, mifrudin bil-klassi, l-għonja u l-fqar, tal-ewwel jgħixu f'palazzi kbar fi Triq il-Kbira[4] u fl-inħawi ta' ħdejn il-Knisja ta' San Filep u l-bdiewa li jgħixu fit-trufijiet u l-ħaddiema li bosta minnhom kienu jgħaddu minn quddiemu fi triqthom lejn il-griebeġ li kienu jgħammru fihom. Dun Karm jibqa' jidealizza dan l-ambjent fil-poeżiji tiegħu li nsemmu matul din il-kitba.

Ħaż-Żebbuġ ta' żmienu kien raħal li għadu jiftakar żminijiet aħjar li issa kienu qed ininu. It-tmiem tal-xogħol tal-qotnina kien ifisser it-tmiem tal-post ċentrali li dari kien igawdi dan ir-Raħal. L-aħħar triq ġdida u għal dak iż-żmien sabiħa li nfetħet bħala sinjal ta' sfog tal-progress kienet dik li ssemmiet għall-Isqof Caruana[5] u li fiha bnew djarhom, kbar bħal ta' dawk ta' Triq il-Kbir, l-għonja li baqgħu joqogħdu r-Raħal. Dan kien iż-żmien ukoll li bosta mill-familji l-kbar, magħrufin ma' Malta kollha, kienu telqin mir-Raħal biex imorru fl-inħawi l-ġodda ta' Tas-Sliema. Fl-1895 Dun Karm ukoll telaq minn Ħaż-Żebbuġ biex imur is-Seminarju fejn baqa' joqgħod 25 sena sħaħ.

Iżda sa ma nfatam minn raħal twelidu li fih sar raġel tas-seklu dsatax (u baqa' marbut miegħu sa l-aħħar) kien laħaq sawwar il-karattru tiegħu b'bixriet Żebbuġin li kif se naraw baqgħu miegħu għomru kollu, uħud minnhom sewwasew minħabba fi ġrajjiet li laqtuh matul il-mixja tal-ħajja twila li għex. Meta mietlu missieru, kellu 21 sena, kien 'il bogħod minn Ħaż-Żebbuġ u qed jgħix f'ambjent divers, ambjent li jaqtgħu 'l fuq min-nies li kien jaf qabel. Għandu mnejn il-firda ma ħasshiex daqs kemm kien iħossha kieku ma kellux dal-ħwejjeġ itaffuhielu, fosthom il-fatt li kellu ommu għadha ħajja. Dil-firda kellu jħossha aktar 'il quddiem meta mititlu ommu. L-imħabba li Dun Karm kellu lejn ommu ma tidhirx biss fil-poeżiji tiegħu, imma mlissna bl-aktar mod ċar fin-noti li għamel għat-

4 Ciappara jsejħilhom "*della nuova fabricazione*", jiġifieri wara s-snin tletin tas-seklu tmintax, snin ekonomikament meqjusa bħala ta' għana kbir billi ġew wara snin meta ż-Żebbuġin kienu ewlenin fin-negozju tal-"*corso*" u kienet qed tixxittel ġmielha wkoll l-industrija tal-qoton.

5 Caruana, fi żmienu kien wieħed min-neguzjanti l-kbar tal-qoton. Missieru kien logutenent ta' Ħaż-Żebbuġ fejn huwa twieled u b'rabtiet kbar mal-belt il-qadima, l-Imdina hekk li Caruana kien kanonku tal-Kapitlu u fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi tlaħħaq ġeneral tal-Maltin minn sħabu l-Kononċi tal-Imdina.

traduzzjoni tiegħu tal-*Oqbra* ta' Foscolo[6] fejn isemmi l-poeżija tiegħu *A Zacinto*. Dun Karm jgħid sewwasew hekk: "dak il-ħin ftakar f'ommu li kienet tħobbu u dejjem tiġri warajh bi ħsiebha, u xtaq il-wens tagħha, u xerred demgħa għaliha; għaliex fil-biża' u fil-hemm ix-xbiha tal-omm tleħħ l-ewwel waħda ġo ħsiebna." Taqblu miegħi li Dun Karm donnu qed jinqeda bi ħsus Foscolo biex ifisser il-ħsus tiegħu nnifsu. Ix-xebh u l-analoġija li Dun Karm lemaħ f'Foscolo, għad li snin twal wara, kienet din: Foscolo kien Milan waqt li ommu kienet Venezja, hekk kif Dun Karm kien il-Furjana u ommu Ħaż-Żebbuġ. (Qiegħed insemmi din l-analoġija b'ċertu jedd għaliex Dun Karm innifsu, espliċitament u speċifikament kien qiegħed il-ħin kollu jiġbed analoġija bejn ġrajjet Foscolo u ġrajjet Vassalli biex joħroġ tifsiriet moħbija). Il-bogħod fiżiku fit-tieni każ kien, m'għandniex xi ngħidu, ħafna iżgħar fir-realtà storika minn dak ta' Foscolo, iżda relattivament u emottivament qajla kien hemm xi qabża bejniethom. Bħal Foscolo, Dun Karm kien iħoss li ommu "tiġri warajh bi ħsiebha". Fil-wens ta' dan il-ħsieb, Dun Karm kien donnu għadu fil-wesgħat tal-wileġ u tar-raba' ta' Ħaż-Żebbuġ.

Lil hinn minn Ħaż-Żebbuġ, fl-ambjent akkademiku tas-Seminarju, Dun Karm sar midħla tal-ilsien Taljan u tal-letteratura tiegħu. Intebaħ ukoll, mhux biss bis-sejħa għal qassis (kif sar fl-1894), iżda wkoll bil-lehma u bit-tnebbiħ tiegħu nnifsu bħala poeta u bil-versi li kiteb bit-Taljan, l-aktar bil-ktieb *Foglie d'Alloro* (maħruġ fl-1896 meta Dun Karm kellu 25 sena, l-aqwa żmien għal ħruġ l-ewwel xogħol ta' kittieb) kiseb il-laqam ta'

[6] Dun Karm (1936), *Ugo Foscolo, L-oqbra, Daħla qlib u tifsir*, Stamperija tal-Gvern, p.20, nota 67. Das-sunett ta' Foscolo li jissemma hawnhek huwa meqjus mill-kritiċi bħala wieħed mill-aqwa tal-poeżija Taljana juri wkoll l-imħabba ta' Foscolo għal ommu l-oħra, art twelidu. Dit-tematika hija riflessa kollha kemm hi fil-poetika ta' Dun Karm: l-imħabba għal ommu fiżika u għal dik spiritwali, **viz.** Malta, art twelidu. Wieħed malajr jintebaħ għaliex Dun Karm inkileb wara das-sunett. Fih Foscolo jerġa' jagħti l-ħajja lill-ġenna mitlufa tat-tfulija u magħha jħallat dell il-mewt u t-tema tal- "qabar". Waħda mill-ittri ta' Foscolo lil ommu tixhed l-imħabba kbira li kellu għaliha. Wieħed jista' jistħajjel li Dun Karm kien midħla ta' din l-ittra li dehret min jaf f'kemm-il ktieb li seta' ġie f'idejn Dun Karm: "Non sono figliulo disleale e snaturato se ti abbandono," kiteb Foscolo hu u tielaq lejn Londra, "perchè vivendoti più lontano, ti sarò sempre più vicino col cuore, e con tutti i pensieri; e come in tutte le vicende della mia diversa fortuna io fui sempre eguale nell'aiutarti, così continuerò, madre mia, finchè avrò vita e memoria, e la mia santa intenzione e la tua benedizione m'assisteranno."

ġieħ taż-*Zanella Maltese* billi Zanella kien qassis u poeta jikteb bil-lehma neo-klassika.

F'dawk is-snin qajla kien jitla' lejn Ħaż-Żebbuġ għajr fil-btajjel u l-festi. Baqa' n-naħa t'isfel billi kien qed jgħallem is-Seminarju bil-paga ta' £8 fis-sena u b'hekk ma kellux għalfejn joqgħod iterraq ta' kull jum barra milli kien imdawwar bil-kotba u bl-istudenti li magħom kien iqatta' l-ġranet tat-tagħlim u l-għaxijiet li fihom ikantaw u jdoqqu l-mandolini. (Fost dawn l-istudenti kellu liċ-ċkejken Ninu Cremona li 'l quddiem kellu jsir wieħed mill-egħżeż ħbieb tiegħu)[7].

Fil-poeżiji ta' dawn is-snin ma nsibux allużjonijiet għall-wirt Żebbuġi jew għall-ħajja Żebbuġija. Huma poeżiji individwalisti li jixhdu perijodu li fih il-poeta kien ħieles mix-xkiel (jekk id-dmir huwa xkiel) li jrawwem l-imħabba lejn art twelidu. Huma vrus li jixhdu żmien li fih il-poeta seta' jaħseb u jitkellem dwaru nnifsu, imqar dwar il-kapriċċi idjosinkratiċi tiegħu. Kien iż-żmien meta siefer safra, għal dik il-ħabta twila ġmielha, li ħaditu Tunes, Pariġi u Londra. Ritratti li għandna ta' dak iż-żmien juruh liebes ta' ġellied Għarbi – kapriċċ kbir għal dak iż-żmien li jixhdu bħala bniedem wisq anqas konvenzjonali milli jidher f'bosta poeżiji tiegħu. Fl-1903 mbagħad ħareġ il-ktieb *Versi* mitbugħ f'Palermo.

Fis-sunett *A Vincenzo Monti*, wieħed mill-mudelli dejjiema ta' Dun Karm, minsub f'*Foglie d'Alloro*, nintebħu bil-lehma neoklassika li baqgħet mal-poeta tul il-karriera kollha tiegħu u tul ħajtu kollha. Nintebħu wkoll bil-hena ta' Dun Karm hu u jinxteħet bil-qalb kollha fid-dinja tal-mudelli tiegħu[8] li magħhom imur jimraħ (hu jgħid "imkaxkar") u jħuf tul

---

[7] Fil-fatt snin wara Cremona għamel it-tiftix tiegħu dwar Vassali fuq suġġeriment ta' Dun Karm innifsu. Cremona uża ħafna wkoll il-għajnuna ta' Żebbuġi ieħor, il-ġurnalist Ġużè Gatt fit-tiftix tiegħu li wassal għall-bijografija mxandra biċċa biċċa f'*Il-Malti* u mbagħad fil-volum *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*. Ta' min wieħed jintebaħ li waqt li Cremona tkellem ċar u bla tlaqliq dwar l-ideoloġija ta' Vassalli, Dun Karm baqa' jitkellem dwarha bil-mod indirett tal-poeżija: kienet id-dehxa li ħa fis-Seminarju li żammitu lura milli, bħala qassis jitkellem bi kliem sabiħ dwar Vassalli li kien baqa' mwarrab mill-Knisja u bosta mill-kotba tiegħu kienu miżmumin fi kmamar sigrieti fis-Seminarju – tifkira ta' meta l-Knisja tkun xtrat jew kisbet kull kopja li setgħet issib minnhom ħalli twarrabhom minn idejn il-fidili tagħha?

[8] Dan il-mudell m'għandux jittieħed bħala sinjal li Dun Karm kien għal kollox poeta Romantiku, jew, min-naħa l-oħra li ma ħax sehem fl-"estasi" tar-Romantiċi

il-wileġ u l-bwar imbierka mill-allat klassiċi. Ifakkrek f'Keats, l-ewwel darba li qara lil Omeru maqlub għall-Ingliż minn Chapman. Iżda mqar biex jistqarr lil Monti kemm jitgħaxxaq bil-vrus u bit-triq li jeħduh tulha, xorta jinqeda bi xbihat meħudin mill-kampanja u jekk Keats jiftakar fi "*stout Cortez*" iħares lejn il-wesgħat bla tarf tad-dinja l-ġdida, Dun Karm jinqeda bil-wesgħat arkadiċi, klassiċi, taħt sema jiddi. Ma' Monti Dun Karm jimraħ tul meded ta' hena li jagħtuh ħjiel ta' dak il-"jum bla tmiem" li snin wara kellu jsemmilna fl-*Innu ta' filgħaxija*, innu li jġennen lil kull min qalbu tinqasam bil-kobor tal-lehma safja.

Tmiem snin il-hena ġie ħesrem fuq Dun Karm bil-mewt ta' ommu fl-1909 u sena wara meta żar Malta Monsinjur La Fontaine, bil-għan li jagħmel inkjesta fis-Seminarju fuq xi xnigħat li kienu waslu għala widnejn il-Vatikan. Id-difensuri tal-Knisja, m'għandniex xi ngħidu, riedu jtaffu l-pass meħud kontra Dun Karm billi jisħqu li hu kien sensibbli wisq u jieħu għalih aktar min-normal. Fost dawn, tistagħġeb, kien hemm ukoll il-Professur Dun Karm Sant li kien ħabib sew ta' Dun Karm u kiseb kopja

---

għax kif jgħid Mario Praz, it-termini antitetiċi "romantiku" u "klassiku" huma approssimattivi. Waqt li jitkellem dwar Alcman li jfakkru f'Monti fil-vrus li jqanqal tifkira tagħhom Dun Karm innifsu, Praz jibqa' jsostni li Alcman m'huwiex poeta romantiku. Il-versi li Praz jislet minn Monti huma sewwasew dawn:

*Oh perchè non poss'io la mia deporre*
*D'uom tutta dignitade, e andar confuse*
*Col turbine che passa, e su le penne*

*Correr del vento e lacerar le nubi,*
*O su I campi a destar dell'ampio mare*
*Gli addormentati nembi e le procelle!*

Mario Praz iwissina biex noqogħdu b'seba' għajnejn kif inlaqqmu lill-poeti bil-"laqmijiet" maħluqa minn Goethe u minn Schiller. – *La carne, la morte e il diavolo nella letteratura romantica*, (1930, Firenze: Sansoni). Dit-twissija tgħodd qatigħ għall-każ ta' Dun Karm. Id-daħla għall-ktieb ta' Praz tiswa mitqilha deheb biex mhux biss insiru nafu aktar dwar il-qrubija bejn il-klassiku u r-romantiku iżda l-qagħda li ħa Dun Karm wara li dawn iż-żewġ "modi" letterarji kienu għaddew minn fuq wiċċ l-Ewropa. Li hu żgur – u Dun Karm dan qatt ma jħallina ninsewh – Dun Karm huwa poeta Nisrani u l-lehma romantika tiegħu, kif jgħid Oliver Friggieri, treġġa' lura r-romantiċiżmu lejn l-għeruq Insara tiegħu. Imqar meta jersaq lejn motivi erotiċi bħal fil-poeżiji msemmija f'dan l-istudju, Dun Karm jara kif jagħmel biex jerġa' jisħaq li għalih is-safa tar-ruħ, kif murija u mweġġgħa mill-moralità Nisranija hija l-aqwa bixra – il-virtù li fis-sew tiġbdu lejn ix-xebbiet li jsemmi fi vrusu.

ta' xogħol Vassalli mingħandu bħala rigal ta' jum l-ordinazzjoni. Jiena kont qrib ħafna tal-Professur Sant fl-aħħar snin tiegħu u minn kliemu nista' nixhed li kien baqa' jħobb u jqim bi kbir lil Dun Karm. Iżda bħall-aħwa li għad li jħobbu lil xulxin aktar huma lesti jaqbżu għal ommhom, Sant kien jagħmel ħiltu kollha biex jgħatti lil ommu l-Knisja.

Il-verità, iżda, kienet li l-Vatikan dak iż-żmien kien għaddej minn żminijiet ta' inkiżizzjoni qalila u bla qalb. Wara li għaddew is-snin ħorox ta' Pio Nono, kienu issa s-snin mhux aktar rotob ta' Piju X li kien imħasseb wisq bil-Moderniżmu ġej minn Franza u biex jilqa' għat-tħarbit li beża' li jiġi minnu għat-Twemmin Kattoliku ħareġ il-famużi enċikliki *Lamentabili* u *Pascendi*. Fi kliem Carlo Falconi[9] , Piju X qal hekk, fost ħwejjeġ oħra, dwar il-Modernisti: "Jistennew li nimxu magħhom biż-żejt, bis-sapun u biż-żegħil; imma aktar jistħoqqilhom jaqilgħu xebgħa ponnijiet. Meta tkun fi dwell, ma tistax toqgħod tqis id-daqqiet, imma tagħti kemm tiflaħ; il-gwerra ma ssirx bil-għemejjel tal-ħniena: hija ġlieda, dwell." Meta jitkellem hekk il-Papa, wieħed jista' jobsor x'se jagħmlu ta' taħtu, u l-aktar, kif iżid jgħid Falconi, dawk ta' madwaru li ħolqu xibka ta' spjunaġġ fuq sħabhom u fuq il-qassisin kollha.

Ix-xejra l-ġdida ta' suspetti f'kollox u f'kulħadd bidet fl-1903, ftit wara l-inkurunazzjoni ta' Piju X, bit-taħdita li Dun Antonio Fumagalli għamel fil-bidu tas-sena akkademika.[10] Fumagalli wissa lis-semmiegħa ta' quddiemu li kellhom jibqgħu għassa b'seba' għajnejn kontra s-semm intellettwali li feġġ fi Franza u qed jixtered mal-Italja kollha. Kien qed jgħid għal għadd ta' fehmiet magħrufin bħala "l-Moderniżmu" mħaddnin minn xi studjużi Kattoliċi Franċiżi li, b'nuqqas ta' qbil ma' Tumas Akwinu, kienu jisħqu li kien hemm qabża bejn l-għarfien naturali u sopranaturali. Din il-qabża ma kinitx tista' tinqabeż, kienu jgħidu dal-"Modernisti". Kif jgħid Fumagalli, il-għan tagħhom kien li jdgħajfu l-ortodossija Kattolika u t-twemmin tal-Kattoliċi li kienu joqogħdu għal dak li tgħallimhom u tgħidilhom il-Knisja. Minn dat-twemmin qarrieq, qal Fumagalli, kien ġej ir-relattiviżmu u x-xettiċiżmu ta' żmienhom.

M'hemm l-ebda dubju li Dun Karm la kien mimsus mill-fehma tar-

9 Falconi, Carlo, (1967), *Popes in the Twentieth Century*, traduzzjoni bl-Ingliż, Londra, p.76.

10 Daly, G.,(1980), *Transcedance and Immanence: A Study in Catholic Modernism and Integralism*, Oxford, p.165.

relattiviżmu u lanqas minn l-ebda ħjiel ta' xettiċiżmu. Dun Karm kien qassis Kattoliku f'kull sens u għad li ma kienx jaħdem fil-parroċċa, u mitluf fil-kotba u fl-istudju baqa' bla mittiefes minn kull fehma li tnaqqaslu twemminu fil-papat u fis-setgħat tiegħu bħala l-mexxej tal-poplu t'Alla.

Imma, tgħidli qalbi, qajla kien jimpurtah La Fontaine, dak li sema' dwar Dun Karm u s-Seminarju kienx minnu jew le. Ix-xnigħat saru xiljiet u ma damx ma ħareġ l-amar li l-għalliema tas-Seminarju ma jibqgħux jgħixu hemmhekk iżda filgħaxija jmorru jorqdu x'imkien ieħor[11]. Ftit tas-snin wara t-trawma li ġarrab minħabba f'dil-ġrajja kerha u billi dik li setgħet wennsitu u kennitu minnha, kienet mititlu sena qabel, Dun Karm tkellem hekk dwarha fil-poeżija *Lill-Kanarin tiegħi*:

*Għaliex fejn żrajt il-ward kiber bil-kotra*
*Xewk u għolliq u min bi mħabbtu safja*
*Seta' jsabbarni, intemm qabli ġo qabar.*

It-tkeċċija mis-Seminarju tatu ġewwa wisq lil Dun Karm. F'daqqa waħda l-imħabba li kellu għall-Ilsien Taljan, l-ilsien li f'għajnejn bosta kien f'waqt wieħed jiġbor fih il-ġmiel estetiku u l-qofol tal-Kristjaneżmu bdiet tiċċajparlu. Il-ħsara psikoloġika u emottiva li saritlu kienet ġejja minn nies li kienu jħaddnu dan it-twemmin estetiko-reliġjuż. Issa ħass li t-twemmin tiegħu ma kellux bilfors isib l-espressjoni tiegħu bl-ilsien li kien il-għelm ta' dawn in-nies bla qalb u sur kontra l-ilsien u l-kultura tal-ħakkiema ċivili li x-xilja kontrihom kienet li kienu Protestanti.

Din it-trawma qawwija u l-konsegwenzi tagħha lili jfakkruni fit-trawma li ġarrab Galileo meta għaddewh boxxla u waqt li abjura (għad li xorta baqa' jlissen "*eppur si muove*") ma kitibx aktar bil-Latin iżda bit-Taljan u ġennen lil sħabu x-xjenzjati li billi ma kinux jafu b'dan l-ilsien la setgħu jibqgħu jikkorrispondu miegħu u lanqas iżommu ruħhom aġġornati mas-

[11] Taħt Monsinjur Umberto Benigni, li kien jaħdem fil-qalba tal-Vatikan, din l-Inkiżizzjoni wasslet għal qagħda fejn imqar kelma mlissna bla ħsieb f'refettorju jew fil-parlatorju tas-Seminarju ġġib kundanna u ħatra tat-tagħlim tibdilha fl-eżilju f'xi raħal imbiegħed mill-qalba taċ-ċiviltà. Ħadd ma kien jista' jkun fdat għaliex kont issib sew studenti u kemm ħbieb antiki jaħdmu minn taħt max-xibka ta' spjunaġġ ta' Benigni, jew għaliex mingħalihom qed jaqdu dak li hu dmirhom jew biex jinħabbu. (Falconi, C.,op cit, p.54).

sejbiet u l-kixfiet tiegħu.

Fl-1911, Dun Karm kien qiegħed jiġbor il-ġabra tal-vrus bit-Taljan *Viole* u waqaf. Dan kien ukoll iż-żmien li fih iż-żewġ patrijotti Maltin, Ġużè Muscat Azzopardi[12] u Dun Pawl Galea, li għad li mkissrin sew fit-Taljan, kienu jagħrfu s-siwi u l-qofol tal-Ilsien Malti bħala l-għodda ewlenija għall-kisba tal-għarfien u tal-identità tal-poplu Malti, ħajru lil Dun Karm jibda jikteb bil-Malti.

Din il-bidla tal-ilsien bħala għodda għall-poeżija ma kinitx xi ħaġa

[12] Id-differenza bejn Muscat Azzopardi u Manwel Dimech (li kien jgħajru bil-laqam ta' *Il-Pagun*) kienet li Muscat Azzopardi kien leali kejn il-Knisja Kattolika u l-Malti ma ridux ikun jiswa biss bħala bandiera tal-klassi tal-ħaddiema iżda tal-klassijiet kollha tal-Maltin. Muscat Azzopardi kien fit-triq tan-nofs bejn l-Istricklandjani u l-gruppi "Nazzjonalisti" ta' dak iż-żmien. Id-differenza bejn dawn iż-żewġ tajfiet tista' tintlemaħ, fil-qosor, f'kitba ta' M.E. Strickland fin-*National Review* ta' Marzu 1923 bħala tweġiba għal dak li kien inkiteb fis-*Secolo* fi żmien l-għoti tal-awtonomija: "*The Secolo of May 3, 1921, commenting on the grant of self-government to Malta, after calling it an Italian island, goes on to state that in Mata there are 180,000 inhabitants, of whom 160,000 are Italians, 10,000 British, and the rest Arabs! Thus do partisan newspapers glaringlu misrepresent facts. By frequent repetition of such-like mis-statements the Italian public verily believe that our Maltese Islands are part of "Italia Irredenta", and ignorant Europeans are led to believe that the Maltese are Italians. In truth, the Maltese are of Phoenician origin. Maltese is a language older than Hebrew and Arabic, and not more than 22 per cent of the 244, 680 inhabitants can understand a word of Italian! Yet it is undeniable that there are, and have been for years, many influences at work, aided by indirect causes, to suppress true Maltese Nationalism*". Dan it-"*true Maltese Nationalism*" huwa sewwasew dak in-Nazzjonaliżmu li ried irawwem Dun Karm. Fuq ix-xaqliba l-oħra tad-dibattitu, li bosta drabi kien jinżel f'livelli baxxi ħafna b'Enrico Mizzi jgħajjar lil Strickland "*il Gran Meticcio*" (il-*Half-caste* il-Kbir, li tista' tfisser li Strickland kien nofsu Ingliż u nofsu Taljan kif tassew kien, jew nofsu Ingliż u nofsu Afrikan minħabba fit-teorija tan-nisel Feniċju li kien imexxi u li lill-Mizzjani kienet tgħaddabhom bil-kbir). Fil-fatt Mizzi, f'editorjal tal-ġurnal tal-PN kiteb hekk fl-1931, "*La strenua difesa dell'Italianità di Malta, che I nazionalisti sono stati costretti a sostenere davanti alla Commissione d'Inchiesta, ha toccato un punto veramente nevralgico quando s'è trattato di definire i rapporti tra lingua e dialetto. Qui, a fini di bassa ciurmeria politica, si è creato e si mantiene (invero senza badare a spese) un artificio sentimentale che consiste nel pretendere che, dopo aver sopravaluato il Maltese fino ad elevarlo al rango di un immaginario protolinguaggio dell'umanità, sia interdetto ogni più ragionevole apprezzamento del valore effettivo della nostra parlata, pena in caso contrario gli anatemi più grotteschi per …eresia patriottica*."

żgħira, bħalma ġieli rajnieha sseħħ f'xi poetastri li daqqiet jiktbulek, jew iħarbxulek, xi ħaġa bl-Ingliż u daqqa bil-Malti u daqqa, (għaliex le, la għandhom daqstant ħila?) bit-Taljan ukoll. F'poeta serju bħal Dun Karm, dil-bidla kienet tfisser bidla mill-qiegħ, dik li Kuhn isejħilha *paradigm shift*, ċaqliqa minn paradigma għal oħra.[13] Mill-ambjent Taljaneġġanti tas-Seminarju, Dun Karm reġa' lura fl-ambjent għal kollox Malti b'laqta Semitika qawwija ta' raħal twelidu. Għad li mar jgħix il-Belt, fi Triq l-Ifran fejn dam 26 sena sħaħ, spiritwalment kien mill-ġdid fl-ambjent fejn twieled u trabba, fejn trawwem u tgħallem jagħti l-ewwel passi tal-ħajja, fejn tgħallem jitkellem u jħaddem rasu, isir midħla tal-karattri tan-nies, fi ftit kliem jilħaq l-għatba tal-maturità.

In-niket li ħass jagħfas fuqu meta kien il-Belt ma kienx imnissel tant mill-għeluq fiżiku tal-Belt (li tabilħaqq dak iż-żmien kienet mgħammra iktar bin-nies u għalhekk tifgak iktar mil-lum) – għeluq imfisser b'dal-versi "Ma rridx niddellel iżjed f'dawn it-toroq / li minnhom jidher terħa kaħla s-sema" b'kuntrast mal-ftuħ ta' Ħaż-Żebbuġ daqskemm mill-firda minnu li issa ħassha b'qawwa akbar għaliex imxennaq għalih bil-għan li jislet mill-meded tiegħu (u mhux mill-wesgħat mistħajla ta' Monti) l-ispirazzjoni li ħass il-ħtieġa tagħha biex ilaħħaq mal-vokazzjoni ġdida tiegħu. Dun Karm ifisser dawn il-ħsus fil-poeżija *Xenqet ir-Raba'* bix-xbihat li ġejjin:

*Ir-rtuba ħelwa tal-ħaxix niedi* (taħt riġlejh), u fuqu *l-beraħ tas-sema safi*, madwaru bħal ninfi ġejjin mill-iżmna klassiċi *xebbiet xuxthom mikxufa*, *jew safra daqs id-deh'b, jew sewda tuta*, *qawwija fi mħabbithom siekta*, u jimxu mixi rżin (ir-rażan klassikeġġjanti dejjem huwa ma' Dun Karm) għalkemm *ġenbejhom jaqbżu ma' kull medda ta' riġel*, *u sidirhom jiżfen mal-mixja*, u f'dax-xenarju idillijaku flok imur jimraħ tul il-meded pagani tal-Monti, jistqarr:

*Irrid dar ċkejkna li fuq ġbinha tisreġ*
*Ix-xemx ta' nofs inhar, imżejna bl-aħdar*

---

[13] Il-*paradigm shift* li seħħ f'Dun Karm tnissel sewwasew malli t-trawma li ġarrab il-poeta ġagħlitu jkun propens biex iħoss l-istimulu tas-"sejbiet il-ġodda" dwar il-Malti bħala l-ilsien nazzjonali li bih il-poplu jsir nazzjon u li twasslulu minn Ġużè Muscat Azzopardi u Dun Pawl Grima. Nistgħu ngħidu li l-kriżi personali tiegħu Dun Karm għarraqha fil-kriżi nazzjonali li huwa lemaħ fid-dawl ta' li qalulu Ġ.M.A u Grima.

*Tad-dwieli u tal-larinġ, nadifa u bajda*
*Bl-insiġ tar-raħal,*

*U hemm nixtieq immut: minn hemm tittajjar*
*Aktar ħafifa qalbi lejn is-sema;*
*Aktar ħieles hemmhekk jinġabar ħsiebi*
*Fil-ħniena t'Alla.*

Xenqet Dun Karm hija xenqa għall-għejjun li huwa ntebaħ li kellu jerġa' jixrob minnhom, u xenqa mnikkta bl-għarfien tal-fatt li kien imbiegħed minnhom meta l-aktar ħtieġhom. Min-naħa l-oħra, il-bogħod x'aktarx żied iqanqallu f'qalbu mħabba akbar lejhom għax iċ-ċaħda taf tnissel ħsus eqqel minn dawk li l-għatx tagħhom jittaffa malajr u bil-ħeffa. Sogħbien u mnikket bid-dnewwa li ġarrab, imxennaq għal dak li fil-fehma tiegħu seta' jnaqqaslu s-sogħba u n-niket li qegħdin ikidduh, Dun Karm irnexxielu aktar jagħsar minn qalbu fehmiet qawwija, ħelwin għad li fuqana, u jroddhom fuq il-karta fid-dawl ta' dik l-istedina li għamillu Ġużè Muscat Azzopardi[14] li fih kien lemaħ dixxiplu ġdid u ta' fejda għall-kawża tal-Malti li kien imdawwar b'għedewwa minn kull naħa.

Sa l-1914 ġa kellu għadd ġmielu ta' poeżiji li fil-fatt ħariġhom *f'Ġemgħa ta' Poeżijiet li ktibt bil-Malti* fis-sensiela *Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien* maħruġa minn Alfons Marija Galea. Poeżija tipika ta' dak iż-żmien hija *It-Tifla tar-Raba'* li fiha naraw tfajla (Dun Karm jgħidilha "tifla" għaliex irid idaħħal inkiss inkiss il-konnotat ta' "bint", iżda jħalliha "tifla" bħal meta ngħidu "tifel tar-raħal") – tfajla safja mingħajr ħjiel ta' żina, b'kuntrast mal-imqarbin tal-belt li kien jiddejjaq bihom Dun Karm, bieżla u sabiħa. Għad li dix-xebba m'hijiex storikament minn

[14] Bħal sħabu tal-*Partito Nazionale*, Muscat Azzopardi ma kellu l-ebda mħabba lejn l-Imperu Ingliż Protestant, iżda bħal dawk li ma kellhomx xi xewqa li jgħaqqdu lil Malta mal-Italja (fosthom dawk li kienu jistqarru li jagħmlu sehem mill-*Comunità italiana a Malta*), huwa ma riedx li minħabba fl-*Irredentismo* Taljan, il-Maltin jibqgħu ma jsibux l-identità nazzjonali tagħhom kif murija minn Vassalli li Muscat Azzopardi baqa' ma ħaddan qatt għall-istess raġunijiet reliġjużi li żammewh mifrud minn Dimech. Il-mudelli storiċi ta' Muscat Azzopardi kienu Dun Mikiel Xerri u dawk li tħabtu b'riżq Malta Kattolika kontra l-ereżjarki tar-Rivoluzzjoni Franċiża u fit-traduzzjoni tal-Bibbja li ħareġ fl-1896 jagħmilha ċara li f'xogħlu warrab għal kollox, u b'għan, ix-xogħol magħmul minn Vassalli fl-istess qasam.

Ħaż-Żebbuġ, hija tipika tal-kampanja li Dun Karm kien trabba fiha u sar midħla tagħha madwar raħal twelidu u mbagħad raddha sublimi fi vrusu. Din ix-xebba mogħnija bil-virtujiet kampanjoli li Dun Karm ried jgħolli u jfaħħar hija vara dirgħajha u riġlejha godlin, hienja u daħkana, tbakkar u tishar kemm fis-sajf kemm fix-xitwa fix-xogħol tal-biedja, bla qatt ma tgerger, bil-lejl torqod mistrieħa rqad bla mittiefes mill-ħolm jew mill-biża' u matul il-ġurnata twila tal-ħidma, tixxiegħel tul ir-raba' mdawra b'ambjent klassiku ta' armonija bejn il-bniedem, il-bhejjem u n-natura (xeni li jfakkruna fil-Latin Lonġinu u f'għadd ta' poeti Taljani mill-arkadiċi sa Leopardi).[15] Dan kollu l-poeta jilmħu jirkaċċa max-xbieħa tal-għadiet ħżiena kif tixidhom it-tfajla li tgħaddi "l-iljieli fid-daqq u ż-żfin u n-nhar fil-għażż u l-frugħa" li bil-maqlub tat-tifla tar-raba' li hija godlija u mibruma (saħħa fiżika mnissla u mżewġa mas-safa spiritwali) hija "sfajra u midbiela" u treqq qaddha ġo l-azzar iebes ħalli tidher irqaq u għalhekk aktar senswali u tqanqal lill-irġiel li jarawha għaż-żina. F'dawn iż-żewġ xbihat, Dun Karm jiġbor it-"tajjeb" u l-"ħażin" imlaħħmin, fuq naħa, fil-kampanja, u fl-oħra, fil-belt.

Fi tmiem is-snin sittin niftakar ħareġ film *Prime Cut* (Amerikan imma tajjeb) li donnu ried jgħidilna li l-ħażen m'huwiex fl-ibliet iżda fil-kampanja. Imqar ix-xena li jara l-persunaġġ ewlieni hu u ħiereġ mill-belt tibda tiddallam għax is-sema jibda jtella' u s-sħab jaħkem kullimkien. Dun Karm bil-maqlub. Fil-belt hemm il-ħażen kollu tad-dinja: iż-żina fl-imġieba sfiqa tan-nisa li jwassal messaġġi foloz ta' mħabba fiergħa, il-ħjiena ta' min moħħu biex jagħmel il-flus u għal dan il-għan jinseġ u jfassal pjani ta' ħjiena, l-għeluq tal-bini għoli li jmarrad u jżomm l-arja ħażina mgħobbija mard tal-ġisem li jiżdied ma' dak tal-moħħ ta' dawk li

[15] Ix-xebbiet ta' Dun Karm m'humiex in-nisa tar-Romantiċi bħal, ngħidu aħna, in-nisa ta' xi Gautier jew xi Moreau, iżda ġwejdin u twajbin bħat-tallaba magħrufa ta' Achillini:

*Sciolta il crin, rotta I panni, e nuda il piede*
*Donna, cui fe' lo Ciel povera e bella,*
*Con fioca voce, e languida favella…*

u l-iktar l-iktar bħall-ideal femminili mfisser minn Shelley f'*Alastor*:

*He dreamed a veiled maid*
Sate *near him, talking in low solemn tones.*
*Her voice was like the voice of his own soul*
*Heard in the calm of thought…*

fi kliem il-poeta "jitħaddtu wħudhom", kif rajnieh jgħid qabel *f'Xenqet ir-Raba'*.[16]

Ta' dak iż-żmien ukoll, sewwasew l-1913, hija l-poeżija *In-Nissieġa*. Hawnhekk ukoll għandna xbiha idealizzata, idillijaka iżda fl-istess ħin mhux bilfors imbiegħda mir-realtà, tax-xebba li taħdem bla heda fuq in-newl. Medhija kif inhi taħdem u tagħnet lanqas ħsieb il-frugħa tax-xebbiet tal-belt ma jaqgħalha f'rasha u tgħix ħajjitha f'safa li lil Dun Karm ifakkru fis-safa tax-xbejba li għal tjubitha ntgħażlet biex issir Omm Alla. Jekk wieħed jifli l-kliem tal-poeżija jsib li għal Dun Karm kienet ħaġa ħafifa li jsib il-vokabularju xieraq għax il-kliem kollu meħud mil-lingwaġġ ta' raħal twelidu: raħal in-nissieġa. Hekk insibu"żerkuna", "rfies", "medd", "mserka", "deff", "ħaffiefa" li sa tfuliti, jiġifieri fis-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor u ħafna wara li kienet għebet minn fostna s-sengħa msemmija minn Dun Karm, kien għadu kliem jinstema' sew fost ix-xjuħ tar-Raħal.[17]

[16] Dun Karm kien, m'għandniex xi ngħidu, qed iħoss il-miġja tal-waqgħa tal-morali l-qadima msaħħa u mirfuda mill-*piccolo mondo antico* (biex nieħdu isem xieraq ħafna minn Fogazzaro), jiġifieri mid-dinja tal-biedja li Dun Karm kien midħla sew tagħha f'Ħaż-Żebbuġ ta' tfulitu. Li ħass Dun Karm kienu l-ewwel mewġiet ta' taqlib l-ilma mqanqlin mir-Rivoluzzjoni Industrijali li kienet seħħet lil hinn minn xtutna. Hemm deskrizzjoni tajba ħafna ta' dit-taqliba mill-qiegħ mogħtija minn Will & Ariel Durant: "*Gadually, then rapidly and ever more widely, the Industrial Revolution changed the economic form and moral superstructure of European and American life. Men, women, and children left home and family, authority and unity, to work as individuals, individually paid,in factories built to house not men but machines. Every decade the machines multiplied and became more complex; economic maturity (the capacity to support a family) came later; children no longer were economic assets; marriage was delayed; premarital continence became more difficult to maintain. The city offered every discouragement to marriage, but it provided every stimulus and facility to sex. Women were "emancipated" – i.e., industrialized, and contraceptives enabled them to separate intercourse from pregnancy. The authority of father and mother lost its economic base through the growing individualism of industry. The rebellious youth was no longer constrained by the surveillance of the village; he could hide his sins in the protective anonymity of the city crowd. The progress of science raised the authority of the test tube over that of the crosier; he mechanization of economic production suggested mechanistic materialistic philosophies; education spread religious doubts; morality lost more and more of its supernatural supports. The old agricultural moral code began to die*." (The Lessons of History, 1968, New York, MJF Books, p.39).

[17] Irrid ngħid iżda li jien kont noqgħod ma' nannti li dak iż-żmien kellha fuq it-tmenin sew, jiġifieri tampar Dun Karm.

Min huwa midħla tal-letteratura Taljana fis jintebaħ bix-xebh u l-qrubija li hemm bejn Dun Karm u l-poeti neo-klassiċi Taljani, mhux biss Vincenzo Monti li rajnieh ikellem fil-poeżija tal-bidu jew Zanella li miegħu xebbhuh, iżda Ugo Foscolo[18] li fih huwa lemaħ xebh ma' Vassalli u saħansitra Giacomo Leopardi tal-*Canti* li fihom jagħtina dehriet mill-ħajja tar-raħal ta' żmienu biex minnhom joħroġ tagħlimiet morali.[19]

Minkejja fil-*paradigm shift* li semmejna, għejjun il-lehma ta' Dun Karm baqgħu xorta. L-aktar li ċċaqilqet lehmtu kien min-neo-klassiku (jew protoromantiku) għar-romantiku propju. U hawnhekk ikollna nieqfu waqtejn biex indaħħlu lil Dun Karm fil-kwadru letterarju xieraq tiegħu, kif uriena b'ħila kbira l-Professur Oliver Friggieri f'għadd ta' kotba li ħareġ matul il-medda ta' mill-inqas tletin sena.

L-ewwel poeta Malti li jidħol sewwasew fil-bixra romantika kien Ġan Anton Vassallo li kien professor tat-Taljan l-Università. Vassallo li kien midħla sew tar-Romantiċiżmu ta' żmienu li kien jippriedka li l-poplu huwa l-poeta fehem minnufih li allura l-ilsien letterarju ta' Malta ma kellux ikun it-Taljan iżda l-Malti li kien tabilħaqq l-ilsien tal-poplu. Vassallo kien poeta tassew ta' żmienu kemm fil-kuntest Malti kemm

[18] Ta' min wieħed jgħid li mhux biss Dun Karm kiteb sunetti lil Monti, iżda Foscolo nnifsu kiteb il-kant *AVincenzo Monti* fl-1805, u wieħed mill-aqwa xogħlijiet kritiċi tigħu bl-isem *Le osservazioni sul poema del bardo di V. Monti*, u li mbagħad sar l-għadu tiegħu, m'għandniex xi ngħidu, minħabba t-tħaddin tal-Illuminiżmu mxerred mill-Franċiżi min-naħa ta' Foscolo. Hawnhekk ukoll Dun Karm kien maqbud bejn ħaltejn. Bħalma jħobb kemm lil Vassalli (Illuminista) u kemm lil Xerri ("Sanfedista"), huwa jħobb kemm lil Foscolo u kemm lil Monti.

[19] *Ara Il Sabato del Villaggio* ta' Leopardi. Bid-dehriet li jagħtina f'idilliji bħal dan u oħrajn bħal *Il passero solitario* u *La Quite dopo la tempesta*, Leopardi joħloq il-"miti moderni" b'kuntrast mal-"miti l-antiki" fejn jidħlu Erkole, Orfew u Ewdriċe. Dun Karm jissieħeb b'għaxqa f'dawn il-miti li kienu wkoll il-miti ta' raħal twelidu u tal-kampanja li kien tant iħobb fi tfulitu li minnhom, bħal Leopardi, Dun Karm jislet tagħlimiet morali u għall-ħajja. Kemm fil-każ ta' Leopardi u kemm f'dak ta' Dun Karm dawn il-poeżiji ma jridux jittieħdu biss bħala xbihat tal-pajsaġġ jew dehriet ċkejknin u ħelwin tal-ħajja tal-kampanja. Giacomo Leopardi jgħid hekk: "*Io fo poca stima di quella poesia che, letta e meditate, non lascia al lettore nell'animo un tal sentimento nobile, che, per mezz'ora, gli impedisca di ammettere un pensier vile, e di fare un'azione indegna.*" Ara: Giovanni Getto (1975): *Opere di Giacomo Leopardi*, Ugo Mursia editore, Milano; is-silta tinsab fid-*Dialogo di Timandro e di Eleandro*, p.392. Għal Leopardi u hekk ukoll għal Dun Karm warajh, il-poeta jrid jgħaxxaq "*prima l'orecchio e poi l'intelletto*".

f'dak Ewropew, l-aktar f'dak Taljan, u f'ċertu sens nistgħu nqisuh bħala wieħed mill-poeta reġjunali Taljani li kienu jiktbu bid-djalett tagħhom flok bit-Taljan (jiġifieri l-Fjorentin li kien qiegħed isir l-ilsien tan-nazzjon il-ġdida li qiegħda tingħaqad).

F'din il-linja Dun Karm seta' jimxi 'l quddiem b'aktar ħeffa minn kittieba oħra. Il-vokabularju "tal-poplu" kien midħla tiegħu ġmielu sewwasew għaliex kien jagħmel sehem mil-lingwaġġ Żebbuġi li tgħallem f'taħdit ommu – mhux ta' b'xejn isejjaħlu "l-ilsien li tkellmu bih ommok u ommi" fil-poeżija maħtura liż-Żebbuġi bħalu, Mikiel Anton Vassalli.

Ħarsa fuq fuq lejn il-proża ta' Dun Karm (barra mill-poeżija li minn qaddisha tuża kliem arkajku fuq il-prinċipji tan-neo-klassiċisti Taljani) nintebħu li għadd kbir ta' kliem m'huwiex ġej mill-għarfien akkademiku (jew in-neoloġiżmi li Dun Karm u sħabu ħassew li kellhom idaħħlu fil-Malti, fuq is-sies tal-għeruq Maltin, biex isaħħu dan l-ilsien li minn djalett kien qed jiġi aċċettat bħala lingwa), imma mil-lingwaġġ normali Żebbuġi li jiena bqajt nisimgħu mix-xjuħ tar-raħal imqar sas-snin sittin tas-seklu l-ieħor.

Din li ġejja hija lista qasira ta' dal-kliem u frażijiet (mhux fl-ordni alfabetiku imma kif misjub, bl-addoċċ f'xogħlijiet Dun Karm):

baħar żagħżugħ ( li mhix metafora "oriġinali" maħluqa minnu, imma t-titwila tal-użu idjomatiku tal-kelma li tassew tintuża biex tiddeskrvi l-baħar meta jkun "ġdid" u għalhekk "żagħżugħ" li min jaf kemm kien jisma' lil missieru li kien ibaħħar ġmielu jużaha meta kien għadu żgħir), iġġiera (varjant ta' "iġġerra") kif użat minn Vassalli fl-i*Stedina*; qada (kif użata fil-*Kantilena* ta' Caxaro), ġidd, dagħdigħa, imdagħdagħ, żelluma, qamla (tas-siġar), fettaħ, qabil[20], medda, matulek ja sena, ġmiegħi (pl. ta' "ġimgħa"), minn mindu (flok "mindu" biss), ħaqqaqha, sabbar, bis-sakra (mhux "fis-sakra' , ħaġa li jsemmiha wkoll Vassalli fin-noti tal-*Lexicon*), merħba bi ( mhux "merħba" biss), ħawwel (mhux ix-xtieli u s-siġar biss, imma kulma jidħol fl-art); idemmem, il-ħarġa (mhux bħal "ħruġ" imma għal dak kollu li jinbet u jikber fir-raba')[21]; derra (bħalma r-riħ ixerred it-

[20] Dil-kelma ma kinitx magħrufa biss miż-Żebbuġin, m'għandniex xi ngħidu; kienet tagħmel sehem ukoll mill-qawl Malti "Qabil il-bagħal jidher meta hu ta' debba jew ta' ħmar" u f'qawl 280 fil-*Motti, eċċ*, ta' Vassalli (1828): "Il-fula bint il-miżwed, u l-bniedem bin qabilu, sew abjad ikun, sew iswed".

[21] Għad li Dun Karm isemmi minnufih id-dizzjunarju ta' Falzon, dan x'aktarx jagħmlu

tiben fuq l-andar), qerrieda (flok "ħedla" jew "ħaddiela"), qatigħ, xeher, tmiegħex, newba, għaqba, sikwit, bixra, xejra, xerqa (+ pronomi personali: "mar għal xerqtu"), widdeb, wemmen, webbel, rawwam (flok "rawwem") randa; rtifed, wilġa, xuxa, kennen, ftit u xejn, libien (bħala "inċens"), libet (f'*Il-Jien u lil hinn minnu*, il-Jien mhux jiskot imma jilbet, sewwasew għax safa miksur meta mċanfar), ifantas, ħarsien (flok "ħorsien"), ibiddu l-ħalib (iferrgħuh sa ma jfur 'il barra mix-xfar), raħħam, inkaram, jitrod, tengħud, misbuk, mislut, imqanfeż, misbi (meqrud), megħud/a (kif jgħid Vassalli), seffaq, ġgajta, fuq il-lant, qisu l-baxa jew il-qadi, isensel (f'kull sens, mhux "idomm"biss), damm, fejda, uħudhom (flok "waħedhom"), jobrod u jorqom (mis-sengħa tal-insiġ), u kliem tekniku mis-sengħa tal-insiġ u mill-qasam tal-biedja: tqassam bin-newba, ġelben, gelgel, sajf qieragħ/xitwa qiergħa, xita tehda (mhux tieqaf), sfurija (mhux sfura) tal-mewt, rtuba (umdità) mazkan, ħajjen, ħell, ħada (flok "ħdejn"), godli, mibni b'saffejn, twil daqs stwiel, naffar, imwaħħar, żriegħ (flok "miżrugħ", jew żara' li b'dal-kliem Żebbuġi qaleb il-vers ta' Virġilju; *Nunc seges est ubi Troja fuit*." – "il-lum hemm iż-żara' fejn darba kienet Trojja"), bżulija, ħabla, kiefer, mgerrex, iħuf u jimraħ, imwiegħer, daqqa ta' (60 poeżija – kwantità bejn wieħed u ieħor), ħabatlu wkoll illi .. (ġralu li), mħabba għajjura (fis-sens pożittiv), divrenzja, vinditta, għomma + pronomi personali, għabra, għabbar, għarbel (f'sens figurattiv), ħabel (tal-għalqa).

Dal-kliem li Dun Karm ħadu mil-lingwaġġ Żebbuġi b'kuntrast ma' kliem ġdid bħal "ħlusija", "ħilija", "bostan" (bħala plural), "lehma", "lehiema" (Il-Mużi), "wetqa", "utieqa", "dewwemija", "ktib" (flok "kitba"), "ħbubija" (flok "ħbiberija") jew "mistizja", li Dun Karm jew ħadu min-neoloġiżmi maħluqa b'ħerqa minn sħabu tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti mwaqqfa minn sieħbu Muscat Azzopardi u li mbagħad sar president tagħha warajh jew minn neoloġiżmi maħluqa minnu nnifsu. Il-lingwaġġ Żebbuġi huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu aħrax u qalil bħalma kienu bosta mil-laqmijiet tal-familji Żebbuġin (tal-Kiefer, tal-Kiesaħ, tal-Misħut) waqt li oħrajn juru kwalitajiet xejn inqas ibsin (tal-Bieżel, tal-Fieres) jew juru nuqqas ta' mogħdrija lejn il-proxxmu (tal-Bagħbus,

biex isaħħaħ il-fehma dwar it-tifsira mal-qarrejja li ma kinux jafu t-tifsira li l-bdiewa Żebbuġin, fost bdiewa oħrajn, kienu jagħtuha.

jiġifieri tal-Baħnan, tal-Misrum) u l-bqija.

Meta kiteb il-poeżija kemmxejn twila *Lil Ħaż-Żebbuġ*, Dun Karm inqeda b'dal-kliem ukoll, imqar il-kelma "qabil" imsemmija hawn fuq użaha biex jgħid "razza" jew "tribù". Ir-raħal li għandu f'rasu Dun Karm ta' dil-poeżija huwa raħal li fih baqa' nies, fil-biċċa l-kbira tagħhom bdiewa, poplu kburi bl-imgħoddi li fih qalulu li kien mogħni b'nies qalbiena , eroj, iżda ċiniku dwar il-preżent; immexxi minn għadd kbir ta' qassisin (fi żmien torbit Dun Karm kien hemm mhux inqas minn mitt qassis f'Ħaż-Żebbuġ!) li jħalluh isib l-isfog tiegħu fit-tilwim dejjiem u l-ġlied ġieli qalil bejn il-każini tal-banda, sakemm jibqa' jżomm sħiħa l-fedeltà lejn il-Knisja u lejn il-Papa.

F'*Il-Malti*, Marzu, 1935, Dun Karm jgħid hekk: "Dawn il-versi ktibthom fis-sena 1927, meta fil-btajjel tas-sajf tlajt ngħaddi xi erbat ijiem f'dan ir-raħal. Ħamsa u ebgħin sena ilu, Ħaż-Żebbuġ kien wieħed mill-aqwa ċentri tal-gżira minħabba fix-xogħol tal-kotnina; il-lum, dan ix-xogħol spiċċa, ir-raħal niżel, għax ma għarafx jaqbad tarf ieħor ta' sengħa fejjieda." Dun Karm kien qiegħed jitkellem dwar Malta ta' tmiem is-seklu dsatax, iżda t-ton li juża u l-bixra poetika li jħaddem tixbah lil tal-kittieba Taljani tal-bidu tas-seklu dsatax u l-iktar l-iktar sa nofs dak is-seklu.

Jekk lil Ġan Anton Vassallo nistgħu nqisuh stilistikament leġittimu fiż-żmien fil-kuntest Taljan, Dun Karm fis-sew ma jistax jitqies hekk. Ma ninsewx, qabel ma l-Faxxiżmu ħarbat il-linja naturali li kienet miexja tulha l-poetika Taljana b'riħet poeti bħal Marinetti u oħrajn[22] fiż-żmien li qed insemmu, kienu ġa qed jinkitbu vrus tabilħaqq futuristiċi li radmu r-romantiċiżmu dekadenti kollu bħala ħaġa tal-imgħoddi. Dun Karm ma kienx poeta ta' żmienu fil-kuntest Taljan jew Ewropew. Iżda kien ta' żmienu fil-kuntest Malti. Għad li fl-Ewropa, Malta, (u iktar u iktar Ħaż-Żebbuġ), kienet għadha tgħix bħala nazzjon, fi żmien aktar bikri. Bħala kolonja ta' ħaddieħor, b'rajha f'idejn il-barrani, kienet għadha fil-benniena tan-nazzjonalità u għadha trid min ibenninha u min iħanninha sakemm tgħaqqad għadamha u tkabbar laħamha. Il-vers tal-għana li

[22] Ta' min wieħed isemmi hawnhekk l-famużi versi Faxxisti, *Marinetti basta così*. F'iktar minn sens wieħed, il-Faxxiżmu kien pass lura fil-mixja taċ-ċiviltà tal-Punent u tad-dinja li tħares lejn il-Punent bħala t-torċa li tixħet id-dawl fuq il-mogħdija li tiegħu lejn l-għerf u l-għarfien tal-bniedem.

Vassallo għarfu bħala l-aqwa vers Malti u li kien jaqbel mal-vers Taljan tat-tmienja, ferrieħ u qabbieżi, kien għadu l-aħjar vers għall-poeżija, għax l-aktar li jinżlilha għasel f'widnejha, iwennisha, isabbarha, ifarraġha u fuq kollox irawwimha u jħejjiha għal ħwejjeġ aqwa fil-ġejjieni.

Dan, Dun Karm kienu jafu sew, għaliex mhux biss kellu l-polz tal-poplu iżda kien jaf sew x'kien jeħtieġlu l-aktar bħala poplu li għadu jrid isib triqtu lejn id-dinjità li popli oħra kienu ilhom igawduha. Sa dak iż-żmien kienu dehru għadd ta' ġgajtiet politiċi li stqarrew li l-għan aħħari tagħhom kien sewwasew il-kisba ta' din id-dinjità. Ix-Xirka tal-Imdawlin, imwaqqfa minn Manwel Dimech[23] ma kellhom l-ebda għodda biex iroddulu s-setgħa quddiem il-barrani jew il-ħila biex mexxi. Fil-qafas soċjo-politiku ta' dak iż-żmien lanqas jedd għall-vot ma kellhom[24]. Barra minn hekk, il-moviment ta' Dimech kien kisirha bl-ikreh mal-Knisja u tilef kull tama ta' appoġġ fost dawk tal-iskola li lkoll kienu jistqarru fedeltà u lealtà lejn il-Knisja Kattolika. Terġa', Dun Karm la kien ġej minn familja tal-ħaddiema u lanqas minn raħal tabilħaqq tal-ħaddiema. Fi żmienu Ħaż-Żebbuġ kien raħal tan-neguzjanti, dawk ta' Triq il-Kbira li f'nofsha kellha Misraħ San Filep, il-qofol tal-ħajja Żebbuġija, u tal-bdiewa u tar-

[23] L-ewwel manifest ta'Manwel Dimech insibuh fl-ewwel ħarġa ta' *Il Bandiera tal Maltin*, *Giurnal Mehtieg* (8 ta' Jannar 1898): "(Dan il-ġurnal) ifittex biex idarri lill-Maltin sa minn żgħurithom biex jgħoddu rwieħhom b'nies, ma jiċkinux, bħal ma jagħmlu, quddiem il-barranin, u ma jgħidux iżjed illi Malta hija ta' din jew ta' dik in-nazzjon, bħallikieku huma ma kienu xejn fid-dinja, bħallikieku huma m'humiex nazzjon ukoll, bħallikieku Malta m'hix tagħhom, bħalma kienet ta'missirijiethom. Jagħmel kemm jiflaħ ukoll biex juri lin-nazzjon Maltija x'inhi u x'mhix, x'imissha tkun u x'ma jmisshiex tkun, għaliex hija dak li hi, u m'hix dak li jmissha, li jistħoqqilha u li tista' tkun. Fl-aħħarnett iqisu dmir tiegħu li jwaħħad il-ħsibijiet tal-Maltin u l-Għawdxin tad-dinja kollha fi ħsieb wieħed, u jgħaqqad qlubhom f'qalb waħda…"

[24] M'għandniex għalfejn nistagħġbu li f'Dun Karm m'hemm l-ebda ħjiel tal-ġlieda tal-klassi ħaddiema-sidien. Lanqas fl-istoriku kbir George Trevalyan (1876-1962) ma tidher din il-bixra li fl-Ingilterra saret magħrufa u kisbet wisa' bħala suġġett għalih fis-snin tat-Tieni Gwerra Dinjija meta beda jixxittel l-istudju storiku magħruf bħala *New History* (l-Istorja l-Ġdida). Kemm Trevalyan u kemm Dun Karm kienu ħassieba b'għeruqhom fis-seklu dsatax u qajla mlewna mill-bixriet ewlenin tas-seklu għoxrin li fis-sew għollew rashom bħala dixxiplini għalihom, l-ewwel wara t-Tieni Gwerra Dinjija u mbagħad fis-snin sittin meta kemm l-istoriku u kemm il-poeta lanqas biss kienu għadhom f'did-dinja.

raħħala (Ħal Muxi); il-ħaddiema, minoranza, kienu l-faħħama (Ħal Dwin u minn tad-Dawl sal-Ħofra).

Il-partit l-ieħor, imwaqqaf għexieren ta' snin qabel u li stqarr bħala s-sies ta' twemminu r-*Religio* u l-*Patria* kien wera biċ-ċar li jrid jeħles mill-ħakma Brittanika. Fost l-imsieħba ta' dal-partit kien hemm uħud li jridu jeħilsu mill-Ingliżi biex isieħbu lil Malta mal-*Patria* l-kbira jiġifieri l-Italja li ma kinitx ilha li ngħaqdet billi, fost ħwejjeġ oħra, ħattet is-saltna tal-Papa. Malli l-ġerħa tal-ġlieda bejn il-Papat u l-patrijotti Taljani fieqet, l-aktar bil-Konkordat ta' Mussolini, il-*Partito Nazionale* ma kien baqagħlu l-ebda xkiel biex imexxi f'nifs wieħed l-għajta għas-sħubija fl-Italja l-ġdida kontra l-ħakma Ingliża u l-għajta għall-Kattoliċeżmu kontra l-Protestanteżmu.[25] Bħala bniedem kolt (jew, kif kienu jgħidu dak iż-żmien, "ta' l-iskola") u fuq kollox poeta li ġa wera ħiltu bl-Ilsien Taljan, Dun Karm kien mistenni minnu li jkun jagħmel sehem minn dan il-grupp politiku. Iżda Dun Kam, mixgħuf mill-kastig inġust li kien ġarrab fis-Seminarju kien daq il-qilla ta'dawn il-filo-Taljani u aktar twebbel li l-poplu Malti kellu jissaħħaħ bħala poplu għalih bla ma jistenna l-għajnuna mill-Italja.

Dawn il-fehmiet huma msaħħin mhux biss bit-tifsir nofsu mistur fil-poeżiji tiegħu, iżda fl-ittri li kien jibgħat lil Karmen Mikallef Buħaġar fis-snin erbgħin meta kien reġa' tela' Ħaż-Żebbuġ bħala refuġjat mill-ħbit mill-ajru tat-Taljani u tal-Ġermaniżi. Iżda dwar dan nitkellmu minn hawn u ftit ieħor.

Għalissa nibqgħu nsemmu l-lehma qawwija li silet Dun Karm mill-ambjent naturali u uman ta' raħal twelidu. F'*Lill-Mitħna tar-Riħ*, Dun Karm jiġbor il-ħsus romantiċi tiegħu mlewnin b'laqtiet ta' nostalġija. Bilkemm ma tistħajjilx li l-poeta jara l-mitħna qisha xebba Żebbuġija mibruma u

---

[25] Lanqas fin-Nażisti ma seta' dal-partit tar-*Religio et Patria* jsib xejn li jmur kontra l-ideoloġija tiegħu għaliex imqar Hitler fil-*Mein Kampf* kien wera l-fehma li ma jtennix l-iżbalji tal-*Kulturkampf* li minħabba fiha l-Kattoliċi Ġermaniżi kienu sfaw maħruqa u l-Vatikan dar kontra l-Ġermanja ta' Bismarck. Jekk kien hemm ideoloġija li kienet bil-miftuħ u bla ħabi kontra l-Knisja u sahansitra kontra Alla, din kienet imħaddna mix-xellugin u mill-Bolxeviki; min-naħa l-oħra l-ħakkiema ta' Malta kienu Protestanti li bosta minnhom kienu wkoll fi ħdan il-Mażunerija – għaqda li kemm Hitler kemm Mussolini ħaduha qatta' bla ħabel kontrieha minħabba fil-kilba totalitarja li kellhom biex jikkontrollaw il-ħajja ta' ġnushom u tal-kompajżani kollha tagħhom.

felħana, taħdem fix-xemx u r-riħ tar-Raħal sa ma mbagħad kibret u saret "mara xiħa" mhux fis-sens ta' għaġuża imma fis-sens intraduċibbli Taljan ta' "*una vecchia signora*", madankollu n-nies li ma baqgħetx taralha siwi, bdiet tgħoddha sewwa bħala xiħa għakka li għadda żmienha. Iżda bil-maqlub tan-"nies belha" li tidħak biha, Dun Karm itenni:

*Jiena nagħdrek, għadni nħobbok,*
*Għalkemm tbiddlu ż-żminijiet,*
*Għax tal-ħobż li kont titmagħni*
*Għandi l-isbaħ tifkiriet.*

Fl-imtieħen ta' Ħaż-Żebbuġ ta' tfulitu, Dun Karm jilmaħ dinja antika, ħelwa, qalbha tajba,[26] li ma kinitx ilha li mietet. Min ilumu jekk id-dinja antika tieegħu mietet ħafna wara li mietet id-dinja antika tal-kittieba tal-kontinent? Jekk ġrajjet Malta timxi b'għexieren ta' snin wara dik ta' pajjiżi oħrajn, min jista' jsib ħtija f'poeta bħal Dun Karm li ried ikun awtentiku u ġenwin fil-konfront ta' pajjiżu? Dan l-aspett tat-tematika Dunkarmjana xi wħud mill-kritiċi, l-aktar tas-snin sittin, kien jaqbżilhom. Għal uħud minnhom id-dinja donnha kienet bdiet f'dawk is-snin, għal oħrajn kien hemm raġunijiet li għandhom mnejn riedu jostruhom jew għall-inqas jinsuhom u jnessuhom.

Min irid isir jaf sewwasew dawn ir-raġunijiet hemm il-ktieb *L-Ittri ta' Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar*, *miġbura b'daħla minn Oliver Friġġieri* u bil-qari tiegħu jista' jsir midħla ta' dak li kien iħoss tassew Dun Karm fuq in-nies ta' żmienu. B'kumbinazzjoni, jew għandu mnejn b'kumbinazzjoni xejn, l-ittri li fihom Dun Karm jiftaħ qalbu dwar il-politika tal-partiti u tal-qassisin sħabu kitibhom bejn l-1941 ul-1943 meta kien refuġjat fi Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ joqgħod għand qrabatu. Kienu dawn snin ta' ħbit qawwi mill-ajru ġej mingħand dawk li sa ftit qabel kienu jżiegħlu bil-Maltin u jfissduhom billi jsejħulhom "*fratelli d'oltremare*" u lil gżiret twelidhom "*l'ultimo limbo dell'Italia*" u ħwejjeġ bħal dawn biex idawruhom lejhom u jħabbuhom magħhom.

F'ittra tat-8 ta' Diċembru, 1941 fid-dar 264, Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ,

[26] M'humiex it-tifkiriet ta', ngħidu aħna, l-imtieħen tal-Medjuevu li baqgħu magħrufin bħala ċentri ta' setgħa u qawwa politika billi sjiedhom kellhom ħakma qawwija fuq l-inħawi li kienu jafu l-ikel tagħhom lilhom.

fejn kien refuġjat għand qrabatu, Dun Karm kiteb hekk dwar it-tema tan-nuqqas ta' patrijottiżmu fost il-Maltin: "Għidtli: imma, Dun Karm, għaliex Malta ma hix ixxurtjatha fl-imħabba ta' wliedha? Nibda biex ngħidlek illi bħalma fost il-Maltin, fost il-barranin ukoll issib il-wieħed u 'l ieħor: hemm min iħobb lilu nnifsu aktar milli jħobb lil Pajjiżu. Iżda għalina l-Maltin hemm raġuni oħra, storika li mal-mixja tas-snin ħadet sura psikoloġika. Il-Maltin qatt ma kienu Sidien f'Pajjiżhom: għal tlett elef sena kienu dejjem taħt il-ħakma tal-barrani: Feniċi, Kartaġiniżi, Rumani, Għarab, Normanni, Spanjoli, Kavallieri, Franċiżi, Ingliżi kienu wara xulxin is-Sidien ta' Malta u l-Maltin ftit jew wisq kienu dejjem minsijin, mgħakksin, maħqurin: għalhekk huma qatt ma kellhom dak l-ideal ta' Patrija li għandhom il-Pajjiżi l-kbar: dak is-sens u l-hena ta' ħelsien, ta' ġustizzja, ta' nazzjonalità indipendenti, qatt ma kien patrimonju tagħhom … u xi wħud għadhom ma jistgħux jifhmu kif Malta tista' tkun nazzjon għaliha, u għadhom iħarsu lejn ix-xellug u lejn il-lemin biex jingħaqdu ma' ħaddieħor: tant illi l-kelma Nazzjonalist f'Malta tfisser min jiċħad in-nazzjonalità Maltija u jfittex oħra."

Dawn huma fehmiet li Dun Karm ma kienx jesprimihom ta' sikwit f'għamla hekk ċara, għad li vrusu miżgħudin b'tifsirithom. Dan għaliex Dun Karm kien serju wisq biex jiċċerċer fil-polemiki żorri u bosta drabi ħamalli li tant iħobbu jidħlu fihom nies ta' stoffa inqas minn tiegħu. Imqar meta jwieġeb lil Pino Donati għall-ħbit li għamillu dan it-Taljan,[27] iżomm il-kalma u juri li jisboq il-qilla personali bil-maturità tiegħu. U lil dawk kollha li kienu juru ruħhom inqas irġiel milli kien jistenniehom kien ġa qalilhom kif jaħsibha dwarhom:

*Ix-xjuħ li kellna dari*
*Kellhom xi qawl bħal dan:*
*"Asaħħ kelmet il-Maltin*
*Minn ħalfet is-Sultan."*

*Iżda xi nies ta' żmienna*
*Dal-qawl ma jemmnux bih,*
*Għax il-Progress għallimhom*

---

[27] Ċertu Pino Donati ħabat għal Dun Karm bl-artiklu "*La Zecca che non l'azzecca*" fil-*Malta*, 29 ta' Settembru 1934, p.d. Bis-sunett tiegħu, Dun Karm jixhed il-maturità etika tiegħu bħala bniedem u kif jistqarr u jisħaq hu nnifsu, bħala qassis Nisrani.

*Iduru ma' kull riħ.*

B'leħen sieber u mrażżan (jew irżin, kif kien iħobb jgħid il-poeta nnifsu) Dun Karm għażel li ma jaħlix żmien magħhom u ħinu jaħtru għall-kitba ta' temi ogħla u aktar fuqana. Il-ġmiel ta' Dun Karm fl-aqwa tiegħu jisboq it-tilwim u l-ġlied pettegolu jew partiġjan li ma kienx intelletwali biżżejjed biex iqanqal fih ħsibijiet għolja. Dun Karm kien isib, mela, xi jġagħlu jixxiegħel b'lehma, meta jħares lura lejn l-imgħoddi u jilmaħ sehem Żebbuġin qalbiena li barra milli semmiehom f'*Lil Ħaż-Żebbuġ*, kitbilhom sunetti u innijiet bħal dawn li ġejjin bil-għan li jużahom bħala mudelli għan-nies ta' żmienu. Wieħed huwa *Innu lil Dun Mikiel Xerri f'għeluq il-200 Sena mit-Twelid Tiegħu (1737 – 1937)*[28] li kien ukoll

[28] Dan l-innu tħejja għall-festa tal-anniversarju ta' twelid Xerri minn kumitat maħtur f'Ħaż-Żebbuġ fl-1937 b'Dun Karm wieħed mill-presidenti onorarji. Dun Mikiel Xerri (1737 – 1799) kien tgħallem l-ewwel għand il-qassis Żebbuġi , magħruf għal għerfu, Dun Salv Pace li kien jgħallem is-Seminarju u mbagħad tgħallem Montpellier. Bħala professor tal-filosofija l-Università kien jgħallem kontra l-fehmiet tal-Illuminiżmu, kif jidher mit-teżarji li l-istudenti tiegħu kienu jiktbu taħt it-tmexxija tiegħu, fosthom wieħed imsemmi "*Contro il cittadino ginevrino*" jiġifieri Jean-Jacques Rousseau. Bħala konservattiv Xerri kien minn ewl id-dinja kontra r-Rivoluzzjoni Franċiżi u kontra l-Gvern Rivoluzzjonarju li ħalla warajh il-Ġeneral Bonaparti meta baqa' sejjer fi triqtu lejn l-Eġittu. Għal sehmu fir-rewwixta kontra l-Gvern Rivoluzzjonarju, Xerri safa kkundannat għall-mewt u miet mewta qalbiena. Dun Karm qajla jidher li ta kas tad-differenza ideoloġika bejn Vassalli u bejnu. Waqt li l-ideoloġija ta' Vassalli kienet dik Illuminista u mħaddna u mxerrda mir-Rivoluzzjonarji Franċiżi, ta' Dun Mikiel Xerri, bħal dik imħaddna mill-Isqof F.S. Caruana minn Settembru 1798 lil hinn, kienet dik tas-Sanfedisti u ta' Ferdinandu IV ta' Napli (wara, Ferdinandu I taż-Żewġ Sqallijiet) miġbura fil-Kredu mfassal b'ġieħ ir-Re: "*Io credo nella potente Monarchia di Napoli, creatrice della subbordinazione, Felicità del Principe Ereditario Re, Figli unico Signore nostro, il quale fu concepito di vera Religione nacque in grembo di S.Chiesa sua pura Vergine, e Madre, patì sotto l-infame gran Mastro Ariola, fù crocifisso da gran Scuola d'Empij, e traditori, morì al suo Regno fù sepolto in una Nave, discese nel Mediterraneo nel 3o giorno nelle Calabrie, dove stette per poco alla destra del Cardinale Ruffo, e potente: Di là ha da venire a giudicare l'impuri, e sfrenati Giacopini. Io credo nello spirito potente di questo gran Monarca, pieno di sue eroiche virtù. La Communione a suoi fedeli popoli, e niuna remissione a suoi impotenti nemici. La resurrezione del Regno, la vita perpetua e morale de suoi fedeli. Così sia.*" (Emiliani, A. (1911) *I francesi nelle Marche, 1797 – 1798*, Falerone). Fil-poeżija tiegħu Dun Karm iħajjar liż-Żebbuġin jitkabbru bil-kobor ta' nieshom ("qabilhom") ħalli jimxu fuq passihom. L-imħabba li Dun Karm kellu għal raħal twelidu tnessih konsiderazzjonijiet li min

immużikat u jitkanta, u l-ieħor *Lil Mikiel Anton Vassalli.*

Meta wieħed iqabbel l-innu lil Xerri u s-sunett lil Vassalli, ma jistax ma jintebaħx b'dawn il-ħwejjeġ: fil-każ tal-ewwel ifaħħarlu qlubitu li wasslitu biex iħares bla biża' f'wiċċ il-mewt; f'tat-tieni jfaħħar il-ħsieb nazzjonali ogħla u aktar intelletwali li wasslu biex joħlom il-ħolma li huwa jsemmi fl-ittra lil Mikallef Buħaġar. Iżda l-għan tiegħu li juża liż-żewġ persunaġġi storiċi bħala mudelli jnessih id-differenza ideoloġika ta' bejniethom: wieħed jaqbel mal-Illuminiżu, l-ieħor kontrih.

Minħabba l-bixriet fiżiċi u morali ta' raħal dari kbir u kburi, li minnu ma jidhirx il-baħar li jfakkrek fit-truf u ċ-ċokon ta' Malta, Ħaż-Żebbuġ għandu ħabta jqanqlek aktar għal ħsus fuqana bħalma hija r-rabta mal-"kobor" ta' art twelidek u jkattarlek l-għożża għaliha. Huwa sewwasew meta wieħed iqiegħed lil Dun Karm fil-kuntest Żebbuġi, li bosta ħwejjeġ jidhru ċari aktar minn qabel. Donnu r-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ inħoloq minn ewl id-dinja bħala benniena għall-ideat u l-ideali nazzjonali ta' nazzjon li damet ma fehmet lilha nnifisha u ħtieġet nies qalbiena biex jiftħulha għajnejha u juruha t-triq lejn id-dinjità tagħha mhux bħala poplu fuq blata żgħira f'nofs ta' baħar kbir, iżda bħala nazzjon ħielsa u b'rajha f'idejha. Fih twieled u trawwem Mikiel Anton Vassalli li ntebaħ bir-regolarità tat-taħdit tiegħu[29] li bih stħoqqlu li jkun is-sies għall-binja tal-Malti li kien għadu mitluq u mhux imrawwem sewwa. Warajh kellu jiġi Dun Karm li kattar dak li xittel hu u fejn Vassalli, wara li xxiegħel u ħabrek biex iqajjem fuq saqajh l-ilsien, stieden lil min jissokta billi jrawwem il-letteratura tiegħu[30] .

jistudja l-istorja bħala ġrajjiet li seħħew tassew ma jistax iwarrabhom.

29 Huwa fatt li waqt li l-lessiku tradizzjonali taż-Żebbuġi u l-idjomi tiegħu huma aktar Semitiċi minn ta' mkejjen oħra, għax anqas mittiefssa mill-ilsna l-oħrajn li kienu jlewnu t-taħdit tal-inħawi t'isfel u tal-ibliet, il-mod kif juża l-verbi u l-bqija tal-binja tat-taħdit huma aktar regolari wkoll. Vassalli li, m'għandniex xi ngħidu, kien jafu sew, intebaħ li seta' jinqeda bih, aktar milli b'taħdit ieħor, sabiex jibni l-grammatika tiegħu tal-Malti.

30 Vassalli, bħala bniedem tas-Seklu tad-Dawl, ħass dak li "seħbitu" fl-ideoloġija illuminista, Eleonora Fonseca Pimentel (1752 –1799), ħasset meta kitbet hekk fuq in-Naplitani taħt il-Borboni: "*Se ben si rimonti alla cagione de' nostri ultimi mali, si vedranno derivati particolarmente da questa separazione; e tuttavia la plebe diffida de' patrioti, perché non gl'intende. In una parola, per fin che lo stabilimento di una educazione nazionale non riduca la plebe ad esser popolo, conviene che il popolo si*

L-istedina ta' Vassalli, Dun Karm laqagħha u bil-ħeġġa li wiret mingħandu ħadem l-għalqa li ħallielu f'idejh. Id-differenza waħdenija li feġġet bejn ix-xewqa ta' Vassali u t-temma tagħha f'idejn Dun Karm kienet li waqt li Vassalli xtaq li min imidd għonqu għax-xogħol maħlum minnu, jiżra' ż-żerriegħa tal-kitba Maltija f'art semitika mdemmla b'motivi tal-qedem, bħal ngħidu aħna ġrajjiet Ċiru (li waħda minnhom qalibha mir-Rollin[31]), Dun Karm xeħet iż-żerriegha fl-art għammiela tal-kultura Latina mseddqa mhux biss mill-kittieba Rumani tal-qedem iżda wkoll min-neo-klassiċisti Taljani. Kif għamel Dun Karm sewa ta' ġid akbar sewwasew għax tiegħu kienet għażla li tidwi diwi aqwa tar-ruħ fil-kelma: kelma Semitika b'ruħ Latina. Kif għidna, il-*paradigm shift* li għamel Dun Karm ma kienx għal kollox sħiħ. Għad li ċċaqlaq mill-qagħda tal-bidu ta' kittieb bit-Taljan għat-tieni qagħda ta' kittieb bil-Malti (ċaqliqa kbira li heddet li theżżeż l-iskjerament kulturali b'effetti kbar imqar fil-qasam politiku), huwa ma warrabx l-għejjun kulturali u letterarji li kien soff minnhom u twettaq bihom. Bħalma jiġri dejjem fil-fenomenu mfisser minn Kuhn, ir-riżultat aħħari jkun taħlita taż-żewġ qagħdiet, il-qadima u l-ġdida. Sewa wkoll bħala r-rikonċiljazzjoni bejn l-isfond "Semitiku" Żebbuġi ta' Dun Karm mal-kultura Latina li kiseb min-"naħa t'isfel"[32] u li biha taffa wkoll il-kriżi spiritwali qalila li ħakmitlu qalbu u

*pieghi ad apparir plebe." (Monitore Napolitano*, Frar, 1799). Ta' min wieħed jgħid li Pimentel qed tuża l-kelma *plebe* biex tagħmel distinzjoni bejn poplu li jaf x'inhu l-ħtiġiet u l-jeddijiet tiegħu u għalhekk għandu l-ħila jkun protagonista politiku u poplu (*plebe)* li ghadu ma laħaqx dik it-tarġa fl-għarfien tiegħu. Ħidmet Pimentel kienet tixbah qatigħ lil dik ta' Vassalli fost il-Maltin. Waqt li Vassalli safa mitfugħ il-ħabs u mbagħad eżiljat għal sehmu fir-"rewwixta" li neħħiet il-ħakma fewdatarja u oskurantista tal-Ordni minn Malta, Fonseca Pimentel sfat mitfugħa l-ħabs u maqtula mal-waqgħa tar-Repubblika Partenopea (De Felice R, (1972) *I giornali giacobini italiani, Feltrinelli*).

31 Il-ġrajjiet tas-Sultan Ċiru miktubin f'għadd ta' volumi mir-Rollin kienu popolari ħafna fis-seklu tmintax ; kien jaqrahom kulħadd, mhux biss fl-iskejjel fejn sa mis-snin ta' nofs is-seklu kien test ta' tagħlim, l-aktar dawk li kienu jħaddnu t-twemmin u l-prinċipji tal-Illuminiżmu u tar-Rivoluzzjoni Franċiża, fosthom Bonaparti. Isemmih ħafna Voltaire li bil-maqlub ta' li jagħmel is-soltu, ma jinqediex bis-sarkażmu qalil tiegħu iżda x'aktarx b'qima.

32 Mogħdija murija minn Vassalli nnifsu fid-*Discorso Preliminare* għal-*Lexicon* fejn għamilha ċara li ried jinqeda biż-Żebbuġi biex jibni l-ilsien nazzjonali u mhux dak tal-ibliet tan-"naħat t'isfel" billi d-djalett ta' dawn kien mgħajjeb b'taħlit mit-

sewdithielu għall-mewt. Is-sura tat-taħlita f'Dun Karm hija, fuq kollox, mera xierqa tat-taħlita waħdenija li hija l-bixra ewlenija tar-ruħ Maltija, ħajja u qalbiena.

## Nota dwar l-għejjun:

Il-kotba msemmijin fit-test ta' dil-kitba huma l-għajn ewlenija għat-tema; iżda magħhom qed jitniżżlu wkoll kotba oħrajn li b'mod jew ieħor ikattru t-tagħrif mimsus fuq fuq. Minkejja l-għadd kbir ta' kitbiet li dehru dwar Dun Karm kemm f'ħajtu kemm wara mewtu, l-aqwa studji li saru fuqu huma dawk tal-Professur Oliver Friggieri, li għad li hu nnifsu jista' jitqies bħala wieħed mill-kittieba ewlenin tas-Snin Sittin tas-seklu l-ieħor li fihom feġġet polemika ideoloġika qalila fiċ-ċrieki letterarji u fil-ġurnali ta' dak iż-żmien u seħħ qtugħ mill-qiegħ minn mal-iskola Dunkarmjana, raddlu l-akbar ġieħ billi daħħlu fil-kuntest storiku reali tiegħu; lil hinn minn dil-ħidma lieżma, Friggieri ġabar il-poeżiji kollha ta' Dun Karm u ħaffef mhux bi ftit ix-xogħol tat-tiftix għall-istudjużi u għall-istudenti.


- Cardona, Ġ, (1972), *Dun Karm – Ħajtu u Ħidmietu*, Klabb Kotba Maltin.
- Ciappara, S, (1882), *La Storia del Zebbug e della sua parrocchia*; maħruġ it-tieni darba bħala *Ġrajjet Ħaż-Żebbuġ, trad. ta' Frans Sammut*, 2001.
- Cremona, N, (1929), *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*, Malta.
- Daly, G., (1980), *Transcendence and Immanence: A Study in Catholic Modernism and Integralism*, Oxford.
- De Felice, R, (1972), *I giornali giacobini italiani*, Milano: Feltrinelli.
- Dimech, M, (1898), *Il Bandiera tal Maltin, giurnal mehtieg*, Malta.
- Dun Karm (1936), *Ugo Foscolo, L-Oqbra, daħla qlib u tifsir*, Stamperija tal-Gvern.


Taljan u mill-Franċiż. Id-differenza kienet li Dun Karm neħħa barra l-kliem "bl-imgħawweġ" li Vassalli baqa' jinqeda bih saħansitra fil-*Grammatica* tal-1827. Bħalma t-Taljan huwa l-isbaħ meta mħaddem bir-riċetta "*lingua toscana in bocca romana*", hekk ukoll Dun Karm seddaq u sebbaħ il-fasla ta' Vassalli bit-tirqim tas-sinteżi lingwistika barra milli kulturali li għamel.

- Durant, W. & A, (1968), *The Lessons of history*, New York: MJF Books.
- Emiliani, A. (1911), *I francesi nelle Marche, 1797 – 1798*, Falerone.
- Falconi, C. (1967), *Popes in the twentieth century*, Londra.
- Friggieri, O, (1980), *Dun Karm – Il-poeżiji miġbura*, Klabb Kotba Maltin u Karmen Mikallef Buħaġar.
- Getto, G. (1975), *Opere di Giacomo Leopardi*, Milan, Mursia editore.
- Mikallef Buħaġar, K, (1997), *L-Ittri ta' Dun Karm lil Karmen Mikallef Buħaġar, miġbura b'daħla minn Oliver Friggieri*, Malta: PEG.
- *"Malta", organo del Partito Nazionalista*, Malta: 29 ta' Settembru 1934.
- Praz, M, (1930), *La carne, la morte e il diavolo nella letteratura romantica*, Firenze: Sansoni.
- Sammut, F, (1982), "New Directions in Maltese poetry", *Hyphen*, Vol.III, Number 2, New Lyceum.
- Vassalli, M.A. (1828), *Motti, aforismi e proverbii maltesi*, Malta.

**Appendiċi -3**

# Il-Poeta Nazzjonali Mons Carmelo Psaila (Dun Karm)

## Kronoloġija

| | |
|---|---|
| 18-10-1871 | twieled Ħaż-Żebbuġ fil-ħamsa ta' filgħodu minn Filippu Psaila u Lunzjata mwielda Pisani. |
| 1878- 1885 | skola elementari, Ħaż-Żebbuġ. |
| Sett. 1885 | daħal is-Seminarju bħala student intern. |
| 17-12-1892 | ordnat sud-djaknu. |
| 19-05-1893 | żjara qasira Ruma. |
| 23-12-1893 | ordnat djaknu. |
| 19-05-1894 | ordnat qassis fil-Konkatidral ta' San Ġwann. |
| Sett. 1896 | beda jgħallem is-Seminarju. Baqa' jgħallem sal-1921. |
| 1896 | ippublika *Foglie d'Alloro*. |
| 08-08-1901 | żjara qasira Tuneż, Franza u Londra |
| Jan. 1912 | kiteb l-ewwel poeżija bil-Malti (*Quddiem Xbieha tal-Madonna)* |
| Sett. 1912 | żjara qasira fi Vjenna. |
| Apr. 1913 | kiteb *T'adoriam Ostia Divina* għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta. |
| Mejju 1914 | ippubblika fi ktieb imsemmi " *Ġemgħa tal-poeżija li ktibt bil-Malti"* l-ewwel 15-il poeżija tiegħu bil-Malti |
| 1920 | ippublika "*Ward ieħor"*. |
| 14-11-1920 | twaqqfet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u Dun Karm inħatar membru tal-Kummissjoni li kellha tħejji ortografija ġdida. |
| 01-06-1921 | Assistent Biblijotekarju tal-Biblijoteka Nazzjonali tal-Belt. |
| 27-02-1922 | kiteb il-versi tal-Innu Malti, li ndaqq għall-ewwel darba fis-27 ta' Diċembru 1922, fit-teatru Manoel. |
| 05-04-1922 | inħatar Monsinjur Onorarju tal-Katidral. |
| 01-01-1924 | sar direttur tal-Librerija Ċirkolanti. |
| Aww. 1925 | żjara qasira fl-Italja. |

| | |
|---|---|
| 1927 | ippublika *Non Omnis Moriar*. |
| 09-06-1928 | sar President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u fl-istess sena Editur ta' *Il-Malti*. |
| 1932 | ippubblika "*In-Nawfraġju" jew 15-il Warda li fetħu fuq ix-xtajta fejn rifes S.Pawl.* |
| 25-09-1933 | kiteb *Ittra ta' Tagħrif Letterarju lil Ġużè Aquilina,* fejn jagħti tagħrif fuq ħajtu. |
| 24-06-1933 | żjara fl-Italja u Franza fejn żar Lourdes. |
| 1935 | ippublika *Ineż u Emilja,* rumanz maqlub mit-Taljan ta' D. Caprile. |
| 1935 | Laurent Ropa, fl-artiklu *"Malta et sa litterature"* f' *La Grande Revue,* isejjaħ lil Dun Karm "Poeta Nazzjonali". |
| 17-10-1936 | ħareġ bil-pensjoni tal-Gvern. |
| 1936 | ippublika l-poeżija "*L-Oqbra*". |
| 1937 | beda jippublika d-Dizzjunarju faxxiklu faxxiklu. |
| 01-04-1938 | ippubblika "*Il-Jien u Lilhinn Minnu*". |
| 1939 | it-Tabib Ġużè Bonniċi ppubblika "*L-Għana ta' Dun Karm"* Vol.I u Vol II. |
| 1940 | Dun Karm inħatar President Onorarju tal-Każin San Filep. |
| 1940 | it-Tabib u kittieb Ġ. Bonniċi, ħareġ it-tielet Vol. ta' "*L-Għana ta' Dun Karm*". |
| 27-02-1941 | l-Innu Malti magħruf uffiċjalment mill-Kunsill tal-Gvern bħala l-Innu Nazzjonali. |
| Marzu 1942 | sar President Onorarju tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. |
| 01-10-1945 | l-Università ta' Malta tatu l-grad *D. Litt. Hon.Causa.* |
| 04-08-1946 | ingħata l-medalja tad-deheb *Ġużè Muscat Azzopardi.* |
| 11-10-1956 | ingħata d-dekorazzjoni *C.B.E.*mir-Reġina Elisabetta II |
| 23-07-1957 | ingħata pensjoni oħra mill-Parlament Malti. |
| 13-10-1961 | Dun Karm miet fl-għomor ta' 90 sena neqsin ħamest ijiem. Huwa kien talab u qala' permess biex jibni kappella personali fiċ-ċimiterju Qalb ta' Ġesù f'raħal twelidu fejn jinsab midfun illum. |

# Appendiċi -4

# Xbihat ta’ ħajja twila u ħabrieka










Omm Dun Karm, Lunzjat imwielda Pisani (1831 – 1909).
Id-djar fejn twieled u trabba Dun Karm, nru 18 (fuq) u nru 36 (taħt) fi Triq il-Parroċċa, Ħaż-Żebbuġ.
Rħamiet mad-dar fejn twieled; u fejn għex għal 26 sena fi 52 Triq l-Ifran, il-Belt Valletta.
Ma’ sħabu tas-Seminarju fejn l-ewwel kien tgħallem u mbagħad kien jgħallem.








Dun Karm imsieħeb fl-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti li twaqqfet fl-1920.



"Quddiem Xbiha tal-Madonna" l-ewwel poeżija bil-Malti ta' Dun Karm. Kitibha fil-11 ta' Jannar 1912.



L-innu tat-Tabib Robert Samut, Il-kompożitur tal-mużika tal-Innu Malti li kien imnebbaħ mill-melodija ta' din l-għanja tradizzjonali Maltija (taħt), li tinsab fil-ktieb ta' George Percy Badger, *Description of Malta and Gozo*, 1839.








Dun Karm flimkien mal-kumitat tal-Każin San Filep miġburin ma' Lord Gort, Gvernatur ta' Malta ftit wara li l-Każin ta x-Xabla tal-Ġieħ lill-Gvernatur fit-Tieni Gwerra Dinjija.





Is-Sur Abel Psaila, Viċi President tal-Każin San Filep, neputi ta' Dun Karm u d-dar fejn kien joqgħod li fiha Dun Karm qatta' l-ewwel sitt xhur miż-żmien li għadda Ħaż-Żebbuġ bħala refuġjat tal-gwerra.




Kien Dun Karm li għażel il-kliem imnaqqax fuq din l-irħama fl-intrata tal-Każin Banda San Filep, Ħaż-Żebbuġ. Din tfakkar il-konsagrazzjoni tal-Għaqda tal-banda San Filep lill-Qalb ta' Ġesù, ix-xiri tal-bini tal-każin u tgħid x'għandu jiġri mill-beni tal-Għaqda jekk din ikollha xxolji.



ST. PHILIP BAND CLUB,

ŻEBBUĠ.

Lil-Prof. Mons. K. Psaila, D.Litt.

Għażiż Mons. Psaila,

Għandna l-pjaċir u fl-istess ħin l-unur ninformawk illi fis-Seduta tal-Kumitat miżmuma nhar is-Sibt, 6 ta' Ottubru, 1945, ġie deċiż unanimament illi, meta l-Universita' Rjali ta' Malta qiegħda tinkuruna l-meriti letterarji tiegħek bil-għotja tal-grad ta' D. Litt., huwa tabilħaqq xieraq illi aħna, li tagħna inti President Onorarju, u magħna mwieled fl-istess raħal, nifirħulek b'mod speċjali.

Għalhekk il-Kumitat iddeċieda li jitolbok tilqa l-istedina biex nhar il-Ħadd, 21 ta' Ottubru, fil-5 ta' filgħaxija, tkun il-mistieden ta' Ġieh fil-każin tagħna u b'hekk tagħtina l-okkażżjoni li nfissrulek dan il-ferħ.

Bil-qima kollha meħtieġa lejk,
Għażiż Monsinjur,
Aħna għandna l-unur niffirmaw,

Segretarju

President

Nru. 7.

L-ittra ta' stedina lil Dun Karm għall-festeġġjament li l-Każin Banda San Filep għamillu fl-okkażjoni tal-għoti tad-dottorat fil-Letteratura (Honoris Causa).

NRU. 8.

Lill-President,

St.Philip Band Club,Zebbug

Sinjur,

Jiena tgħaxxaqt bil-ħsieb patrijottiku tiegħek u tal-Kumitat tal-Każin li biex tifirħuli għall- onorifiċenza li l-Alma Mater tagħna iddeċidied tagħmilli billi tagħtini l-Grad ta' D.Litt.,honoris causa,għogobkom tistiednu lili u l-Kleru kollu ta' Ħaż-Żebbuġ, nhar il-Ħadd li għadda,21 ta' Ottubru,1945, għal laqgħa għalenija u ferrieħa fiċ-Ċirkolu tagħkom.

Għalhekk jiena nitolbok li tiżżi ħajr fl-isem tiegħi lill-Membri kollha tal-Kumitat,lill-Arċipriet u lill-Kleru ta' Ħaż-Żebbug li kompla hekk sewwa mal-ħsieb tagħkom;u,fil-waqt li nizzi ħajr lilek ukoll mill-kliem sabiħ u għaqli li għidtli f'dik il-festa, nitolbok tgħoddni –

Dejjem Tiegħek,

Mgr. K. Psaila

34j,Victoria Terrace,

" Dar-is-Sliem " Sliema.

25 ta' Ottubru, 1945.

L-ittra ta' radd il-ħajr ta' Dun Karm lill-Kumitat tal-Każin Banda San Filep.








(fuq xellug) Dun Karm fl-aħħar snin ta’ ħajtu, flimkien mal-Professur A.J. Arberry, magħruf mad-dinja għall-għarfien tiegħu dwar l-Għarbi Klassiku u l-Professur Ġużè Aquilina fl-aħħar snin ta’ ħajtu.

(Fuq lemin) Il-bust ta’ Dun Karm li jfakkru fil-Biblijoteka Nazzjonali.

(xellug) Il-firma ta’ Dun Karm.

(taħt) Fl-1921 Dun Karm inħatar Assistent Biblijotekarju fil-Biblijoteka Nazzjonali.







Il-qabar ta’ Dun Karm, li kien iħobb isejjaħlu s-“sepulkru” f’Ħaż-Żebbuġ.







(xellug) Il-mafkar lil Dun Karm qrib il-Belt kapitali ta’ Malta.

(lemin) Il-bust ta’ Dun Karm imwaqqaf f’raħal twelidu fl-1971 mill-Kunsill Ċiviku ta’ Ħaż-Żebbuġ, f’għeluq il-100 sena minn twelidu u l-għaxar snin minn mewtu.




**Lilu l-knisja ma' qalbhom ħatrulu**
**Dawk li l-knisja b'ħilithom temmew:**
**F'din il-knisja l-ferħ tagħhom ħabbrulu,**
**Hawn fin-niket bis-sabar imtlew.**

**Meta waslet is-siegħa tal-qilla,**
**Hawn inġabru, taw bewsa 'l xulxin:**
**Minn hawn ħarġu qalbiena bħal ljuni**
**Għat-taqbida mat-Torok kefrin**

**O Missier Maħbub Filippu**

Bħala poeta Żebbuġi, Dun Karm, wera r-rabta tiegħu ma' Raħal twelidu billi radd ġieħ lill-Qaddis Patrun San Filep b'għadd ta' poeżiji, li l-aqwa fosthom tibqa' l-*Innu Popolari lil San Filippu t'Aggira*, mal-mużika immortali ta' Ġużeppi Caruana, li jqanqal l-ammirazzjoni u l-ħeġġa taż-Żebbuġin kollha.